

Brussell, 22 ta' Ġunju 2022
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0140(NLE)

9442/1/21
REV 1

SCH-EVAL 65
DATAPROTECT 154
ENFOPOL 214
FRONT 213
MIGR 105
SIRIS 53
VISA 116
IXIM 109
COMIX 299

PROPOSTA

| | |
|----------------|--|
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 278 final/2 |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 278 final/2.

Mehmuż: COM(2021) 278 final/2



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, **XXX**
COM(2021) 278 final/2

2021/0140 (NLE)

CORRIGENDUM

This document corrects COM(2021)278 of 2/6/2021. Change of interinstitutional reference. Concerns all languages.

The text should read as follows:

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013

{SEC(2021) 225 final} - {SWD(2021) 119 final} - {SWD(2021) 120 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Kuntest ġenerali

Iż-żona Schengen¹ hija waħda mill-aktar kisbiet sinifikanti tal-Unjoni Ewropea. Tejbet il-libertà ta' moviment billi tat lok biex aktar minn 420 miljun ruħ jiċċaqilqu mingħajr ma jkunu soġġetti għall-kontrolli fil-fruntieri interni, kif ukoll iffaċilitat it-twassil transfruntiera tal-oġġetti u s-servizzi, u għabet magħha benefiċċji soċjali u ekonomiċi sinifikanti għas-soċjetajiet tagħna.

Il-kooperazzjoni fl-ambitu ta' Schengen, li bdiet bejn ħames Stati Membri taħt qafas intergovernattiv bl-iffirmar tal-“Ftehim ta' Schengen” fl-14 ta' Ġunju 1985, kibret b'mod konsiderevoli minn mindu ġiet stabbilita għall-ewwel darba. Għal dawn l-aħħar 35 sena, l-UE assistiet għal evoluzzjoni kontinwa biex jiġu stabbiliti żona li taħdem sew mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni u sens rinforzat ta' fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Illum, qed taffaċċja realtà differenti u sfidi differenti minn dawk li kienu jeżistu meta ġiet stabbilita. L-instabbiltà fil-viċinat tal-Ewropa u lil hinn, il-kriżi tar-refuġjati fl-2015 u l-konsegwenzi tagħha, it-theddida terroristika ma taqta' xejn u l-pandemija tal-COVID-19 poġġew pressjoni konsiderevoli fuq Schengen u saħansitra wasslu biex xi Stati Membri jintroduċu mill-ġdid il-kontrolli fil-fruntieri interni għal perjodu ta' żmien fit-tul.

Biex tindirizza l-isfidi ffaċċjat miż-żona Schengen, il-President tal-Kummissjoni von der Leyen ħabbret strateġija dwar Schengen fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tagħha tal-2020². Fil-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Azil³, il-Kummissjoni indikat li l-Istrateġija ta' Schengen kienet se tgħaqqad inizjattivi leġiżlattivi u operazzjonali maħsuba li joħlqu żona aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, filwaqt li tirrinforza l-istrutturi ta' monitoraġġ u governanza tagħha. Inizjattiva bħal din hija r-reviżjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen (minn hawn 'il quddiem: “il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen” jew “il-Mekkaniżmu”).

Iż-żona Schengen għandha jsostnuha għadd sinifikanti ta' miżuri li jikkumpensaw għannuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni, jiffaċilitaw il-moviment liberu, u jiżguraw livell għoli ta' sigurtà u ġustizzja. L-acquis ta' Schengen jikkonsisti mid-dispożizzjonijiet integrati fil-qafas tal-Unjoni f'konformità mal-Protokoll Nru 19 anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), flimkien mal-atti li jibnu fuqhom jew li huma b'xi mod ieħor relatati magħhom. Għaldaqstant l-acquis jinkludi (1) miżuri fil-fruntieri esterni (il-ġestjoni tal-fruntieri esterni), (2) miżuri ta' kumpens (il-politika komuni dwar il-viżi, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-politika ta' ritorn u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen), u (3) mekkaniżmu robust ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. L-acquis ta' Schengen jinkludi wkoll rekwiżiti dwar il-protezzjoni tad-*data* u r-rispett ta' drittijiet fundamentali oħra. It-tliet pilastru essenzjali u kumplimentari li jissemmew hawn fuq huma s-sisien ta' Schengen u jagħmlu possibbli l-eżistenza ta' żona mingħajr kontrolli fil-

¹ Lil hinn mill-Istati Membri, iż-żona Schengen tkopri wkoll l-Iżlanda, in-Norveġja, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein (l-hekk imsejħa “Pajjiżi Assoċjati ma' Schengen”). L-Irlanda mhijiex parti miż-żona Schengen iżda mill-1 ta' Jannar 2021 tapplika parzjalment l-acquis ta' Schengen. Il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru u r-Rumanija huma marbuta bl-acquis ta' Schengen, madankollu, il-kontrolli fil-fruntieri interni għadhom ma tneħħewx fir-rigward ta' dawn l-Istati Membri.

² Id-Diskors dwar l-Istat tal-Unjoni mill-President von der Leyen waqt il-Plenarja tal-Parlament Ewropew, is-16 ta' Settembru 2020.

³ COM(2020) 609 final ta' 23.9.2020, p. 14-15.

fruntieri interni. L-istabbiltà kumplessiva ta' din l-arkitettura kumplessa tiddependi fuq is-saħħa ta' kull pilastru individwali u fuq il-koerenza u l-koeżjoni tas-sistema kollha kemm hi.

Żona Schengen li taħdem sew tiddependi fuq l-implimentazzjoni korretta u effiċjenti tar-regoli komuni, jiġifieri l-acquis ta' Schengen, u f'termini aktar ġenerali, fuq il-fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri. Nuqqas jew nuqqas ta' implimentazzjoni fi Stat Membru wieħed jista' jaffettwa lill-oħrajn kollha u sussegwentement ipoġġi f'riskju ż-żona Schengen. Il-monitoraġġ ta' kif Stat Membru jimplementa l-acquis ta' Schengen u s-segwitu abbażi ta' rakkomandazzjonijiet għal titjib maqbula b'mod komuni huma element fundamentali tal-istrutturi ta' governanza ta' Schengen. Diġà fl-1998, il-partijiet kontraenti tal-Konvenzjoni ta' Schengen stabbilew Kumitat Permanenti b'mandat li jidentifika n-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u jipproponi soluzzjonijiet⁴. Wara l-integrazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qafas legali tal-UE, id-Deċiżjoni li tistabbilixxi Kumitat Permanenti ġiet sostitwita bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013⁵ (minn hawn 'il quddiem: "ir-Regolament") li bħalissa jipprovdi l-bażi ġuridika għall-Mekkaniżmu. Ir-Regolament sar operattiv fl-2015

L-iskop tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen huwa li jinżamm livell għoli ta' fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri parteċipanti u b'hekk jikkontribwixxi għal żona Schengen li taħdem sew billi jiggarrantixxi li l-Istati Membri japplikaw ir-regoli ta' Schengen b'mod effettiv. Il-Mekkaniżmu għandu jikseb dawn l-għanijiet permezz ta' evalwazzjonijiet imparzjali u oġġettivi li jkunu kapaċi jidentifikaw in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-leġislazzjoni fil-prattika u għandu jiżgura li dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati f'qasir żmien.

Għad li l-Mekkaniżmu jista' legalment ikopri l-acquis ta' Schengen kollu kemm hu, il-prassi hija li l-oqsma ta' politika speċifiċi għall-evalwazzjoni jiġu deċiżi għal kull ċiklu ta' evalwazzjoni pluriennali mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri. Abbażi ta' din il-prassi, l-ewwel u t-tieni ċiklu ta' evalwazzjoni pluriennali koprew evalwazzjonijiet speċifiċi biex jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri fl-oqsma tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni, ir-ritorn, il-politika komuni dwar il-viżi, il-kooperazzjoni tal-pulizija, is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (SIS), il-protezzjoni tad-*data* u n-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni. Oqsma ta' politika oħra li jaqgħu taħt l-acquis ta' Schengen fil-ġejjieni jistgħu jkunu parti mill-Mekkaniżmu jekk dan jiġi deċiż fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali stabbilit mill-Kummissjoni. F'dan il-kuntest u abbażi ta' din il-prassi, il-Mekkaniżmu jkopri wkoll, iżda biss bl-għan li jikkonkludi jekk Stat Membru jkunx lest li japplika l-qafas legali ta' Schengen kollu jew partijiet minnu, il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali, il-leġislazzjoni dwar l-armi tan-nar, u l-politika dwar id-drogi.

Skont ir-Regolament, il-Kummissjoni hija responsabbli għall-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni kumplessivi tal-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, filwaqt li żżomm lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali infurmati bir-riżultati tal-evalwazzjonijiet. F'konformità mal-Artikolu 70 TFUE, il-Mekkaniżmu jibqa' responsabbiltà kondiviża: il-Kummissjoni twettaq l-evalwazzjonijiet b'mod konġunt mal-esperti mill-Istati Membri u bl-appoġġ tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Dan l-approċċ bejn il-pari huwa kruċjali biex jiġu żgurati l-obbligu ta' rendikont, l'appartenenza proprja tar-riżultati, u l-fiduċja reċiproka. L-

⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (SCH/ Com-ex (98) 26 def.), ĠU L 239, 22.09.2000, p 138.

⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

esperti tal-Istati Membri jivverifikaw dak li jkunu qed jagħmlu l-pari tagħhom, jirakkomandaw soluzzjonijiet u jħeġġu biex tittieħed azzjoni jekk l-Istat Membru ma jimplimentahomx. Barra minn hekk, il-Kunsill huwa assoċjat fil-proċess tat-tehdid ta' deċiżjonijiet f'dak li jirrigwarda l-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fuq proposta tal-Kummissjoni.

- **Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

Minħabba l-isfidi li ffaċċjat iż-żona Schengen f'dawn l-aħħar snin u r-rwol tal-Mekkaniżmu fil-governanza ta' Schengen, huwa importanti li l-Mekkaniżmu jibqa' adegwat għall-użu u jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu sabiex ikun jista' jadatta għal żviluppi leġiżlattivi reċenti, jindirizza sfidi ġodda u jinkludi Stati Membri ġodda li qegħdin japplikaw l-acquis ta' Schengen kollu jew parzjalment.

L-Artikolu 22 tar-Regolament kien jirrikjedi li l-Kummissjoni twettaq rieżami tal-operazzjoni tar-Regolament fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapporti kollha ta' evalwazzjoni taħt l-ewwel programm ta' evalwazzjoni pluriennali (2015-2019). Il-Kummissjoni ppreżentat ir-rieżami tagħha f'rapport⁶ u dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah⁷ fil-25 ta' Novembru 2020, li jkopru l-elementi kollha tar-Regolament, inkluż it-tħaddim tal-proċeduri għall-adozzjoni tal-atti skont il-Mekkaniżmu.

Ir-rieżami jikkonkludi li l-Mekkaniżmu wassal biex ikun hemm titjib tanġibbli. Kumplessivament, l-Istati Membri qegħdin jimplimentaw l-acquis ta' Schengen b'mod adegwat u n-nuqqasijiet serji ġew indirizzati kif dovut. Jikkonferma li l-Mekkaniżmu bħala tali jipprovdi qafas solidu għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

Madankollu, ir-rieżami jidentifika nuqqasijiet sinifikanti fil-proċess skabruż tal-Mekkaniżmu, bil-proċess ta' evalwazzjoni u s-segwitu u l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni jieħdu ammont eċċessiv ta' żmien. Barra minn hekk, ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ma kinux għodda effettiva biżżejjed biex jiżguraw li l-Istati Membri jieħdu azzjoni rapida, billi n-natura teknika tal-proċess ma ġġeneratx biżżejjed pressjoni politika biex tittieħed azzjoni. Filwaqt li l-evalwazzjonijiet identifikaw nuqqasijiet serji f'10 żjarat ta' evalwazzjoni⁸, saret diskussjoni ministerjali darba waħda biss, fil-każ tan-nuqqasijiet serji tal-Greċja fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni.

Apparti minn hekk jidher li l-Mekkaniżmu mhuwiex jiġġenera biżżejjed fiduċja fost l-Istati Membri, minħabba li diversi Stati Membri għal dawn l-aħħar ħames snin komplew itawlu l-kontrolli fil-fruntieri interni, minkejja l-evalwazzjonijiet pożittivi fil-ġestjoni tal-fruntieri esterni, il-kooperazzjoni tal-pulizija u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, u valutazzjoni kumplessiva li l-Istati Membri qegħdin jimplimentaw l-acquis ta' Schengen b'mod adegwat. Barra minn hekk, mir-rieżami rriżulta li r-riġidità li għandu bħalissa l-Mekkaniżmu ma thallihx jadatta għal ċirkostanzi ġodda u żviluppi operazzjonali u leġiżlattivi ġodda.

Ir-rieżami kkonkluda li għadd ta' nuqqasijiet żammew lill-Mekkaniżmu milli jaħdem b'mod

⁶ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-Funzjonament tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013. COM(2020)779 final.

⁷ SWD (2020)327 final.

⁸ Kif indikat skont ir-Rieżami ta' ħames snin, il-Mekkaniżmu identifika nuqqasijiet serji f'10 evalwazzjonijiet fi tliet oqsma: il-ġestjoni tal-fruntieri esterni (il-Greċja, l-Iżlanda, Spanja u l-Iżvezja); il-politika komuni dwar il-viżi (il-Finlandja u n-Netherlands); is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (il-Belġju, Franza, Spanja u r-Renju Unit).

effettiv daqs kemm seta' u għandu jaħdem, u mminaw il-potenzjal sħiħ tiegħu. Dawn in-nuqqasijiet huma:

- (1) it-tul eċċessiv tal-proċess ta' evalwazzjoni (10-12-il xahar) u ż-żmien biex l-Istati Membri jimplimentaw ir-rakkomandazzjonijiet (sentejn);
- (2) kapaċità insuffiċjenti tal-Istati Membri li jikkontribwixxu b'għadd adegwat ta' esperti għall-evalwazzjonijiet, b'ħames Stati Membri jipprovdu terz tal-esperti kollha u bi skarsezza kronika ta' esperti f'oqsma ta' politika speċifiċi;
- (3) użu u effiċjenza subottimali taż-żjarat għal għarrieda kif ukoll tal-għodda l-oħra ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, b'mod partikolari l-evalwazzjonijiet tematiċi;
- (4) segwitu u implimentazzjoni bil-mod tal-pjanijiet ta' azzjoni u nuqqas ta' approċċ komprensiv u konsistenti fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni; u
- (5) apparti l-evalwazzjoni tad-dritt tal-protezzjoni tad-*data* personali, il-valutazzjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mhijiex integrata biżżejjed fil-Mekkaniżmu.

Ir-rieżami indika li wħud minn dawn in-nuqqasijiet jistgħu jiġu indirizzati fil-livell operazzjonali, iżda oħrajn jirrikjedu bidliet leġiżlattivi.

Kemm il-Parlament Ewropew kif ukoll il-Kunsill saħqu dwar il-ħtieġa ta' riforma tal-Mekkaniżmu. Il-Parlament Ewropew, fir-risoluzzjoni tiegħu tal-2017⁹, u l-Kunsill, diġà permezz tal-konsultazzjoni li tnediet mill-Presidenza Finlandiża fl-2019¹⁰, stiednu lill-Kummissjoni biex tiegħu azzjoni. Dan l-aħħar, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar il-Mekkanizmu¹¹ u stieden lill-Kummissjoni tressaq inizjattivi għat-titjib tal-effiċjenza kumplessiva tal-Mekkaniżmu u tiżgura li dan jibqa' flessibbli, adattabbli għaċ-ċirkostanzi u l-iżviluppi tal-acquis ta' Schengen li qed jevolvu sabiex jindirizza sfidi ġodda u jadatta għal realtajiet ġodda.

B'segwitu għall-konklużjonijiet tar-rieżami ta' ħames snin, il-Kummissjoni kkonkludiet li n-nuqqasijiet li ssemew aktar 'il fuq jistgħu jinġabru fil-qosor bħala **tlit sfidi interkonnessi**:

- Fokus strateġiku limitat u frammentazzjoni sinifikanti li ma jħallux li tingħata ħarsa ġenerali tat-tħaddim taż-żona Schengen fl-intier tagħha li altrimenti tkun tista' tiffaċilita d-diskussjoni politika;
- Kapaċità insuffiċjenti li l-Mekkaniżmu jidentifika, jadatta u jirreaġixxi f'qasir żmien għal ċirkostanzi ġodda, għal iżviluppi leġiżlattivi u operazzjonali; u
- Adozzjoni u implimentazzjoni bil-mod tar-rimedji b'sistema bejn il-pari li ma teżerċitax il-persjoni mistennija.

Abbażi tal-input li nkiseb mingħand il-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-valutazzjoni tal-impatt korrispondenti, il-Kummissjoni identifikat diversi għażliet ta' politika miġbura fil-qosor taħt it-Taqsima 3 maħsuba biex iżidu l-effettività tal-Mekkaniżmu u b'hekk jiżguraw implimentazzjoni aktar trasparenti, effettiva u konsistenti tal-acquis ta' Schengen.

Biex tindirizza l-problemi li jissemmew aktar 'il fuq, din il-proposta għandha l-għan li: (1) iżżid il-fokus strateġiku tal-Mekkaniżmu u tiżgura użu aktar proporzjonat tal-għodod ta' evalwazzjoni varji; (2) tqassar u tissimplifika l-proċeduri biex il-proċess isir aktar effettiv u

⁹ Rapport annwali dwar il-Funzjonament taż-Żona Schengen (2017/2256(INI)).

¹⁰ Dok. tal-Kunsill 13244/2019.

¹¹ Dok. tal-Kunsill 7939/21.

effiċjenti, u tiżdied il-perssojoni mill-pari; (3) tottimizza s-sehem tal-esperti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni; u (4) issaħħaħ l-evalwazzjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali skont l-acquis ta' Schengen. Dawn l-oġġettivi se jintlaħqu, b'mod partikolari permezz tal-approċċ segwenti:

(1) *Jiżdied il-fokus strateġiku tal-Mekkaniżmu u jiġi żgurat użu aktar proporzjonat u aktar strateġiku tal-għodod varji ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ*

- **Tiżdied il-flessibilità biex il-kamp ta' applikazzjoni tal-evalwazzjonijiet speċifiċi u l-prijoritajiet ta' evalwazzjoni jiġu adattati għar-realtajiet il-ġodda fl-acquis ta' Schengen** billi titneħħa l-lista li hemm bħalissa ta' oqsma ta' politika speċifiċi li għandhom jiġu evalwati u tiġi stabbilita proċedura għal deċiżjoni dwar l-oqsma prijoritarji fil-bidu ta' kull ċiklu ta' evalwazzjoni. Skont ir-Regolament attwali, kull Stat Membru ġie evalwat f'sitt oqsma ta' politika permezz ta' sitt evalwazzjonijiet individwali li jissarrfu f'sitt rapporti ta' evalwazzjoni u sitt settijiet ta' rakkomandazzjonijiet. Madankollu, daww l-oqsma ta' politika ma għadhomx aktar jistgħu jiġu adattati mija fil-mija għar-realtajiet il-ġodda. Pereżempju, fl-2023 se jibdeu joperaw sensiela ġdida ta' sistemi tal-IT u se jikkomplementaw is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen. Hekk kif l-acquis tas-sigurtà kulma jmur qed jiżviluppa, l-evalwazzjonijiet se jkun jeħtiġilhom iqisu elementi addizzjonali, b'mod partikolari fil-kooperazzjoni tal-pulizija. Diversi oqsma ta' politika, minħabba l-iżviluppi leġislattivi, qed isiru kulma jmur dejjem aktar interkonnessi u interdipendenti (pereżempju s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u r-ritorn jew is-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u l-kooperazzjoni tal-pulizija). Għaldaqstant, il-mod kif l-evalwazzjonijiet huma artikolati fl-evalwazzjonijiet tal-oqsma ta' politika speċifiċi jaf mhuwiex l-aktar mod xieraq biex dawn l-attivitatijiet interkonnessi jiġu vvalutati. Billi tneħħi l-lista ta' oqsma ta' politika, il-proposta żżid il-flessibilità biex l-evalwazzjonijiet jiġu artikolati b'mod differenti, u jiġu evalwati aspetti differenti jew elementi ġodda possibbli, li jagħtu lok biex il-Mekkaniżmu jadatta f'qasir żmien għan-natura dinamika tal-acquis ta' Schengen. Fl-istess waqt, toħloq ċertezza tad-dritt fir-rigward tal-proċedura għall-qbil dwar il-prijoritajiet għall-evalwazzjoni fil-bidu ta' kull ċiklu ta' evalwazzjoni.
- **Il-ħolqien ta' programmazzjoni flessibbli.** Barra minn hekk, il-proposta toħloq qafas leġislattiv flessibbli għall-programmazzjoni. Tadatta r-regoli dwar il-programmazzjoni pluriennali u annwali sabiex ikun hemm reazzjoni aktar rapida għall-problemi u sfidi li jfeġġu, billi tnaqqas id-dettalji li bħalissa huma inklużi fil-programmi ta' evalwazzjoni pluriennali u annwali, u billi tnaqqas il-ħtieġa għall-emendi.
- **Tranżizzjoni progressiva lejn evalwazzjonijiet ibbażati mija fil-mija fuq ir-riskju.** Il-proposta toħloq obbligu li jitqiesu r-riżultati tal-evalwazzjonijiet preċedenti kif ukoll mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ oħra nazzjonali u tal-Unjoni (pereż. il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà tal-Frontex jew il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT)). Apparti minn hekk (kif spjegat aktar 'l isfel), toħloq obbligi addizzjonali biex jintalbu valutazzjonijiet tar-riskju u għarfien tas-sitwazzjoni mill-korpi, l-aġenziji u l-uffiċċji tal-Unjoni, meta rilevanti. Il-qafas flessibbli l-ġdid u l-obbligi addizzjonali jagħtu lok biex, maż-żmien, pereżempju, issir evalwazzjoni komprensiva tal-Istat Membru bbażata fuq ir-riskju, li tkopri biss l-elementi identifikati permezz tal-analiżi tar-riskju u l-għarfien tas-sitwazzjoni, b'evalwazzjoni unika għal kull Stat Membru li tkopri l-oqsma ta' politika rilevanti kollha f'rapport uniku ta' evalwazzjoni. Dan

jippermetti wkoll li ssir evalwazzjoni simultanja ta' diversi Stati Membri li jaffaċċjaw l-istess sfidi.

- **Jiġi żgurat li ma jkunx hemm lakuni fl-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen fi Stat Membru.** Hekk kif il-qafas legali ta' Schengen qiegħed jevolvi u jsir aktar kumpless, l-Istati Membri qegħdin jirrikorru għal atturi oħra biex jappoġġawhom fl-implimentazzjoni tal-kompiti li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tagħhom. Dan qed jiġri pereżempju fil-każ ta' kumpaniji privati fil-qasam tal-politika dwar il-viżi (pereż. il-fornituri esterni tas-servizzi) jew tal-fruntieri esterni (pereż. linji tal-ajru jew ajruporti ġestiti minn kumpaniji privati). Huwa wkoll il-każ ta' korpi, aġenziji u ufficiji tal-Unjoni li f'dawn l-aħħar snin kellhom il-mandati tagħhom imsaħħa biex jipprovdu appoġġ lill-Istati Membri, pereżempju biex iwettqu verifiki jew sorveljanza fil-fruntieri, jew verifiki tas-sigurtà tat-tieni linja. Filwaqt li l-Mekkaniżmu jara li jipprovdi ħarsa ġenerali tas-sitwazzjoni fi Stat Membru, il-proposta tiċċara li l-Mekkaniżmu jista' jappoġġa l-ivverifikar tal-attivitajiet tal-korpi, l-ufficiji u l-aġenziji tal-Unjoni sakemm iwettqu funzjonijiet għan-nom tal-Istati Membri biex jassistu fl-applikazzjoni operazzjonali tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen. L-objettiv huwa għalhekk li ma jiġux evalwati dawn il-korpi, ufficiji u aġenziji *per se*. L-ivverifikar ta' dawn l-attivitajiet se jkun inkorporat fl-evalwazzjoni tal-Istati Membri, b'mod simili għas-sitwazzjoni attwali meta, pereżempju, matul l-evalwazzjonijiet fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi, it-timijiet jivverifikaw l-attivitajiet ta' dawk il-kumpaniji privati (fornituri esterni tas-servizzi) b'involverment fl-ilqugħ tal-applikazzjonijiet għal viża; jew fil-fruntieri esterni meta t-timijiet jivverifikaw l-infrastruttura ta' ajruport ġestit minn kumpanija privata. Dan l-aspett tal-evalwazzjonijiet se jsir mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet attribwiti lill-Kummissjoni u lill-korpi ta' governanza rilevanti tal-aġenziji, l-ufficiji u l-korpi kkonċernati u b'rispett sħiħ tagħhom. Fl-eventwalità li l-evalwazzjonijiet jidentifikaw nuqqasijiet b'rabta mal-attivitajiet imwettqa jew appoġġati mill-korpi, l-ufficiji u l-aġenziji tal-Unjoni, il-Kummissjoni tinforma lill-korpi ta' governanza rilevanti.
- Estensjoni taċ-ċiklu ta' evalwazzjoni minn ħames għal seba' snin li tagħti lok lill-Istati Membri jiġu evalwati minn tal-anqas darbtejn matul iċ-ċiklu ta' seba' snin. Dan jagħti lok ukoll għal użu aktar ibbilanċjat, flessibbli u strateġiku tal-għodod kollha disponibbli ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, u jiżgura monitoraġġ tal-Istati Membri aktar mill-qrib u aktar immirat.
- **Jissaħħu l-għamliet u l-metodi tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ.** Iż-żjarat perjodiċi pprogrammati jibqgħu l-metodu primarju tal-evalwazzjonijiet, iżda se jkun possibbli li jiżdied il-proporzjon ta' żjarat għal għarrieda. L-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ b'mezzi mill-bogħod (pereż. permezz tal-vidjokonferenza) se jsiru possibbli. "L-evalwazzjonijiet tematiċi" se jkollhom rwol akbar b'obbligu li titwettaq minn tal-anqas evalwazzjoni tematika waħda fis-sena. Sa issa twettqu biss żewġ evalwazzjonijiet tematiċi (waħda relatata mal-istrateġiji nazzjonali għal ġestjoni integrata tal-fruntieri u l-oħra rigward il-kooperazzjoni lokali ta' Schengen fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi). Id-dispożizzjonijiet dwar l-attivitajiet ta' monitoraġġ (żjarat mill-ġdid u għodda ġdida msejħa "żjarat ta' verifika") huma aktar ċari u aktar flessibbli.
- **L-evalwazzjonijiet għal għarrieda, bħala regola ġenerali, ma jkunux jirrikjedu xi notifika minn qabel.** Dan jiżgura użu aħjar mill-evalwazzjonijiet għal għarrieda, b'mod partikolari biex l-evalwazzjonijiet iseħħu bi skop li jinvestigaw il-konformità mal-obbligi skont l-acquis ta' Schengen, b'mod partikolari b'reazzjoni għal

indikazzjonijiet ta' problemi li għandhom impatt sinifikanti fuq it-tħaddim taż-żona Schengen, jew allegazzjonijiet serji ta' ksur tad-drittijiet fundamentali. Notifika limitata minn qabel se tibqa' applikabbli għaż-żjarat għal għarrieda, li l-iskop tagħhom huwa li jwettqu "kontroll aleatorju tas-sitwazzjoni" tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri. Iż-żjarat għal għarrieda mhumiex se jkunu soġġetti għall-programmazzjoni u jistgħu jiġu organizzati fi żmien qasir skont iċ-ċirkostanzi.

- **Ir-rapporti annwali dwar ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet imwettqa u dwar is-sitwazzjoni tal-mument rigward l-azzjonijiet ta' rimedju meħuda mill-Istati Membri previsti skont dan ir-Regolament għandhom ikunu parti mir-**"Rapport dwar l-Istat ta' Schengen"** ta' kull sena.** Huwa kruċjali li d-diskussjoni politika tkopri b'mod komprensiv l-elementi kollha tal-arkitettura kumplessa li ssostni t-tħaddim kif suppost ta' Schengen. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tnedi mill-ġdid l-adozzjoni tar-**"Rapport dwar l-Istat ta' Schengen"** biex iservi bħala bażi għaddiskussjonijiet fil-Forum Schengen li nħoloq dan l-aħħar. L-evalwazzjonijiet ta' Schengen, is-sitwazzjoni fir-rigward tan-nuqqas ta' verifiki fil-fruntieri interni u l-istat tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet se jkunu parti importanti minn dak ir-rapport.

(2) *Jiqsar u jiġu ssimplifikati l-proċeduri biex il-proċess isir aktar effettiv u effiċjenti, u tiżdied il-pressjoni mill-pari*

- **Tħaffif sinifikanti tal-proċess ta' evalwazzjoni, bi skadenzi proċedurali ċari** Bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni se tadotta r-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet f'att uniku **fi żmien erba' xhur** mill-attività tal-evalwazzjoni (u saħansitra qabel fl-eventwalità li l-evalwazzjoni tidentifika nuqqas serju). Dan mhux biss jiżgura aktar ċarezza fir-rigward tar-rabta ta' kawżalità bejn is-sejbiet fir-rapport u r-rakkomandazzjonijiet, iżda wkoll iħaffef il-proċess. Jevita kwalunkwe dewmien fl-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, li bħalissa ssir permezz ta' proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'żewġ stadji (jiġifieri r-rapporti ta' evalwazzjoni adottati mill-Kummissjoni u r-rakkomandazzjonijiet adottati mill-Kunsill). L-involviment sħiħ tal-Kunsill fil-proċess ta' evalwazzjoni u fir-rakkomandazzjonijiet jibqa' jiġi aċċertat permezz tal-proċedura ta' eżami (opinjoni pożittiva tal-Kumitat ta' Schengen li fih jieħdu sehem l-Istati Membri kollha u jivvutaw fuq l-att uniku li jinkludi kemm is-sejbiet tal-evalwazzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet).
- **Tiżdied il-pressjoni mill-pari billi s-setgħat tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill jiffukaw fuq każijiet politikament rilevanti u billi jiżdied ir-rwol tiegħu fis-segwitu u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet.** Filwaqt li l-proċedura attwali b'żewġ stadji kellha l-għan li tippromovi d-diskussjoni politika fil-livell tal-Kunsill u teżerċita pressjoni mill-pari fl-eventwalità ta' nuqqasijiet serji jew meta Stat Membru ma jkunx qiegħed jimplementa r-rakkomandazzjonijiet, l-esperjenza sa issa wriet biċ-ċar li l-użu ta' dan l-approċċ fil-każijiet kollha u għar-rapporti kollha ma wassalx biex jinkiseb l-objettiv maħsub, iżda żied konsiderevolment mat-tul u l-kumplessità tal-proċess, filwaqt li kkomprometta l-effettività tiegħu.

L-Istati Membri diġà huma involuti sew fil-proċess ta' evalwazzjoni (iwettqu l-evalwazzjonijiet mal-Kummissjoni, jabbozzaw b'mod konġunt ir-rapporti ta' evalwazzjoni u l-abbozzi ta' rakkomandazzjonijiet) u fil-proċess ta' adoxxjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni permezz tal-proċedura ta' eżami tal-Kumitat. Barra minn

hekk, bosta mill-kwistjonijiet identifikati matul l-evalwazzjonijiet huma ta' natura teknika aktar milli politika. Il-persjoni tax-xogħol qawwija fil-Kunsill (eżaminazzjoni ta' 40 rapport fis-sena u d-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni tal-Kunsill li jirriżultaw minnhom b'mijiet ta' rakkomandazzjonijiet), u n-natura ferm dettaljata u lokalizzata tar-rakkomandazzjonijiet żammew lura milli ssir xi tip ta' diskussjoni reali. Ir-rieżami ta' ħames snin wera li l-fatt li l-Kunsill jadotta r-rakkomandazzjonijiet f'kull każ ma ġġenerax il-persjoni mill-pari mistennija, u l-Mekkaniżmu ma pprovdix il-bażi għal diskussjoni politika dwar l-istat ta' Schengen. Anki meta l-Mekkaniżmu identifika nuqqasijiet serji, id-diskussjonijiet dwar is-sejbiet waslu fil-livell ministerjali darba biss. Apparti minn hekk, il-Kunsill għandu rwol limitat ferm fis-segwitu u l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri.

Ir-reviżjoni proposta tara li tirrimedja dawn in-nuqqasijiet billi tiżgura li l-Kunsill jadotta r-rakkomandazzjonijiet f'każijiet li jitqiesu li jkollhom l-akbar valur miżjud u l-akbar impatt biex jorjentaw id-diskussjoni politika dwar kwistjonijiet ta' interess ġenerali għat-tħaddim taż-żona Schengen. Dawn il-każijiet huma s-segwenti: evalwazzjonijiet tematiċi, "evalwazzjonijiet tal-ewwel darba" (meta jiġi deċiż jekk Stat Membru huwiex lest li japplika l-acquis ta' Schengen għalkollox jew qasam speċifiku) kif ukoll fl-eventwalità ta' nuqqas serju bl-għan li tiżdied il-persjoni mill-pari u d-diskussjoni politika fil-livell tal-Kunsill. Fl-istess waqt, qiegħed jiġi propost li l-proċeduri jiġu ssimplifikati għal każijiet ta' natura aktar teknika.

Il-proposta żżid ukoll b'mod sinifikanti r-rwol tal-Kunsill fis-segwitu u l-monitoraġġ tal-progress ta' dawn il-każijiet u tipprevedi wkoll mekkaniżmu li jeskala f'każ ta' nuqqas ta' progress. B'mod partikolari, fl-eventwalità ta' nuqqas serju, il-Kunsill jistabbilixxi limiti taż-żmien għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet u l-Kunsill jispeċifika l-frekwenza tar-rapporti dwar il-progress mill-Istat Membru kkonċernat, li jkollu jippreżentaw dawn ir-rapporti dwar il-progress kemm lill-Kummissjoni kif ukoll lill-Kunsill. Il-Kunsill ikun obligat li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rapport tal-Kummissjoni b'segwitu għaż-żjara mill-ġdid kif ukoll dwar l-għeluq tal-pjanijiet ta' azzjoni. Dispożizzjonijiet simili japplikaw għall-għeluq tal-pjanijiet ta' azzjoni relatati mal-"evalwazzjonijiet tal-ewwel darba".

Barra minn hekk, fil-fażi ta' monitoraġġ, il-Kunsill se jingħata rwol akbar, fil-każijiet kollha: il-proposta tipprevedi li l-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill minn tal-anqas darbejn fis-sena dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Minbarra dan, il-Kummissjoni se tadotta wkoll rapport komprensiv kull sena dwar l-evalwazzjonijiet imwettqa li għandu jiġi diskuss mill-Kunsill bl-għan li jadotta konklużjonijiet dwar il-kwistjoni. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni se tinforma lill-Kunsill meta Stat Membru ma jkunx qiegħed jagħmel progress adegwat fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni.

- Tisħiħ u tħaffif tal-pass tad-dispożizzjonijiet relatati ma' każijiet li fihom l-evalwazzjonijiet jidentifikaw **nuqqas serju**: tiddaħħal **proċedura rapida** għal nuqqas serju biex jiġi żgurat li n-nuqqasijiet identifikati jiġu indirizzati fil-pront. Il-proposta tinkorpora fit-test normattiv id-definizzjoni ta' nuqqasijiet serji li hemm bħalissa fil-linji gwida għall-evalwazzjoni ta' Schengen biex iżżid iċ-ċertezza tad-dritt u tiżgura komprensjoni komuni tal-kunċett. **L-Istat Membru evalwat ikollu jibda minnufih jimplementa l-azzjonijiet** biex jirrimedja n-nuqqas anki qabel ma jiġi adottat ir-rapport u jkollu jinforma, mingħajr dewmien, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar il-miżuri meħuda. Fl-eventwalità ta' nuqqas serju, ir-

rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu adottati mill-Kunsill **fi żmien xahrejn u nofs minn tmiem l-attività ta' evalwazzjoni**; issir żjara mill-ġdid biex jiġu vverifikati l-azzjonijiet ta' rimedju mhux aktar tard minn sena wara l-evalwazzjoni (tista' ssir qabel skont l-iskadenzi għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet ta' rimedju stabbiliti mill-Kunsill); il-Kummissjoni tinforma minnufih lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar l-eżistenza ta' nuqqas serju, għal skrutinju politiku aktar mill-qrib, kif indikat fil-punt ta' hawn fuq.

- **It-tneħħija u l-issimplifikar tad-dispożizzjonijiet li jholqu ostakli proċedurali bla bżonn.** Il-proposta ma tibqax aktar tirrikjedi li r-rapporti ta' evalwazzjoni jiġu trattati bħala dokumenti “EU Restricted”. Din il-bidla se “żżid it-trasparenza, tissimplifika u tħaffef il-proċedura billi tippermetti li r-rapporti jiġu trattati b'mod aktar rapidu u tiffaċilita t-trażmissjoni tagħhom lill-parlamenti nazzjonali u lill-Parlament Ewropew¹². Madankollu r-rapporti ta' evalwazzjoni jiġu xorta waħda trattati bħala “sensittivi”¹³ u l-Istati Membri jibqgħu jżommu l-possibbiltà li jistaqsu għall-klassifikazzjoni tagħhom. Il-proposta tissimplifika l-**valutazzjoni tal-adeqwatezza** tal-pjanijiet ta' azzjoni tal-Istati Membri: il-Kummissjoni mhijiex se tibqa' tadotta Komunikazzjoni dwar il-valutazzjonijiet, iżda xorta se tinforma lill-Istat Membru kkonċernat (u lill-Kunsill) dwar l-osservazzjonijiet tagħha, permezz ta' ittra amministrattiva. Fl-aħħar nett, **frekwenza tar-rapporti ta' segwitu** ridotta (l-Artikolu 16(3) u (4)), billi jintalab rapport dwar il-progress kull sitt xhur minflok it-tliet xhur ta' bħalissa, tnaqqas il-piż amministrattiv kumplessiv għall-Istati Membri.

(3) *Issaħħaħ l-evalwazzjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali skont l-acquis ta' Schengen*

- Tkompli **tissaħħaħ l-evalwazzjoni tad-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen** (minbarra l-protezzjoni tad-*data* li hija evalwata bħala qasam ta' politika speċifiku) fil-Mekkaniżmu kollu, inkluż żieda fil-preżentazzjoni tal-analiżijiet tar-riskju mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali; tissaħħaħ ir-referenza għad-drittijiet fundamentali fid-dispożizzjoni dwar it-taħriġ u tiġi inkluża dispożizzjoni speċifika fir-Regolament rigward l-użu tal-**evidenza mogħtija minn partijiet terzi**, inkluż il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ nazzjonali, kif ukoll il-possibbiltà li jsiru evalwazzjonijiet għal għarrieda mingħajr ma jingħata avviż minn qabel, jekk ikun hemm indikazzjonijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali.

(4) *Jiġu ottimizzati s-sehem tal-esperti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll is-sinerġiji ma' mekkaniżmi oħra ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, għal evalwazzjonijiet aktar immirati, strateġiċi u mfassla apposta*

- **Ħolqien ta' grupp ta' esperti.** Bħalissa, il-Kummissjoni toħroġ stedinet biex tinnomina esperti qabel kull evalwazzjoni possibbli (tliet xhur qabel l-evalwazzjoni speċifika). Dan huwa eżerċizzju li jieħu ħafna żmien u l-Istati Membri mhux dejjem ikunu jistgħu jaħtru biżżejjed esperti kwalifikati billi l-proċedura attwali ma tantx tħallilhom ħin biex jippjanaw. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jkollha testendi

¹² Il-Parlament Ewropew u l-NGOs talbu għal aċċess iffafilitat għar-rapporti ta' evalwazzjoni.

¹³ B'mod partikolari b'rabta mal-applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 dwar l-aċċess għad-dokumenti.

diversi drabi s-sejħiet għal esperti għall-evalwazzjonijiet. Barra minn hekk, hemm skarsezza kronika ta' esperti f'oqsma ta' politika speċifiċi.

Din is-sistema se tiġi sostitwita b'sejħa annwali biex jinħatru esperti li jiffurmaw grupp ta' esperti. L-Istati Membri se jkollhom jaħtru minn tal-anqas espert wieħed għal kull qasam ta' politika identifikat fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali (pereż. il-viża, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni, ir-ritorn, il-protezzjoni tad-*data*) kull sena u jiżguraw id-disponibbiltà tagħhom għall-evalwazzjonijiet. Il-Kummissjoni se tikkonferma l-għażla tal-esperti biex jiffurmaw il-grupp ta' esperti u żżomm lista aġġornata tal-membri tal-grupp ta' esperti. Il-grupp ta' esperti mbagħad jipprovdi s-sors ewlieni tal-evalwaturi ta' Schengen għall-evalwazzjonijiet speċifiċi (jiġifieri jistabbilixxi timijiet għal evalwazzjonijiet speċifiċi) u jiffaċilita ferm l-organizzazzjoni taż-żjarat għal għarrieda. Meta jiġu stabbiliti t-timijiet, se titqies kif dovut il-kapaċità tal-amministrazzjonijiet nazzjonali kif ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat il-bilanċ ġeografiku. Il-fatt li espert ikun inħatar biex jiffurma parti mill-grupp ta' esperti ma jfissirx li kull espert fil-grupp ta' esperti se jkun meħtieġ il-ħin kollu. Il-grupp ta' esperti se jiżgura li t-timijiet jiġu stabbiliti b'mod anqas ikkumplikat u se jipprovdi wkoll aktar prevedibbiltà u flessibilità kemm għall-esperti tal-Kummissjoni kif ukoll tal-Istati Membri anki għaliex l-ippjanar għall-evalwazzjonijiet se jitqassam lill-Istati Membri ferm qabel. Qabel kull evalwazzjoni, il-Kummissjoni tista' tirrikorri direttament għall-membri individwali tal-grupp ta' esperti biex tiffurma t-timijiet, u b'hekk tħaffef u tissimplifika l-proċess b'mod konsiderevoli. Il-Kummissjoni, meta tiffurma t-timijiet speċifiċi, għandha tiżgura wkoll, sa fejn ikun possibbli, il-bilanċ ġeografiku. Jekk għal evalwazzjoni speċifika jkun meħtieġ profil partikolari u ma jkunx possibbli li jitqabbad espert mill-grupp ta' esperti, il-Kummissjoni xorta waħda tista' tirrikorri għal sejħiet speċifiċi għal esperti. Il-ħolqien ta' grupp ta' esperti fuq medda twila ta' żmien jippermetti li jiġi stabbilit tim interdixxiplinari biex jivvaluta l-oqsma rilevanti tal-acquis ta' Schengen.

- **It-tisħiħ tal-kooperazzjoni mal-Frontex, mal-eu-LISA, mal-Europol, mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u mal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data.** Il-proposta tippredvi li l-kooperazzjoni għandha tkun reċiproka sabiex daww l-aġenziji u l-korpi wkoll ikunu jistgħu jagħmlu uża mill-informazzjoni miġbura permezz tal-proċess ta' evalwazzjoni. Il-Kummissjoni se tkun tista' wkoll tikseb varjetà usa' ta' prodotti ta' informazzjoni u ta' analiżi tar-riskju mingħand il-korpi u l-aġenziji,

Apparti minn hekk il-proposta **żżid is-sinerġiji mal-mekkaniżmi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ** implimentati mill-aġenziji u l-korpi tal-Unjoni. F'dawn l-aħħar snin, ġew stabbiliti mekkaniżmi oħra ta' kontroll tal-kwalità u ta' monitoraġġ fil-livelli nazzjonali u tal-UE li jistgħu jikkomplementaw il-Mekkaniżmu. Il-proposta tippredvi koerenza akbar u aktar sinerġiji mal-attivitajiet tal-Frontex u b'mod partikolari l-proċess tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà. Il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà mwettqa mill-Frontex hija strument komplementari għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen biex jiggarantixxi l-kontroll tal-kwalità fil-livell tal-UE u jiżgura li kemm il-livell Ewropej kif ukoll dak nazzjonali, ikunu lesti jirrispondu għal kwalunkwe sfida fil-fruntieri esterni. Il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà toffri stampa tal-kapaċità operazzjonali ta' Stat Membru fil-qasam tal-fruntieri esterni bl-għan li tidentifika d-dgħufijiet potenzjali fis-sistema. Huwa approċċ orjentat fil-futur maħsub biex jilqa' għall-kriżijiet. Il-Kummissjoni diġà qiegħda tikkondividi r-riżultati tal-proċess ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà mat-tim tal-esperti tal-Istati Membri qabel evalwazzjoni f'konformità mal-Artikolu 33 tar-

Regolament (UE) 2019/1896¹⁴ u stabbiliet kanali formali għall-iskambju tal-informazzjoni mal-Frontex. Biex iżżid aktar is-sinerġiji, il-proposta tipprevedi dispożizzjonijiet speċifiċi biex timmassimizza l-informazzjoni miġbura permezz tal-proċess ta' valutazzjoni tal-vulnerabbiltà bl-għan li tiġi stabbilita stampa mtejba tas-sitwazzjoni dwar it-tħaddim taż-żona Schengen. L-għan huwa wkoll li, sa fejn ikun possibbli, jiġu evitati sforzi doppji u rakkomandazzjonijiet kunfliġġenti.

Eżempji rilevanti, f'oqsma oħra ta' politika li fihom se jkun possibbli li jkun hemm aktar sinerġiji skont id-dispożizzjonijiet il-ġodda previsti fil-proposta huma l-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali ("EMPACT") jew is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni bl-appoġġ tal-eu-LISA fir-rigward tat-tnejja tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistemi rilevanti tal-IT. Il-mekkaniżmi nazzjonali tal-kontroll tal-kwalità (imħeġġa skont ir-Regolament (UE) 2019/1896) jistgħu jsiru daqstant importanti fil-futur u l-proposta tistabbilixxi l-bażi għall-iżgurar tas-sinerġiji u l-iskambju tal-informazzjoni. Barra minn hekk, fl-evalwazzjonijiet jitqiesu wkoll ir-riżultati tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ indipendenti żviluppat skont il-proposta li tintroduċi skrinjar taċ-ċittadini ta' pajjiż terz fil-fruntieri esterni.

Il-proposta tipprovdi skadenza ambizzjuża għall-applikazzjoni sħiħa tar-Regolament (mill-[1 ta' Settembru 2022]).

L-analiżi tal-Kummissjoni, li hija mogħtija fil-valutazzjoni tal-impatt¹⁵ li takkumpanja din il-proposta u miġbura fil-qosor fit-Taqsima 3 hija l-bażi ta' din il-proposta għal rieżami komprensiv tar-Regolament.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Din il-proposta takkumpanja l-Komunikazzjoni dwar "Strateġija lejn żona Schengen reżiljenti u li tiffunzjona bis-sħiħ"¹⁶ li tippreżenta approċċ komprensiv biex iż-żona ta' spazju ta' liberta', sigurtà u ġustizzja ssir aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti għal kwalunkwe sfida u theddida tal-futur.

Il-Mekkaniżmu għandu jipprovdi qafas legali robust biex ikopri l-leġiżlazzjoni li qed tevolvi fl-intier tagħha u li fuqha jissejjes it-tħaddim taż-żona Schengen. F'dan il-kuntest, wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-proposta huwa li jiżdied il-fokus strateġiku fil-proċess ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ. Dan jirrikjedi **li tiġi żgurata l-konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti u dawk tal-ġejjieni li jagħmlu parti mill-acquis ta' Schengen**. Għal dak l-għan, il-Mekkaniżmu għandu jiġi adattat għall-kamp ta' applikazzjoni li qed jevolvi tad-dritt tal-UE rilevanti. Matul dawn l-aħħar ftit snin, l-Unjoni ħadet diversi inizjattivi biex issaħħaħ iż-żona Schengen u tagħmilha aktar reżiljenti. Dawn il-bidliet jinkludu diversi elementi ġodda, b'mod partikolari b'rabta mal-ġestjoni tal-fruntieri esterni. Minbarra s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, sa tmiem l-2023, il-ġestjoni tal-fruntieri esterni se tkun appoġġata minn sistemi ġodda tal-IT, bħas-Sistema ta' Dħul u Hruġ¹⁷ u s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni u ta' Awtorizzazzjoni għall-Ivvjaġġar¹⁸. Barra minn hekk, bejn il-bażijiet tad-*data* rilevanti se tiġi żgurata l-interoperabbiltà¹⁹. Apparti minn hekk, l-adozzjoni, aktar tard fl-2021, ta' proposta

¹⁴ ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

¹⁵ SWD (2021) 119 final.

¹⁶ COM(2021) 277 final.

¹⁷ Ir-Regolament (UE) 2017/2226, ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20.

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2018/1240, ĠU L 236, 19.9.2018, p. 1.

¹⁹ Ir-Regolament (UE) 2019/817, ĠU L 135, 22.5.2019, p. 27.

għal Kodiċi ta' Kooperazzjoni tal-Pulizija tal-UE taħt l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà²⁰ kif ukoll l-adozzjoni tal-proposta għal emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen²¹ biex jiġi indirizzati t-tagħlimiet meħuda mill-Covid-19 kif ukoll min-negozjati dwar il-proposta tal-2017 għal emenda tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen se jkunu inizzjattivi importanti biex tiżdied is-sigurtà u tiġi stabbilita mill-ġdid l-integrità taż-żona Schengen.

Ir-rwol tal-aġenziji tal-UE involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen ukoll akkwista importanza ulterjuri. Fl-2019, il-ħolqien tal-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta, inkluż it-twaqqif ta' korp permanenti ta' 10 000 ruħ sal-2027, kien pass importanti fid-direzzjoni ta' kontroll Ewropew veru u proprju tal-fruntieri esterni u t-twaqqif progressiv ta' sistema komuni tal-UE għar-ritorni. Il-mandat tal-Europol jinsab fil-proċess li jiġi aġġornat b'segwitu għal proposta tal-Kummissjoni tad-9 ta' Diċembru 2020²².

Kif deskritt aktar 'il fuq, uħud mill-atti legali fid-diversi oqsma ta' politika koperti mill-Mekkaniżmu fihom **l-għodod ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ tagħhom stess fil-livell nazzjonali jew Ewropew**. Għaldaqstant, huwa meħtieġ li **jinħolqu u jiġu żgurati sinerġiji biex jiġu evitati duplikazzjonijiet** u biex l-għodod ta' monitoraġġ settorjali jintużaw bl-aqwa mod. Iż-żamma u l-irfinar ta' din l-interazzjoni huma element importanti ta' din il-proposta. F'dan ir-rigward, il-proposta tipprovdi dispożizzjonijiet biex tiżdied aktar il-koerenza b'mod partikolari mal-attivitajiet tal-Frontex u l-proċess tal-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà. Il-Mekkaniżmu u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu għandhom jikkomplementaw dawk fl-ambitu tal-proċess tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà. Eżempji oħra, f'oqsma oħra ta' politika li fihom se jkun possibbli li jkun hemm aktar sinerġiji huma l-EMPACT (azzjonijiet prijoritarji fil-qasam tal-kooperazzjoni tal-pulizija), jew l-uffiċjal għad-drittijiet fundamentali fil-Frontex (monitoraġġ tal-konformità mad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni mill-Frontex). Il-mekkaniżmi nazzjonali tal-kontroll tal-kwalità (imħeġġa skont ir-Regolament (UE) 2019/1896), li huma mekkaniżmi "nazzjonali" ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen, jistgħu jsiru daqstant importanti fil-futur. Barra minn hekk, fl-evalwazzjonijiet jitqiesu wkoll ir-riżultati tal-mekkaniżmu nazzjonali ta' monitoraġġ indipendenti żviluppat skont il-proposta li tintroduċi skrinjar²³ taċ-ċittadini ta' pajjiż terz fil-fruntieri esterni.

Il-proposta għet żviluppata biex tkun konsistenti mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika (jiġifieri oqsma ta' politika koperti mill-acquis ta' Schengen), u tqiesu wkoll kif dovut l-inizzjattivi li hemm għaddejjin u dawk previsti li għandhom ma daħlux fis-seħħ. F'termini usa', billi tikkollega aħjar l-oqsma ta' politika differenti, l-inizzjattiva jaf tirrinforza l-effettività tal-approċċ olistiku propost mill-istrateġija tal-Kummissjoni u tirrinforza l-komplementarjetà tal-għodod kollha żviluppati bħala parti mill-isforzi leġiżlattivi l-ġodda.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-oġettivi u mal-inizzjattivi previsti skont l-Istrateġija tal-UE dwar l-Unjoni tas-Sigurtà li jmorru lil hinn mill-acquis ta' Schengen, bħall-proposta għar-rinforzar tal-iskambju awtomatiku ta' kategoriji ta' *data* importanti skont id-Deċiżjonijiet ta' Prüm tal-Kunsill²⁴, u ma' inizzjattivi tal-futur skont l-Istrateġija tal-UE 2021-2025 għall-Ġlieda

²⁰ COM(2020)605 final ta' 24.7.2020.

²¹ Ir-Regolament (UE) 2016/399, ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

²² COM(2020) 796 final.

²³ COM(2020) 612 final. Ara l-Artikolu 7.

²⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI dwar it-titjib tal-koperazzjoni transkonfinali, b'mod partikolari fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-kriminalità transkonfinali u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/616/ĠAI dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.

kontra l-Kriminalità Organizzata²⁵. Hija daqstant konsistenti mal-inizjattivi inklużi fil-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil²⁶.

Lil hinn mill-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, iż-żona Schengen tikkontribwixxi għat-tħaddim tas-Suq Uniku u l-ħolqien tagħha għab miegħu benefiċċji soċjali u ekonomiċi għas-soċjetà Ewropea²⁷ f'diversi oqsma mill-kummerċ għall-impjieg, l-edukazzjoni, il-kultura, it-turiżmu, it-trasport u lil hinn. Il-miżuri bl-għan li jżidu l-effettività tal-Mekkaniżmu u b'hekk it-tħaddim aħjar taż-żona Schengen huma wkoll, min-natura tagħhom, koerenti mal-oġettivi ta' dawn l-oqsma ta' politika. It-tfixkil ikkaġunat mill-pandemija tal-Covid-19 wera, aqwa minn kwalunkwe kriżi preċedenti, kemm hu importanti li tiġi ppreservata l-integrità ta' Schengen. Schengen li taħdem sew hija essenzjali għall-irkupru ekonomiku ta' wara l-Covid. Mekkaniżmu robust u effettiv se jikkontribwixxi għal dan u b'hekk għall-impatti ekonomiċi u soċjali pożittivi li Schengen iwassal liċ-ċittadini u lin-negozji fl-Ewropa kollha.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

• Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika tal-proposta hija l-Artikolu 70 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea. L-Artikolu 70 jipprevedi speċifikament il-kompetenza tal-Kunsill li jadotta, fuq proposta tal-Kummissjoni, miżuri li jstabbilixxu l-arranġamenti li permezz tagħhom l-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, jagħmlu evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Il-proposta tħassar u tissostitwixxi r-Regolament (UE) Nru 1053/2013, li wkoll huwa bbażat fuq din id-dispożizzjoni tat-Trattat.

F'konformità mad-dikjarazzjoni²⁸ mill-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni li takkumpanja r-Regolament, il-proposta għandha tiġi ppreżentata għall-konsultazzjoni tal-Parlament Ewropew sabiex jittieħed kont tal-opinjoni tiegħu qabel l-adozzjoni ta' test finali. Madankollu, għandha tiġi adottata f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali.

• Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

L-Artikolu 70 jipprevedi l-bażi ġuridika għall-miżuri li permezz tagħhom l-Istati Membri, f'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni, iwettqu evalwazzjoni oġġettiva u imparzjali tal-implimentazzjoni tal-politiki tal-Unjoni mill-awtoritajiet tal-Istati Membri fl-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Filwaqt li din il-proposta għib magħha ħafna bidliet, ma tibdilx fundamentalment l-oġettivi u l-kamp ta' applikazzjoni tal-Mekkaniżmu. Il-proposta hija fil-limiti stabbiliti mill-Artikolu 70 TFUE.

L-oġġettiv ta' din il-proposta huwa li l-Mekkaniżmu li diġà jeżisti jiġi żviluppat u mtejjeb aktar u jsir aktar effiċjenti. Ir-rieżami tar-Regolament imwettaq fl-2020 ikkonferma l-ħtieġa ta' mekkaniżmu robust fil-livell tal-UE. Jibqa' l-fatt li l-valur miżjud tal-UE tal-Mekkaniżmu jirriżulta l-ewwel u qabel kollox mill-kondiviżjoni tar-responsabbiltajiet bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri. Dan johlq bażi qawwija biex tiġi ġġenerata fiduċja reċiproka. L-evalwazzjonijiet imwettaq fil-livell tal-UE jistgħu jiżguraw l-identifikazzjoni f'waqtha ta' nuqqasijiet li jfeġġu minn asimetriji, diverġenzi u implimentazzjoni skorretta tal-acquis ta' Schengen li altrimenti jpoġġu f'riskju l-integrità ta' Schengen. Apparti minn hekk, il-pressjoni

²⁵ SWD(2021) 74 final ta' 14.4.2021.

²⁶ COM(2020)605 final.

²⁷ FI-2016, kien stmat li l-istabbiliment totali mill-ġdid tal-kontrolli fil-fruntieri interni jiġġenera kostijiet diretti immedjati ta' bejn EUR 5 biljun u EUR 18-il biljun fis-sena, COM(2016) 120 final, p. 3.

²⁸ ĠU L 295, 6.11.2013, p. 37.

mill-pari eżerċitata fil-livell tal-UE toħloq l-inċentiv meħtieġ biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jirrimedjaw f'qasir żmien in-nuqqasijiet, b'mod partikolari fl-eventwalità ta' nuqqasijiet serji.

Barra minn dan, l-inizjattiva tqis kif dovut il-prinċipju tas-sussidjarjetà billi tistipula l-bażi għal koordinazzjoni mtejbja permezz tal-evalwazzjonijiet li jsiru fl-ambitu tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità u ta' monitoraġġ. Wieħed mill-oġġettivi huwa li l-fokus tal-Mekkaniżmu jiġi trasferit fuq in-nuqqasijiet li jaf ikollhom effetti ħżiena fuq it-tħaddim sew ta' Schengen kollha kemm hi. Kwistjonijiet ta' portata limitata għandhom minflok jiġu trattati fuq livell nazzjonali. Dan l-approċċ huwa konsistenti wkoll mar-Regolament (UE) 2019/1896, li jħeġġeġ biex jiġu żviluppatti mekkaniżmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fl-ambitu tal-komponenti tal-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri.

Bħala konklużjoni, sabiex in-nuqqasijiet identifikati mir-rieżami jiġu indirizzati b'mod effettiv u analizzati ulterjorment fil-valutazzjoni tal-impatt, huma meħtieġa bidliet leġiżlattivi.

• **Proporzjonalità**

L-Artikolu 5(4) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea jipprevedi li l-kontenut u l-forma tal-azzjoni tal-Unjoni ma għandhomx jeċċedu dak li jkun meħtieġ sabiex jitwettqu l-oġġettivi tat-Trattati. Il-forma magħżula għal din l-azzjoni trid tagħti lok biex il-proposta tikseb l-oġġettivi tagħha u tiġi implimentata bl-aktar mod effettiv possibbli.

Il-Mekkaniżmu ġie stabbilit fl-2013 permezz ta' Regolament billi dan il-Mekkaniżmu speċifiku li huwa implimentata fil-livell tal-UE u kkoordinat mill-Kummissjoni jirrikjedi regoli ċari rigward ir-responsabbiltajiet u l-proċeduri. L-inizjattiva proposta tikkostitwixxi reviżjoni ta' Regolament u għalhekk trid ukoll tkun fil-forma ta' Regolament.

Fir-rigward tal-kontenut, il-proporzjonalità tal-aspetti ġodda ewlenin ġew eżaminati fil-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanjaha (it-Taqsima 7.3).

Fost affarijiet oħra, il-proposta hija maħsuba li tissimplifika l-proċess ta' evalwazzjoni billi tissimplifika l-proċess attwali tat-teħid ta' deċiżjonijiet b'żewġ stadji, sabiex, bħala regola ġenerali, il-Kummissjoni tadotta mhux biss ir-rapporti ta' evalwazzjoni iżda wkoll ir-rakkomandazzjonijiet permezz ta' att uniku ta' implimentazzjoni (bħalissa l-Kummissjoni tadotta r-rapport u proposta għal Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill). L-esperjenza tas-snin imgħoddija wriet li l-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill ittawwal il-proċedura b'mod konsiderevoli (b'medja ta' 2-3 xhur) filwaqt li l-pressjoni tax-xogħol eċċessiva tillimita s-setgħa tal-Kunsill li jeżerċita l-pressjoni mill-pari meħtieġa u jkollu diskussjonijiet ġenerali dwar l-istat ta' Schengen. L-approċċ rivedut ifittex li jirrimedja b'mod proporzjonat dawn in-nuqqasijiet billi jiżgura li r-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill jiġu adottati fil-każijiet meqjusa li jkollhom l-akbar valur miżjud u impatt biex jorjentaw id-diskussjoni politika dwar kwistjonijiet li huma ta' interess ġenerali għat-tħaddim taż-żona Schengen, jiġifieri l-evalwazzjonijiet tal-ewwel darba u n-nuqqasijiet serji, kif ukoll l-evalwazzjonijiet tematiċi, filwaqt li jissimplifika l-proċedura f'każijiet ta' natura aktar teknika. Il-proposta żżid ukoll b'mod sinifikanti r-rwol tal-Kunsill fis-segwitu u l-monitoraġġ tal-progress ta' dawn il-każijiet, u tipprevedi wkoll mekkaniżmu ta' sanzjonijiet gradwali f'każ ta' nuqqas ta' progress.

Bħala konklużjoni, l-ebda bidla proposta f'din l-inizjattiva ma tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-oġġettivi deskritti fit-Taqsima 1, u b'hekk il-proposta tirrispetta l-prinċipju tal-proporzjonalità. Fil-fatt, diversi elementi tal-proposta se jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u l-Kummissjoni.

- **Għażla tal-istrument**

Ladarba l-inizjattiva proposta hija maħsuba li tirrevedi u taġġorna l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni eżistenti stabbilit permezz tar-Regolament (ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013), se tkun ukoll f'forma ta' Regolament.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

F'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013, il-Kummissjoni wettqet rieżami tal-operazzjoni tar-Regolament u ppreżentat rapport u dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah fil-25 ta' Novembru 2020²⁹. Kif spjegat fit-Taqsima 1, dan kien il-punt tat-tluq tal-abbozzar tal-proposta.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-konsultazzjoni tal-partijiet interessati hija koperta fid-dettall fil-valutazzjoni tal-impatt³⁰ li jakkumpanja din il-proposta. Il-partijiet ikkonċernati ġeneralment jappoġġaw it-tiġid tal-Mekkaniżmu biex tiżdied l-effettività tiegħu u jiġi żgurati li jkun kapaċi jadatta għall-iżviluppi leġislattivi riċenti u jindirizza sfidi ġodda.

- **Valutazzjoni tal-impatt³¹**

Abbażi tad-*data* disponibbli u r-riżultati ta' konsultazzjoni wiesgħa mal-partijiet ikkonċernati, il-Kummissjoni fasslet erba' għażliet ta' politika li kull waħda tinkludi sensiela ta' miżuri biex jinkisbu l-objettivi. L-Għażla 1 tinkludi biss miżuri operazzjonali biex l-implimentazzjoni tiġi allinjata mal-ħtiġijiet attwali. L-Għażla 2 hija emendi leġislattivi mmirati għar-Regolament biex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi biex tiżdied iċ-ċertezza tad-dritt rigward l-obbligi tal-atturi differenti involuti, u jiġu ssimplifikati u rrazzjonalizzati l-proċeduri eżistenti. L-Għażla 3 hija approċċ aktar ambizzjuż li jwassal għas-simplifikazzjonijiet tal-ewwel żewġ għażliet u bidliet importanti fit-tħaddim tal-Mekkaniżmu. L-Għażla 4 hija approċċ ikkombinat li jgħib flimkien elementi mid-diversi għażliet skont il-qasam ta' intervent. Dawn l-għażliet jibnu fuq xulxin u f'ħafna mill-każijiet huma kumulattivi aktar minn alternattivi, skont il-livell ta' ambizzjoni. Il-pakkett ta' politika ppreferuta (l-Għażla 4) jiġbor flimkien sensiela ta' miżuri mill-għażliet 1, 2 u 3.

Objettiv speċifiku 1: Jiġu evitati l-lakuni fis-sejbiet tal-evalwazzjonijiet u jiżdied il-fokus strateġiku

L-għażla ppreferuta hija li jinżamm il-kamp ta' applikazzjoni attwali li jkopri l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen, filwaqt li l-prijoritajiet (oqsma ta' politika) jiġu adattati għar-realtajiet il-ġodda bi programmazzjoni aktar flessibbli u ċ-ċiklu ta' evalwazzjoni jiġi estiż minn ħames għal seba' snin. L-għażla tat-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni tal-Mekkaniżmu biex ikopri kwistjonijiet lil hinn mill-acquis ta' Schengen (pereż. fil-qasam tal-politika dwar l-ażil) għet skartata għal raġunijiet prinċipalment legali iżda anki għal raġunijiet

²⁹ Ara n-noti 6 u 7 f'qiegħ il-paġna.

³⁰ Ara, b'mod partikolari l-Anness 2 tal-valutazzjoni tal-impatt.

³¹ L-iskeda tas-sommarju tal-valutazzjoni tal-impatt u l-opinjoni pożittiva tal-Bord tal-Iskrutinju Regulatorju huma disponibbli hawnhekk: <https://ec.europa.eu/transparency/documents-register/?lang=mt>.

politiċi, billi ħafna Stati Membri ma appoġġawx tali għażla. L-artikolazzjoni attwali tal-evalwazzjonijiet skont l-oqsma ta' politika se tinżamm ukoll iżda se ssir aktar flessibbli. Li jkun hemm evalwazzjoni komprensiva waħda għal kull Stat Membru rriżulta li fil-prattika mhuwiex fattibbli fl-immedjat (iżda kien jimmira għal terminu medju). Madankollu, fir-rigward tal-għamliet u l-metodi tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, huma proposti bidliet leġislativi ambizzjużi biex iwessgħu s-sensiela ta' għodod disponibbli u jiċċaraw il-kriterji u l-kundizzjonijiet għall-użu tagħhom: evalwazzjonijiet tematiċi sistematiċi, żewġ tipi ta' żjarat għal għarrieda b'avviż ta' 24 siegħa jew mingħajru skont l-iskop, u żewġ tipi ta' żjarat mill-ġdid ("żjarat minħabba nuqqasijiet serji" u "żjarat ta' verifika").

Objettiv speċifiku 2: Ir-rwoli u t-tqassim tar-responsabbiltajiet jiġu rrazzjonalizzati, u jiġu ssimplifikati l-proċessi u l-proċeduri

Il-pakkett ta' politika ppreferuta jinkludi emendi biex il-proċessi jitħaffu u jiġu ssimplifikati l-proċeduri kif ukoll bidliet legali ambizzjużi biex tiġi mmodifikata l-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet. Id-deklassifikazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni, bħala regola, bit-twaqqif ta' limiti taż-żmien legali għall-adozzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet, il-valutazzjoni ssimplifikata tal-pjanijiet ta' azzjoni mill-Kummissjoni u l-frekwenza ridotta tal-obbligi ta' rapportar għall-Istati Membri se jħaffu l-pass u jiffaċilitaw il-proċeduri u dawn għandhom l-appoġġ wiesa' tal-partijiet ikkonċernati. Fir-rigward tal-bidla proposta fil-proċedura tat-teħid ta' deċiżjonijiet, li skontha l-Kummissjoni tadotta kemm ir-rapporti ta' evalwazzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet (filwaqt li jinżamm ir-rwol tal-Kunsill fl-aktar każijiet politikament rilevanti), l-Istati Membri se jkomplu jkunu involuti mija fil-mija fl-adozzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet bis-saħħa tal-proċedura ta' eżami.

Objettiv speċifiku 3: Tissaħħaħ l-implimentazzjoni tas-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali skont l-acquis ta' Schengen

L-għażla ppreferuta hija li jiġu introdotti bidliet biex tiżdied iċ-ċertezza tad-dritt rigward elementi rilevanti għad-drittijiet fundamentali u tiġi enfasizzata l-importanza tagħhom. Qiegħed jiġi propost li tiddaħħal referenza għall-preżentazzjoni regolari ta' analiżijiet tar-riskju mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali, tissaħħaħ ir-referenza għad-drittijiet fundamentali fid-dispożizzjonijiet dwar it-taħriġ, jiżdied is-sehem tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali fiż-żjarat ta' evalwazzjoni, u jiddaħħal Artikolu speċifiku rigward l-użu ta' evidenza mogħtija minn partijiet terzi.

Minbarra l-elementi li jissemmew hawn fuq, il-proposta tinkludi diversi bidliet tekniċi biex jiżdiedu l-effettività u l-effiċjenza tal-Mekkaniżmu. Kull waħda, individwalment, għandha biss impatt pożittiv pjuttost limitat (u għalhekk ma kinux soġġetti għall-valutazzjoni tal-impatt), iżda l-impatt kumplessiv ta' dawn il-miżuri huwa pożittiv.

Objettiv speċifiku 4: Jiġi ottimizzat is-sehem tal-esperti tal-Istati Membri u l-involvement tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni

Il-pakkett ta' politika ppreferuta jinkludi emendi legali biex jinbidel il-proċess ta' kif jinħatru l-esperti billi jinħoloq grupp ta' esperti permanenti kull sena li gġestih il-Kummissjoni filwaqt li jkun hemm flessibilità meta jiġi ddeterminat id-daqs tat-timijiet. Barra minn hekk, il-bidliet proposti jimmassimizzaw l-input u jtejbju l-koordinazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u mekkaniżmi oħra ta' kontroll tal-kwalità permezz ta' analiżi tar-riskju mtejba, koordinazzjoni mtejba u sehem imsaħħaħ b'obbligi legali ġodda. Dawn il-miżuri kisbu appoġġ wiesa' fost il-partijiet ikkonċernati.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Diversi elementi tal-proposta se jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri, il-Kummissjoni, u l-Kunsill speċjalment fil-fażi tat-teħid ta' deċiżjonijiet (billi l-Kunsill ma jkollux għalfejn joħroġ rakkomandazzjonijiet fil-każijiet kollha) u fil-fażi ta' monitoraġġ, permezz ta' rekwiżiti ta' rapportar anqas frekwenti fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u l-valutazzjoni ssimplifikata ta' dawk il-pjanijiet ta' azzjoni mill-Kummissjoni. Proċeduri ssimplifikati u aktar rapidi huma proposti wkoll għall-fażi ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-metodi u l-għodod ta' evalwazzjoni, it-twaqqif tat-timijiet u l-adozzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni. Fil-valutazzjoni tal-impatt ingħataw stimi kwantifikati, sa fejn kien possibbli.

- **Drittijiet fundamentali**

Din il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tintroduċi bidliet leġislattivi speċifiċi biex jiġi żgurat li l-obbligi fir-rigward tad-drittijiet fundamentali jkunu koperti b'mod ċar mill-Mekkaniżmu.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ma' din il-proposta hija annessa dikjarazzjoni finanzjarja. Fis-sena t-tħaddim tal-Mekkaniżmu jiswa' lill-Kummissjoni bejn wieħed u ieħor EUR 2 miljun. Dan il-livell ta' nfiq se jinżamm; il-proposta ma tirrikjedix żieda fir-riżorsi umani u finanzjarji li diġà huma allokatu għall-Kummissjoni. Dan huwa primarjament minħabba s-sensiela ta' bidliet li jwasslu biex inaqqsu l-piż amministrattiv tal-Kummissjoni u d-dispożizzjonijiet li jippermetti evalwazzjonijiet aktar immirati (u saħansitra iqsar) b'timijiet iżgħar. Matul il-ħidma fuq il-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni kienet immexxija mill-prinċipju li l-effiċjenza u l-effettività tal-Mekkaniżmu għandhom jiżiedu mingħajr ma jkunu jirrikjedu riżorsi umani u finanzjarji addizzjonali.

L-ispejjeż imġarrba mill-esperti tal-Istati Membri se jibqgħu jiġu rimborżati u lanqas mhija mistennija żieda f'dan ir-rigward. Minħabba l-bidliet proposti se jsir aktar b'mod aktar effiċjenti bl-istess riżorsi.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Monitoraġġ**

Il-Kummissjoni se twettaq rieżami tal-operazzjoni tar-Regolament u tippreżenta rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapporti kollha ta' evalwazzjoni rigward l-evalwazzjonijiet koperti mill-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni pluriennali ta' seba' snin taħt ir-Regolament il-ġdid.

Bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt u f'konformità mar-regoli dwar ir-regolamentazzjoni aħjar, ġiet żviluppata lista ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi mhux eżawrjenti li se tintuża għar-rieżami. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tiżviluppa għodda ġdida tal-IT biex timmodernizza l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mill-Istati Membri. Din l-għodda hija mistennija li tibda topera diġà fl-2021.

- **Il-konsegwenzi tad-diversi protokollu annessi mat-Trattati u tal-ftehimiet ta' assoċjazzjoni konklużi ma' pajjiżi terzi**

Minħabba li l-bażi ġuridika għal din il-proposta tinsab fit-Titolu V tal-Parti Tlieta tat-TFUE, tapplika s-sistema ta' "ġeometrija varjabbli", kif prevista fil-protokollu dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka u l-Irlanda u l-protokoll ta' Schengen. Il-proposta hija żvilupp tal-acquis ta'

Schengen. Għaldaqstant iridu jitqiesu l-konsegwenzi għad-diversi protokollu u ftehimiet ta' assoċjazzjoni ta' Schengen fir-rigward tad-Danimarka u l-Irlanda; l-Iżlanda u n-Norveġja; u l-Iżvizzera u l-Liechtenstein. Bl-istess mod, iridu jitqiesu l-konsegwenzi għad-diversi Atti ta' Adeżjoni. Is-sitwazzjoni dettaljata ta' kull wieħed mill-Istati kkonċernati hija stabbilita fil-premessi final ta' din il-proposta.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Paragun artikolu wara l-ieħor mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament attwali:

Artikolu 1 – Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

L-Artikolu jibqa' essenzjalment kif kien, iżda jiċċara l-iskop tal-Mekkaniżmu (“jiżgura li l-Istati Membri japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod effettiv, u b'hekk jikkontribwixxi għal żona li taħdem sew mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni”). Il-paragrafu 3 tqiegħed fl-Artikolu 15 (“esperti tal-Istati Membri”).

Artikolu 2 – Definizjonijiet

Ġew miżjuda għadd ta' definizzjonijiet ġodda biex ikun hemm ċertezza tad-dritt u biex ir-Regolament ikun jista' jinqara aħjar. Tiżdied id-definizzjoni ta' “nuqqas serju” biex ikun hemm aktar ċertezza tad-dritt u tiġi żgurata komprensjoni komuni tal-kunċett. Id-definizzjoni tibbaża fuq dik diġà użata bħalissa fil-“Gwida għall-Evalwazzjoni ta' Schengen” tal-Kummissjoni. L-Artikolu jipprovdi wkoll definizzjonijiet għall-“evalwazzjoni tal-ewwel darba”, “evalwazzjoni perjodika”, “evalwazzjoni għal għarrieda”, “evalwazzjoni tematika”, “żjara”, “żjara mill-ġdid”, “żjara ta' verifika”, “attività ta' evalwazzjoni” u “tim”,

Artikolu 3 – Responsabbiltajiet u dmir ta' kooperazzjoni

Ma ddaħħlet l-ebda bidla sinifikanti. Il-paragrafi l-ġodda 4 u 5 ġew trasferiti hawnhekk mill-Artikolu 13 billi jinkludu essenzjalment responsabbiltajiet għall-Istati Membri u l-Kummissjoni.

Artikolu 4 – Għamliet tal-evalwazzjonijiet

Biex jipprovdi ċarezza, l-Artikolu jikkomplementa d-definizzjonijiet billi jelenka l-għamliet tal-evalwazzjonijiet u jispeċifika l-kundizzjonijiet għall-evalwazzjonijiet għal għarrieda u għall-evalwazzjonijiet tematiċi.

Artikolu 5 – Għamliet tal-attivitajiet ta' monitoraġġ

Biex jipprovdi ċarezza, l-Artikolu jelenka l-għamliet tal-attivitajiet ta' monitoraġġ.

Artikolu 6 – Metodi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ

Bl-istess mod, biex jipprovdi ċarezza, l-Artikolu jelenka l-metodi li għandhom jintużaw għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, jiġifieri żjarat (b'avviż minn qabel jew għal għarrieda), kwestjonarji jew metodi oħra mill-bogħod, pereż. vidjokonferenzi. Jispeċifika li dawn jistgħu jintużaw b'mod indipendenti jew imħallta flimkien.

Artikolu 7 – Kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni

Dan l-Artikolu ġdid jirrinforza l-importanza li tiġi stabbilita kooperazzjoni mill-qrib għall-finijiet ta' dan ir-Regolament mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen (b'mod partikolari l-Frontex, l-eu-LISA u l-Europol). Jirreferi b'mod espliċitu għall-ħtieġa li tiġi rinforzata l-kooperazzjoni anki mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali. Abbażi tal-Artikolu, il-Kummissjoni se (tkompli tirrikjedi) informazzjoni, *data* statistika u analiżijiet tar-riskju rilevanti mingħand dawn il-korpi, uffiċċji u aġenziji. Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni se tkun

reċiproka: Artikolu sussegwenti (l-Artikolu 10) jipprevedi li l-Kummissjoni tista' tikkondividi magħhom dettalji dwar ir-rapporti ta' evalwazzjoni, il-pjanijiet ta' azzjoni u l-aġġornamenti dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni biex iżżid is-sinerġiji u biex tevita sforzi doppji.

Artikolu 8 – Kooperazzjoni mal-Frontex

L-Artikolu huwa verżjoni adattata tal-Artikolu 7 tar-Regolament attwali, u jqis l-evoluzzjoni tar-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta.

Artikolu 9 – Kooperazzjoni mal-Europol

Abbażi tal-proposta tal-Kummissjoni³² biex jiġi emendat ir-Regolament dwar l-Europol, l-Artikolu jipprevedi kontroreferenza għall-Artikolu 4(1)(s) tar-Regolament (UE) 2016/794³³, li skontu l-Europol ikollha tagħti s-sostenn tagħha għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament b'għarfien espert, analiżijiet, rapporti u informazzjoni oħra rilevanti. It-test għadu pendenti għall-adozzjoni tal-proposta.

Artikolu 10 – Sinerġiji ma' attivitajiet oħra ta' evalwazzjoni u monitoraġġ

Sabiex jiżied il-fokus strateġiku u t-tfassil aktar immirat tal-evalwazzjoni, l-Artikolu jirrikjedi aktar sinerġiji mal-mekkaniżmi u l-pjattaformi rilevanti operati mill-aġenziji tal-UE u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, pereż. il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali ("EMPACT") jew is-sorveljanza mwettqa mill-eu-LISA fir-rigward tat-tnejn tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT rilevanti kif ukoll is-sejbiet tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità jew il-mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti. L-Artikolu jipprevedi wkoll li l-korpi u l-aġenziji ma għandhomx biss ikunu fornituri tal-informazzjoni, iżda wkoll benefiċċjarji u għalhekk, il-Kummissjoni għandha tkun tista' tikkondividi magħhom rapporti ta' evalwazzjoni, pjanijiet ta' azzjoni u aġġornamenti dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni.

Artikolu 11 – Informazzjoni minn partijiet terzi

L-Artikolu jipprovdi bażi ġuridika għall-użu ta' informazzjoni pprovduta minn partijiet terzi (pereż. l-ombudspersons, l-awtoritajiet li jwettqu monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, l-organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali) biex tiżied l-effiċjenza tal-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni. Tali informazzjoni tista' tkun partikolarment ta' siwi biex jiġi evalwat ir-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

Artikolu 12 – Programm ta' evalwazzjoni pluriennali

It-terminu tal-programm pluriennali ġie estiż minn ħames għal seba' snin sabiex jingħata lok biex isiru l-evalwazzjonijiet kollha meħtieġa bl-aktar mod effettiv, ikun jista' jkun hemm reazzjoni għall-isfidi li jfeġġu, l-għodod kollha disponibbli jkun jistgħu jintużaw b'mod aktar flessibbli u bbilanċjat, u biex ikun previst monitoraġġ aktar mill-qrib u aktar immirat. L-Artikolu jiddeskrivi l-kontenut tal-programm ta' evalwazzjoni pluriennali li se jidentifika l-oqsma prijoritarji speċifiċi li għandhom jiġu koperti mill-evalwazzjonijiet perjodiċi. Se jistabbilixxi wkoll lista proviżorja ta' Stati Membri li għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet perjodiċi f'sena partikolari. Qiegħda tiddaħħal ukoll proċedura simplifikata għall-aġġustament tal-programm, li skontha l-aġġustamenti meħtieġa minħabba avvenimenti u ċirkostanzi ta' force majeure, jaf ma jkunux jirrikjedu emenda għall-programm, jiġifieri l-att ta' implimentazzjoni kkonċernat. L-esperjenza tal-imgħoddi wriet biċ-ċar il-ħtieġa għal tali

³² COM(2020) 796 final ta' 9.12.2020.

³³ ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53.

flessibilità. Minħabba l-pandemija tal-Covid-19, il-programm ta' evalwazzjoni annwali għall-2020 kellu jiġi emendat. Barra minn hekk, l-evalwazzjonijiet fil-qasam tal-politika komuni dwar il-viżi huma suxxettibbli għal avvenimenti mhux previsti minħabba li jsiru f'pajjiżi terzi. Tali avvenimenti wasslu wkoll biex jiġi emendat il-programm, li huma eżerċizzju li jieħu ż-żmien.

Artikolu 13 – Programm ta' evalwazzjoni annwali

L-ebda bidla kbira meta mqabbel mal-Artikolu attwali korrispondenti (l-Artikolu 6). Il-programm ta' evalwazzjoni annwali se jkun fih proposti għal evalwazzjonijiet perjodiċi tal-Istati Membri kif speċifikat fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali; evalwazzjonijiet tal-ewwel darba ta' Stat Membru (jekk ikun meħtieġ) u minn tal-anqas evalwazzjoni tematika waħda. Se jinkludi skeda taż-żmien proviżorja ta' dawn l-evalwazzjonijiet, iżda mhux neċessarjament is-siti li għandha ssir żjara fiha / li għandhom jiġu evalwati. L-evalwazzjonijiet għal għarrieda mhumiex se jiġu pprogrammati aktar iżda se jiġu organizzati fi żmien qasir skont il-bżonn. Dan ma għandu l-ebda impatt fuq l-Istat Membru iżda se jiffaċilita l-ippjanar u l-proċeduri interni fil-Kummissjoni u jżid il-flessibilità u l-kapaċità ta' reazzjoni għal ċirkostanzi ġodda. B'mod simili għall-programm pluriennali, qiegħda tiddaħħal proċedura simplifikata għall-aġġustament tal-programm meħtieġa minħabba avvenimenti jew ċirkostanzi ta' force majeure.

Artikolu 14 – Kwestjonarju standard

L-ebda bidla sostanzjali meta mqabbel mal-Artikolu attwali korrispondenti (l-Artikolu 9). Mhux se jkun meħtieġ li jiġi adottat kwestjonarju standard ġdid minħabba l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid (l-Artikolu 31). Għandu jibqa' jintuża dak ta' bħalissa. L-iskadenza biex jintbagħat il-kwestjonarju u biex jiġu riċevuti t-tweġibiet mill-Istati Membri ġiet aġġustata biex jiġi żgurat li l-maġġorparti tax-xogħol min-naħa tal-Istati Membri ma jkollux għalfajn (neċessarjament) isir matul il-perjodu tal-btajjel tas-sajf. Barra minn hekk, huwa speċifikat li fuq talba tal-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jaġġornaw it-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju standard u jwieġbu, jekk ikun mitlub, mistoqsijiet komplementari qabel l-evalwazzjonijiet speċifiċi, kif ukoll jipprovdu s-sejbiet tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità u tal-verifiki interni. Din id-dispożizzjoni tiżgura li t-timijiet ikollhom l-informazzjoni kollha rilevanti u aġġornata għad-dispożizzjoni tagħhom biex iwettqu b'mod effiċjenti l-evalwazzjonijiet speċifiċi.

Artikolu 15 – Esperti tal-Istati Membri

L-ebda bidla sostanzjali meta mqabbel mal-Artikolu attwali (l-Artikolu 12). Il-paragrafu 2 ġie trasferit hawnhekk mill-Artikolu 1 fejn jinsab bħalissa.

Artikolu 16 – Taħriġ tal-esperti

Kienet tinħass il-ħtieġa li d-dispożizzjoni dwar it-taħriġ tiġi rinforzata billi jiddaħħal Artikolu speċifiku dwar il-kwistjoni; li jenfasizza l-importanza tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti rigward id-drittijiet fundamentali fil-korsijiet ta' taħriġ u tal-involvement sistematiku tal-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali. Issir referenza speċifika għall-ħtieġa li l-*curricula* tat-taħriġ inizjali jinżammu aġġornati u li jiġi organizzat taħriġ ta' aġġornament. Barra minn hekk, kull tim ta' evalwazzjoni jista' jinkludi "osservatur" minn Stat Membru jew inkella mill-Kummissjoni. Dawn l-esperti "b'anqas esperjenza" se jgħibu l-esperjenza mill-evalwazzjonijiet qabel ma jieħdu sehem fihom mija fil-mija bħala membri sħaħ tat-tim. Bħala osservaturi, jistgħu jingħataw il-kompitu li jipprovdu assistenza teknika (kif speċifikat fl-Artikolu 18) iżda ma għandhomx ikunu involuti fil-ħidma ewlenija tat-timijiet (valutazzjoni tas-sejbiet u abbozzar). Madankollu, l-ispejjeż jiġġarrbu mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 3.

Artikolu 17 – Grupp ta' esperti tal-Istati Membri

Dan l-Artikolu ġdid, kif diġà spjegat fid-dettall taħt it-Taqsima 1, għandu l-għan li jiżgura li jkun hemm għadd suffiċjenti ta' esperti b'esperjenza li jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ u li t-timijiet jiġu stabbiliti b'mod aktar rapidu u anqas ikkumplikat. Il-grupp ta' esperti se jipprovi aktar prevedibbiltà kif ukoll flessibilità akbar. L-Artikolu jipprovi regoli dettaljati u skadenzi fir-rigward tat-twaqqif tal-grupp ta' esperti u jiddefinixxi l-obbligi għall-Kummissjoni u għall-Istati Membri. Huwa mistenni li l-membri tal-grupp ta' esperti kif ukoll l-awtoritajiet nazzjonali jwieġbu b'mod pożittiv għal stedinet speċifiċi; ir-rifjut tagħhom għandu jkun ibbażat fuq raġunijiet professjonali jew personali serji biss.

Artikolu 18 – Twaqqif tat-timijiet

L-Artikolu jgħaqqad flimkien u jemenda l-Artikoli 10 u 11 korrispondenti ta' bħalissa. Jipprevedi, bħala regola ġenerali, li l-membri tat-timijiet jintgħażlu mill-grupp ta' esperti li jkun ġie stabbilit ġdid (ara l-Artikolu 17) filwaqt li titqies il-kapaċità ta' amministrazzjonijiet nazzjonali iżgħar. Il-ħruġ ta' sejħa għall-Istati Membri kollha, li huwa l-mod attwali li bih jinġiebu l-esperti, se jinżamm xorta waħda, bħala possibbiltà supplimentari f'każijiet li fihom il-Kummissjoni ma tkunx tista' ġġib għadd suffiċjenti ta' esperti mill-grupp ta' esperti. Fir-rigward tal-għadd ta' esperti fit-timijiet se jingħata lok għall-flessibilità. Il-Kummissjoni se tiddefinixxi d-daqs tat-timijiet skont il-ħtiġijiet u l-isfidi relatati ma' kull attività ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. Fit-twaqqif tat-timijiet, il-bilanċ u r-rotazzjoni ġeografika se jiġu żgurati mill-Kummissjoni u se titqies il-kapaċità tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-ħtieġa għal varjetà ta' profili. L-Artikolu jipprevedi wkoll regoli biex jinħatru u jintgħażlu l-esperti fit-tmun u jiddeskrivi r-responsabbiltajiet prinċipali tagħhom.

Artikolu 19 – Twettiq taż-żjarat

L-akbar bidla meta mqabbel mal-Artikolu attwali korrispondenti (l-Artikolu 13) hija li bħala regola ġenerali, iż-żjarat għal għarrieda se jsiru mingħajr ebda notifika minn qabel lill-Istat Membru kkonċernat. Dan se jkun japplika b'mod partikolari meta l-iskop taż-żjara jkun li jiġu evalwati l-prattiki fil-frontieri interni (kif jiġri bħalissa); jekk il-Kummissjoni ssir taf b'xi problemi li feġġew jew problemi sistematiċi li potenzjalment ikollhom impatt negattiv sinifikanti fuq it-tħaddim taż-żona Schengen; jew jekk Stat Membru allegatament ikun qiegħed jittraskura serjament l-obbligi tiegħu skont l-acquis ta' Schengen, inklużi allegazzjonijiet serji ta' ksur potenzjali tad-drittijiet fundamentali b'rabta mal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen. Avviż minn qabel ta' 24 siegħa se jkun l-eċċezzjoni għall-każijiet li l-iskop ewlieni taż-żjara għal għarrieda jkun verifika bħas-soltu tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen. L-Artikolu jagħmilha ċara wkoll li l-programm dettaljat taż-żjarat jaf jinkludi żjarat lill-awtoritajiet u l-korpi nazzjonali, lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali, u laqgħat magħhom, kif ukoll żjarat lil entitajiet, aġenziji u korpi oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, li jieħdu sehem fih jew ikkonċernati minnu waqt il-kooperazzjoni tagħhom mal-Istat Membru kkonċernat, kif ukoll laqgħat magħhom.

Artikolu 20 – Metodi mill-bogħod

Dan l-Artikolu jiddikjara li l-Kummissjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri tista' tistabbilixxi linji gwida biex twettaq attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ permezz ta' kwestjonarju jew metodi oħra mill-bogħod (pereż. vidjokonferenzi). Minkejja li jeżistu linji gwida għat-twettiq taż-żjarat, ma jeżistux linji gwida ta' din ix-xorta biex isiru evalwazzjonijiet permezz ta' kwestjonarju jew metodi mill-bogħod. Diġà teżisti dispożizzjoni simili (u tinżamm fl-Artikolu 19) fir-rigward tat-twettiq ta' żjarat għal għarrieda.

Artikolu 21 - Rapport ta' evalwazzjoni

Jiddaħħlu bidliet importanti biex iħaffu u jżidu l-effiċjenza tal-proċedura, b'mod partikolari billi jingħataw skadenzi iqsar u ġodda u billi jiddaħħal ir-rekwiżiti li r-rapporti jiġu adottati mhux aktar tard minn erba' xhur mill-evalwazzjoni.

Ir-rapporti ta' evalwazzjoni se jkunu aktar iffukati, u se jkun fihom sejbiet sostanzjali; prinċipalment, l-aħjar Prattiki jew inkella dawk mhux konformi. Tinżamm madankollu l-kategorija ta' "konformi iżda meħtieġ titjib", mhux l-inqas minħabba li wriet li kienet għodda ta' siwi biex tgħolli l-livell ta' implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen għal standards għoljin filwaqt li tiżgura wkoll armonizzazzjoni ulterjuri. Ir-rapporti, bħala regola ġenerali, se jkunu jinkludu wkoll rakkomandazzjonijiet u se jkomplu jiġu adottati bħala att ta' implimentazzjoni skont il-proċedura ta' eżami. F'dan ir-rigward tingħata spjegazzjoni ulterjuri taħt it-Taqsima 2 ("Proporzjonalità") u fl-Artikoli 23, 24 u 25 huma stabbiliti eċċezzjonijiet mir-regola ġenerali (ara aktar 'l isfel).

Artikolu 22 – Segwitu u monitoraġġ

Jiddaħħlu diversi bidliet sostanzjali, l-ewwel u qabel kollox biex jiġi żgurat li n-nuqqasijiet jiġu rimedjati f'qasir żmien u wkoll biex jitnaqqas il-piż amministrattiv li hemm bħalissa minħabba l-frekwenza tal-obbligu ta' rapportar. Ir-rapporti kollha ta' evalwazzjoni se jkunu segwiti minn pjan ta' azzjoni. Is-servizzi tal-Kummissjoni se jipprovdu osservazzjonijiet dwar il-pjanijiet ta' azzjoni permezz ta', pereżempju, ittri amministrattivi kuntrarjament għall-Komunikazzjonijiet formali tal-Kummissjoni kif jiġri skont ir-Regolament attwali. Jekk is-servizzi tal-Kummissjoni ma jqisux il-pjan ta' azzjoni bħala adegwat, l-Istat Membru għandu jippreżenta pjan ta' azzjoni rivedut fi żmien xahar minn mindu jirċievi l-osservazzjonijiet. Bħala regola ġenerali, il-frekwenza tar-rapportar ta' segwitu se titnaqqas minn tliet xhur għal sitt xhur. Madankollu, element ġdid huwa li r-rapporti ta' segwitu ma għandhomx jiġu ppreżentati biss lill-Kummissjoni iżda lill-Kunsill ukoll. Bħala parti mill-attivitàjiet ta' monitoraġġ tagħha, il-Kummissjoni tista' torganizza żjarat mill-ġdid u żjarat ta' verifika. F'termini ta' rekwiżiti organizzazzjonali u ta' rapportar, dawn iż-żjarat se jkunu anqas esiġenti miż-żjarat ta' evalwazzjoni. Ir-rwol tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill se jiġi rinforzat fil-fażi ta' monitoraġġ: il-Kummissjoni se tinfirmahom minn tal-anqas darbejn fis-sena dwar l-istat tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, l-eżitu taż-żjarat mill-ġdid u ż-żjarat ta' verifika kif ukoll jekk tosservax nuqqas konsiderevoli ta' progress fl-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni.

Artikolu 23 – Dispożizzjonijiet speċifiċi fl-eventwalità ta' nuqqas serju identifikat permezz tar-rapport ta' evalwazzjoni

Dan l-Artikolu jipprevedi dispożizzjonijiet speċifiċi fil-każijiet li fihom l-evalwazzjoni tidentifika nuqqas serju. Huma previsti involviment aktar mill-qrib tal-Kunsill, proċeduri aktar rapidi u skadenzi aktar stretti. Ir-rapport ta' evalwazzjoni huwa adottat mill-Kummissjoni filwaqt li r-rakkomandazzjonijiet se jiġu adottati mill-Kunsill separatament mir-rapport ta' evalwazzjoni. Se jiġu imposti skadenzi stretti kemm fuq il-Kummissjoni (biex tadotta r-rapport) kif ukoll fuq il-Kunsill (biex jadotta r-rakkomandazzjonijiet). Fil-fażi ta' monitoraġġ se jiġu applikati regoli proċedurali stretti: l-Istat Membru għandu jibda jimplimenta l-azzjonijiet ta' rimedju immedjatement wara li jiġi infurmat bin-nuqqas serju u għandu jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri mingħajr dewmien. L-Istat Membru se jkun meħtieġ jipprovdi l-pjan ta' azzjoni tiegħu fi żmien xahar u l-Kummissjoni għandha torganizza żjara mill-ġdid li għandha ssir mhux aktar tard minn sena mid-data tal-attività ta' evalwazzjoni. Wara ż-żjara mill-ġdid, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport ta' żjara mill-ġdid lill-Kunsill li għandu jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-rapport. Il-Kummissjoni tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-intenzjoni tagħha li tagħlaq il-pjan ta'

azzjoni u l-Kunsill jiġi mistieden jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar l-għeluq propost. Għal nuqqasijiet serji fil-fruntieri esterni, jistgħu japplikaw l-Artikoli 21 u 29 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen.

Artikolu 24 – Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjonijiet tal-ewwel darba

Regoli speċifiċi huma meħtieġa wkoll għall-evalwazzjonijiet tal-ewwel darba. Bl-istess mod bħal dak ta' każijiet li fihom l-evalwazzjoni tidentifika nuqqas serju, huma previsti involviment aktar mill-qrib tal-Kunsill, proċeduri rapidi u skadenzi stretti (iżda mhux stretti daqs dawk fl-Artikolu 23), kif ukoll regoli aktar stretti fil-fażi ta' monitoraġġ.

Artikolu 25 – Dispożizzjoni speċifika għall-evalwazzjonijiet tematiċi

Fl-evalwazzjonijiet tematiċi huwa previst involviment aktar mill-qrib tal-Kunsill, bl-istess mod bħalma hemm fl-evalwazzjonijiet tal-ewwel darba. Għall-fażi ta' monitoraġġ, irriżulta li d-dispożizzjonijiet speċifiċi ma kinux meħtieġa.

Artikolu 26 – Informazzjoni sensitiva

Ir-rapporti ta' evalwazzjoni u r-rapporti dwar iż-żjarat mill-ġdid, fil-prinċipju, mhux se jiġi kklassifikati aktar bħala dokumenti "EU Restricted". L-istatus tagħhom għandu jiġi ddeterminat f'konformità mar-regoli ta' sigurtà applikabbli. Il-klassifikazzjoni tibqa' possibbli jekk l-Istat Membru evalwat jagħmel talba ġustifikata kif dovut.

Artikolu 27 – Kundizzjonijiet għas-sehem tal-Irlanda

L-Artikolu jsegwi l-Artikolu attwali korrispondenti (l-Artikolu 18) mingħajr ma jsemmi lir-Renju Unit.

Artikolu 28 – Rapportar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

L-Artikolu jsegwi l-Artikolu attwali korrispondenti (l-Artikolu 20). Ir-rapport komprensiv ta' kull sena jikkomplementa l-obbligi ta' rapportar rinforzati skont l-Artikolu 22. Il-Kunsill għandu jiddiskuti r-rapport u jadotta l-konklużjonijiet.

Artikolu 29 – Proċedura ta' kumitat

L-Artikolu jsegwi, fil-biċċa l-kbira tiegħu, l-Artikolu attwali korrispondenti (l-Artikolu 21).

Artikolu 30 – Rieżami

L-Artikolu jsegwi l-Artikolu attwali korrispondenti (l-Artikolu 22).

Artikolu 31 – Tħassir

L-Artikolu jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 b'effett mid-dħul fl-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid.

Artikolu 32 – Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

L-Artikolu jipprevedi dispożizzjoni tranżizzjonali għall-adozzjoni ta' programm pluriennali ġdid, li jiġi stabbilit sal-1 ta' Novembru 2022 u jibda fl-1 ta' Jannar 2023. Dawn id-dati jiġu adattati skont l-andament tan-negożjati dwar il-proposta.

Ladarba l-programm pluriennali li għaddej bħalissa se jintemm f'nofsu (f'Jannar 2023), id-dispożizzjoni tispeċifika li l-programm pluriennali l-ġdid għandu jqis l-evalwazzjonijiet li diġà twettqu taħt it-tieni programm pluriennali adottat fl-ambitu tar-Regolament attwali. Fil-prattika dan ifisser li l-programm pluriennali l-ġdid ta' seba' snin jibda bl-evalwazzjoni tal-

Istati Membri li ma ġewx evalwati taħt iċ-ċiklu attwali filwaqt li dawk li diġà ġew evalwati bejn l-2020 u d-dħul fis-seħħ tar-regoli l-ġodda jiżdiedu fi tmiem iċ-ċiklu l-ġdid ta' evalwazzjoni.

L-Artikolu jiċċara wkoll li l-kwestjonarju standard adottat fl-ambitu tar-Regolament attwali se jintuża sakemm jiġi stabbilit il-kwestjonarju standard previst skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 33 – Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Sabiex jagħmel użu kemm jista' jkun malajr mill-gwadanni kollha fl-effiċjenza pprovduti mir-Regolament il-ġdid, l-Artikolu jistabbilixxi skadenza ambizzjuża għall-applikazzjoni tar-Regolament il-ġdid (mill-[1 ta' Settembru 2022]), li tista' tiġi aġġustata matul in-negozjati dwar il-proposta.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-KUNSILL

dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 70 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġislativ intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew³⁴,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data,

Filwaqt li jaġixxi skont proċedura leġislativa speċjali,

Billi:

- (1) Iż-żona Schengen mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tibbaża fuq l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri. Dak l-acquis jinkludi miżuri fil-qasam tal-fruntieri esterni, miżuri ta' kumpens għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni u qafas ta' monitoraġġ b'saħħtu, li flimkien jiffaċilitaw il-moviment liberu u jiżguraw livell għoli ta' sigurtà, ġustizzja u protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tad-data personali.
- (2) Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni bejn il-pari tal-applikazzjoni ta' dak l-acquis ilu element ewlieni taż-żona Schengen sa mill-1998 bħala għodda biex jinżamm livell għoli ta' obbligu ta' rendikont u appartenenza proprja tar-riżultati kif ukoll biex tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri.
- (3) Ġie stabbilit mekkaniżmu speċifiku ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013³⁵, li sar operattiv fl-2015.
- (4) Sabiex iżid l-effettività u l-effiċjenza tiegħu, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen jenħtieġ li jittejjeb. Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jimmira li jżomm livell għoli ta' fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri billi jiggarrantixxi li l-Istati Membri japplikaw l-acquis ta' Schengen

³⁴ ĠU C , , p. .

³⁵ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jstabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen (ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27).

b'mod effettiv billi jsegwu l-istandards komuni maqbula u n-normi u l-prinċipji fundamentali, u b'hekk jikkontribwixxi għal żona Schengen li taħdem sew.

- (5) Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jikseb dawn l-għanijiet permezz ta' evalwazzjonijiet oġġettivi u imparzjali li jkunu jistgħu jidentifikaw f'qasir żmien in-nuqqasijiet fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen li jistgħu jfixxlu t-tħaddim korrett taż-żona Schengen, jiżguraw li dawn in-nuqqasijiet jiġu indirizzati minnufih, u jipprovdu l-bażi għad-djalogu dwar it-tħaddim taż-żona Schengen kollha kemm hi. Dan jirrikjedi kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni, distribuzzjoni bbilanċjata tar-responsabbiltajiet kondiviżi u li tinżamm in-natura tar-rieżami bejn il-pari tas-sistema. Jirrikjedi wkoll involviment aktar mill-qrib tal-Parlament Ewropew. Minħabba l-portata tal-bidliet, ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 jenħtieġ li jitħassar u jiġi sostitwit b'Regolament ġdid.
- (6) Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jista' jkopri l-oqsma kollha tal-acquis ta' Schengen - preżent u futur - ħliet dawk fejn mekkaniżmu ta' evalwazzjoni speċifiku diġà jeżisti taħt il-liġi tal-Unjoni. Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jenħtieġ li jinkorpora l-leġiżlazzjoni rilevanti kollha u l-attivitajiet operazzjonali li jikkontribwixxu għat-tħaddim taż-żona Schengen.
- (7) It-tħaddim korrett tal-awtoritajiet li japplikaw l-acquis ta' Schengen jenħtieġ li jitqies fl-evalwazzjonijiet kollha f'konformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-1 u t-2 ta' Marzu 2012. L-evalwazzjoni jenħtieġ ukoll tkopri l-prattiki tal-entitajiet privati, bħal-linji tal-ajru jew il-fornituri esterni tas-servizzi, sa fejn ikunu involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen jew affettwati minnu meta jikkooperaw mal-Istati Membri. Bl-istess mod, minħabba r-rwol akbar tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jappoġġa l-ivverifikar tal-attivitajiet ta' dawn il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni sakemm iwettqu funzjonijiet għan-nom tal-Istati Membri biex jassistu fl-applikazzjoni operazzjonali tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen. L-ivverifikar ta' dawn l-attivitajiet f'dawn ir-rigward jenħtieġ li jkun inkorporat fl-evalwazzjoni tal-Istati Membri u jitwettaq mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltajiet attribwiti lill-Kummissjoni u lill-korpi ta' governanza rilevanti tal-aġenziji, l-uffiċċji u l-korpi kkonċernati mir-regolamenti ta' twaqqif tagħhom u l-proċeduri ta' evalwazzjoni u monitoraġġ tagħhom stess li jinsabu fihom, kif ukoll b'rispett sħiħ tagħhom. Fl-eventwalità li l-evalwazzjonijiet jidentifikaw nuqqasijiet b'rabta mal-funzjonijiet imwettqa jew appoġġati mill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma lill-korpi ta' governanza rilevanti tagħhom.
- (8) Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ikunu mmirati, iqisu r-riżultati ta' evalwazzjonijiet preċedenti u r-riżultati tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità. Jenħtieġ li jkunu appoġġati minn kooperazzjoni rinforzata mal-kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, mill-involviment sistematiku tagħhom fl-evalwazzjonijiet ta' Schengen u minn analiżijiet tar-riskju u kondiviżjoni tal-informazzjoni mtejba. Din il-kooperazzjoni u l-involviment jikkonċernaw b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta ("Frontex"), l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Tmexxija Operattiva ta' Sistemi tal-IT fuq Skala Kbira (eu-LISA), l-Aġenzija tal-Unjoni għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol), l-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali u l-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data. Jenħtieġ ukoll li l-kooperazzjoni ssir aktar reċiproka u huwa mistenni li l-aġenziji ma jkunux biss kontributuri, iżda għandhom jibbenefikaw ukoll mill-involviment tagħhom fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ.

- (9) Il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà mwettqa mill-Frontex hija mekkaniżmu komplementari għall-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ stabbilit minn dan ir-Regolament biex jiggarrantixxi l-kontroll tal-kwalità fil-livell tal-Unjoni u jiżgura li kemm il-livell tal-Unjoni kif ukoll dak nazzjonali, ikunu lesti jirrispondu għal kwalunkwe sfida fil-fruntieri esterni. Iż-żewġ mekkaniżmi jikkostitwixxu komponent tal-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri. Jenħtieġ li s-sinerġiji bejn il-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà u l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jiġu mmassimizzati bl-għan li tiġi stabbilita stampa mtejba tas-sitwazzjoni dwar it-tħaddim taż-żona Schengen, u jiġu evitati, sa fejn ikun possibbli, l-isforzi doppji u r-rakkomandazzjonijiet kunfliġġenti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jkun hemm skambju ta' informazzjoni regolari bejn il-Frontex u l-Kummissjoni dwar ir-riżultati taż-żewġ mekkaniżmi. Iż-żieda fil-fokus strateġiku u t-tfassil aktar immirat tal-evalwazzjoni jirrikjedu wkoll iż-żieda ulterjuri tas-sinerġiji mal-mekkaniżmi u l-pjattaformi rilevanti operati mill-aġenziji tal-Unjoni u l-amministrazzjonijiet nazzjonali, bħall-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali ("EMPACT") jew is-sorveljanza mwettqa mill-Kummissjoni bl-appoġġ ta' eu-LISA fir-rigward tat-tnejjija tal-Istati Membri għall-implimentazzjoni tas-sistemi tal-IT rilevanti kif ukoll is-sejbiet tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità.
- (10) Matul l-evalwazzjoni, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-ivverifikar tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen minbarra l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni u l-applikazzjoni korretti tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data tal-acquis ta' Schengen imwettqa permezz ta' evalwazzjonijiet separati. Jenħtieġ li jiġu implimentati miżuri addizzjonali biex tiżdied il-kapaċità tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni li jidentifika l-ksur tad-drittijiet fundamentali fl-oqsma ta' politika rilevanti. Jenħtieġ li l-evalwaturi ta' Schengen jiġiharrġu kif suppost f'dan ir-rigward, l-informazzjoni rilevanti mill-Aġenzija Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali jenħtieġ li tiġi użata aħjar u l-esperti tagħha jkunu involuti b'mod aħjar fit-tfassil u l-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet. Apparti minn hekk, jenħtieġ li evidenza li toħroġ fil-pubbliku jew tingħata permezz ta' mekkaniżmi ta' monitoraġġ indipendenti jew partijiet terzi rilevanti fuq inizjattiva tagħhom stess bħal ombudspersons, awtoritajiet li jwettqu monitoraġġ tar-rispett tad-drittijiet fundamentali, organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali, titqies fil-programmazzjoni, fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-evalwazzjonijiet.
- (11) Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jistabbilixxi regoli trasparenti, effiċjenti u ċari dwar l-għamliet u l-metodi li għandu jiġu applikati għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, l-użu ta' esperti bi kwalifiki għolja u s-segwitu għas-sejbiet tal-evalwazzjonijiet.
- (12) Jenħtieġ li l-għamliet tal-evalwazzjonijiet u l-metodi jsiru aktar flessibbli biex tiżdied l-effiċjenza tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ u l-kapaċità tiegħu li jadatta għal ċirkostanzi ġodda u żviluppi leġiżlattivi u biex jiġi ssimplifikat l-użu tar-riżorsi tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni. Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet perjodiċi permezz ta' żjarat ikunu l-mezz primarju ta' evalwazzjoni. Jenħtieġ li l-proporzjon ta' żjarat għal għarrieda u evalwazzjonijiet tematiċi jiżdied gradwalment biex jiġi żgurat użu bbilanċjat tal-għodod disponibbli. Jenħtieġ li l-għamliet tal-evalwazzjonijiet jiġu definiti b'mod ċar. Skont il-qasam ta' politika u n-natura tal-attività ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jenħtieġ li jippermetti l-evalwazzjoni ta' diversi Stati Membri simultanjament u jwettaq evalwazzjonijiet mill-bogħod fl-intier tagħhom jew parzjalment kif ukoll jgħaqqad flimkien l-evalwazzjoni tal-oqsma ta' politika. Jenħtieġ

li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jara li jiffasslu rapporti ta' evalwazzjoni tal-Istati Membri li jkunu komprensivi li jivvalutaw il-prestazzjoni kumplessiva tal-Istat Membru fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen.

- (13) Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet tematiċi jintużaw aktar ta' spiss biex jipprovdu analiżi komparattiva tal-prattiki fl-Istati Membri. Jenħtieġ li jsiru biex jivvalutaw l-implimentazzjoni ta' bidliet leġiżlattivi kbar malli jibdew japplikaw u ta' inizjattivi ġodda, kif ukoll biex jivvalutaw kwistjonijiet minn fost l-oqsma ta' politika jew il-prattiki tal-Istati Membri li jkunu qegħdin jaffaċċjaw sfidi simili.
- (14) Jenħtieġ li ż-żjarat għal għarrieda, billi huma fost l-aktar għodod effettivi għall-ivverifikar tal-prattiki tal-Istati Membri, isiru, skont xi jkun l-iskop tagħhom, mingħajr notifika minn qabel lill-Istat Membru kkonċernat jew b'notifika qasira minn qabel biss. Jenħtieġ li ż-żjarat għal għarrieda mingħajr notifika minn qabel jsiru għal skopijiet "investigattivi" sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-obbligi skont l-acquis ta' Schengen, inkluż, bħala reazzjoni għal indikazzjonijiet fir-rigward ta' problemi sistemiċi li qegħdin ifeġġu li jistgħu potenzjalment ikollhom impatt sinifikanti fuq it-tħaddim taż-żona Schengen jew għal ksur tad-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari allegazzjonijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni. F'każijiet bħal dawn, id-dispożizzjoni ta' avviż minn qabel ixxejjen l-oġġettiv taż-żjara. Żjarat għal għarrieda b'avviż minn qabel ta' 24 siegħa jenħtieġ li ssir jekk l-iskop ewlieni taż-żjara jkun li jsir kontroll aleatorju tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Istat Membru.
- (15) Il-programmazzjoni tal-attivitajiet imwettqa taħt dan ir-Regolament permezz tal-programmi pluriennali u annwali diġà wriet il-valur miżjud tagħha biex tiġi żgurata l-prevedibbiltà u ċ-ċertezza. Għaldaqstant, il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri jenħtieġ li tadotta l-programmi ta' evalwazzjoni pluriennali u annwali. Dawn il-programmi jenħtieġ ukoll li jipprovdu l-flessibbiltà meħtieġa biex maż-żmien ikunu jistgħu jadattaw għan-natura dinamika tal-acquis ta' Schengen. Fl-eventwalità ta' force majeure, jenħtieġ li jsiru aġġustamenti għall-programmi bi qbil mal-Istat Membru kkonċernat mingħajr il-ħtieġa ta' emenda formali tal-programmi. Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali, adottat għal seba' snin, jenħtieġ li jidentifika l-oqsma prijoritarji speċifiċi li għandhom jiġu koperti mill-evalwazzjonijiet perjodiċi. Dan l-approċċ huwa mistenni li jagħti lok għal aktar flessibilità, prijoritizzazzjoni aħjar u użu aktar ibbilanċjat u strateġiku tal-għodod kollha disponibbli. L-estensjoni tal-programm ta' evalwazzjoni pluriennali minn ħames għal seba' snin hija mistennija li twassal ukoll għal aktar monitoraġġ tal-Istati Membri li jkun aktar mill-qrib u aktar immirat mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' skrutinju.
- (16) Jenħtieġ li l-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ isiru minn timijiet magħmula minn rappreżentanti tal-Kummissjoni u esperti maħtura mill-Istati Membri. Jenħtieġ li dawn ir-rappreżentanti u l-esperti jkollhom kwalifiki adegwati, inkluż għarfien teoretiku solidu u esperjenza Prattika. Sabiex ikun żgurat li jieħdu sehem biżżejjed esperti bl-esperjenza b'mod aktar rapidu u inqas ikkumplikat, jenħtieġ li jiġi stabbilit grupp ta' esperti akkarigu tal-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri. Il-grupp jenħtieġ li jkun is-sors primarju minn fejn jinġiebu l-esperti għall-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ.
- (17) Jenħtieġ li tingħata aktar flessibilità fir-rigward tad-daqs tat-timijiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ sabiex tiżdied l-effiċjenza u jonqos il-piż amministrattiv. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Kummissjoni tiddefinixxi u tadatta d-daqs tat-timijiet skont il-ħtiġijiet u l-isfidi relatati ma' kull attività ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. Fit-twaqqif tat-timijiet,

jenħtiegħ li l-bilanċ u r-rotazzjoni ġeografika, sa fejn ikun possibbli, jiġu żgurati mill-Kummissjoni u jenħtiegħ li titqies il-kapaċità tal-amministrazzjonijiet nazzjonali u l-ħtiegħa għal varjetà ta' profili. Il-prinċipju tar-responsabbiltà kondiviża, il-prevedibbiltà u l-impenn meħud meta jiġu nnominati l-esperti biex jiddaħħlu fil-grupp, jimplika li l-esperti mistiedna għal evalwazzjonijiet speċifiċi u l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom huma mistennija li jwiegħbu b'mod pożittiv għall-istediniet; ir-rifjut tal-istediniet jenħtiegħ li jkun iġġustifikat kif dovut minħabba raġunijiet professjonali jew personali serji biss.

- (18) L-ispejjeż operazzjonali marbuta mal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ (vjaġġar, akkomodazzjoni u ikel) jenħtiegħ li jagħmel tajjeb għalihom il-baġit tal-Unjoni. Kwalunkwe *per diem* addizzjonali tal-esperti nazzjonali li jieħdu sehem fil-missjonijiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ u l-kostijiet tal-persunal ta'dawk li jissostitwixxu lil dawn l-esperti fin-nuqqas tagħhom jistgħu jiġu koperti mill-programmi nazzjonali tal-Istati Membri taħt il-Fondi tal-Unjoni rilevanti, f'konformità mal-obiettivi u r-regoli applikabbli ta' dawn il-Fondi.
- (19) Ir-rapporti ta' evalwazzjoni jenħtiegħ li jkunu konċiżi u fil-qosor. Jenħtiegħ li jiffukaw fuq in-nuqqasijiet b'impatt sinifikanti u jenfasizzaw l-oqsma fejn jista' jsir titjib importanti. Is-sejbiet minuri mhumiex mistennija li jkunu parti mir-rapporti. Madankollu t-tim għandu jikkomunika dawn is-sejbiet lill-Istat Membru evalwat fi tmiem l-attività ta' evalwazzjoni, inkluż lill-awtoritajiet responsabbli għall-mekkaniżmu nazzjonali rilevanti ta' kontroll tal-kwalità. Jenħtiegħ li t-tim ifittex b'mod attiv li jidentifika l-aħjar Prattiki li huma mistennija li jiżiedu fir-rapporti. B'mod partikolari, jenħtiegħ li miżuri ġodda u innovattivi li jtejbu b'mod sinifikanti l-implimentazzjoni tar-regoli komuni u li jistgħu jiġu implimentati minn Stati Membri oħra jiġu enfasizzati bħala l-aħjar Prattika għall-finijiet tar-rapport.
- (20) Jenħtiegħ li, bħala regola, ir-rapporti ta' evalwazzjoni, jinkludu rakkomandazzjonijiet dwar kif għandhom jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet identifikati (inkluż il-ksur tad-drittijiet fundamentali) u jiġu adottati f'att uniku mill-Kummissjoni bis-saħħa tal-atti ta' implimentazzjoni permezz tal-proċedura ta' eżami f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011³⁶. Il-konsolidazzjoni tar-rapport u r-rakkomandazzjonijiet f'dokument uniku u soġġetta għal proċedura unika ta' adożżjoni tirrinforza r-rabta intrinsika bejn is-sejbiet tal-evalwazzjoni u r-rakkomandazzjonijiet. Barra minn hekk, il-pubblikazzjoni mħaffa tar-rakkomandazzjonijiet hija mistennija li tippermetti lill-Istati Membri jindirizzaw in-nuqqasijiet b'mod aktar rapidu u b'effiċjenza akbar. Fl-istess waqt, l-użu tal-proċedura ta' eżami jenħtiegħ li jiżgura l-involviment tal-Istat Membru fil-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet li jwassal għall-adożżjoni tar-rakkomandazzjonijiet.
- (21) Madankollu, minħabba r-rwol kruċjali tal-Kunsill biex jeżerċita pressjoni mill-pari u l-ħtiegħa ta' diskussjoni politika, jenħtiegħ li l-Kunsill jadotta rakkomandazzjonijiet f'każijiet ta' importanza politika u interess ġenerali għat-tħaddim taż-żona Schengen. Jenħtiegħ li jitqies li hemm lok għal tali każijiet meta evalwazzjoni tikkonkludi li jeżisti nuqqas serju, f'każijiet ta' evalwazzjonijiet tematiċi, jew f'każijiet li fihom evalwazzjoni ssir għall-finijiet li tivverifika jekk Stat Membru marbut mill-acquis ta' Schengen u li għalih ma jkunux tneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni jissodisfax il-kundizzjonijiet biex japplika għalkollox l-acquis ta' Schengen jew, fil-każ ta' Stat Membru li ma jkunx marbut bl-acquis ta' Schengen u li jkun għażel li japplika partijiet

³⁶ ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

minnu, tivverifika jekk l-Istat Membru jissodisfax il-kundizzjonijiet biex japplika parzjalment l-acquis ta' Schengen.

- (22) Barra minn hekk, meta l-evalwazzjonijiet jidentifikaw nuqqas serju, jenħtieġ li japplikaw dispożizzjonijiet speċifiċi biex tiġi żgurata l-adozzjoni fil-pront ta' miżuri ta' rimedju. Minħabba r-riskju li tali nuqqas jirrappreżenta, malli l-Istat Membru evalwat jiġi infurmat dwar nuqqas serju, l-Istat Membru evalwat jenħtieġ li jibda jimplimenta minnufih l-azzjonijiet ta' implimentazzjoni biex jirrimedja n-nuqqas, inkluż, meta meħtieġ, il-mobilizzazzjoni tal-mezzi operazzjonali u finanzjarji kollha disponibbli. Jenħtieġ li l-azzjoni ta' rimedju tkun soġġetta għal skadenzi aktar stretti u monitoraġġ u skrutinju politiku aktar mill-qrib tul il-proċess. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-Kummissjoni tinforma minnufih lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew meta evalwazzjoni tistabbilixxi l-eżistenza ta' nuqqas serju u torganizza żjara mill-ġdid minħabba "nuqqas serju" mhux aktar tard minn sena mid-data tal-evalwazzjoni biex tivverifika jekk Stat Membru jkun irrimedja n-nuqqasijiet ikkonċernati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tippreżenta rapport taż-żjara mill-ġdid lill-Kunsill wara ż-żjara mill-ġdid.
- (23) L-identifikazzjoni ta' nuqqas serju tirrikjedi valutazzjoni bir-reqqa każ b'każ abbażi ta' kriterji ċari rigward in-natura, l-iskala u l-impatt potenzjali tal-problemi, li jaf ikunu differenti għal kull qasam ta' politika. Elementi ewlenin differenti għall-implimentazzjoni effettiva tal-acquis ta' Schengen u taħlita differenti ta' fatturi jistgħu jwasslu biex sejba tiġi kklassifikata bħala nuqqas serju. Madankollu, jekk jitqies li nuqqas identifikat qiegħed ipoġġi f'riskju t-tħaddim kumplessiv taż-żona mingħajr fruntieri interni, jew jista' potenzjalment jagħmel hekk fuq żmien qasir, jew ikollu impatt negattiv sinifikanti fuq id-drittijiet tal-individwi, tali nuqqas għandu jitqies bħala nuqqas serju. Meta, f'rapport ta' evalwazzjoni, jiġi identifikat nuqqas serju fit-tweġġ tal-kontroll fil-fruntieri esterni, jistgħu japplikaw l-Artikoli 21 u 29 tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill³⁷.
- (24) Jenħtieġ li l-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jinkludi komponent robust ta' segwitu u monitoraġġ li huwa mistenni li jiġi żgurat mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kunsill u l-Parlament Ewropew, mingħajr ma jinħoloq piż sproporzjonat għall-atturi involuti. Jenħtieġ li l-evalwazzjonijiet jiġu segwiti minn pjanijiet ta' azzjoni. Jenħtieġ li meta jfasslu l-pjanijiet ta' azzjoni, l-Istati Membri jqisu għalkollox il-possibbiltajiet ta' finanzjament pprovduti mill-Unjoni u jagħmlu l-aqwa użu minn dawn ir-riżorsi. Biex tħaffef il-proċess, jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi osservazzjonijiet dwar l-adegwatezza tal-pjanijiet ta' azzjoni pereżempju f'għamla ta' ittra. Sabiex jiġi żgurat segwitu fil-pront, jekk is-servizzi tal-Kummissjoni ma jqisux il-pjan ta' azzjoni bħala adegwat, l-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jintalab jippreżenta pjan ta' azzjoni rivedut fi żmien xahar minn mindu jaslulu l-osservazzjonijiet. Il-frekwenza tar-rapportar ta' segwitu mill-Istat Membru lill-Kummissjoni u l-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni, jenħtieġ li, bħala regola, tkun ta' sitt xhur.
- (25) Bħala parti mill-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha, jenħtieġ li jkun possibbli li l-Kummissjoni torganizza żjarat mill-ġdid u żjarat ta' verifika. Jenħtieġ li jiġu organizzati żjarat mill-ġdid biex isir monitoraġġ tal-progress tal-implimentazzjoni ta'

³⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1).

pjan ta' azzjoni wara evalwazzjoni li tkun identifikat nuqqas serju jew wara evalwazzjoni li ssir qabel l-adeżjoni sħiħa ta' Stat Membru ma' Schengen ("evalwazzjoni tal-ewwel darba") u kkonkludiet li l-Istat Membru evalwat ma ssodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa biex japplika l-acquis ta' Schengen fil-qasam ta' politika rispettiv evalwat. Jenħtieġ li r-rapport taż-żjara mill-ġdid jillimita ruħu għall-preżentazzjoni tal-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Altrimenti, iż-żjarat ta' verifika jistgħu jsiru biex iwettqu monitoraġġ tal-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni, b'segwitu għal evalwazzjoni li ma tkunx identifikat nuqqas serju, fejn jitqies li huwa meħtieġ. Jenħtieġ li ż-żjarat ta' verifika jiġu organizzati dejjem qabel l-għeluq ta' pjan ta' azzjoni b'segwitu għal evalwazzjoni tal-ewwel darba. F'termini ta' rekwiżiti organizzazzjonali u ta' rapportar, jenħtieġ li ż-żjarat ta' verifika jkunu anqas esiġenti miż-żjarat ta' evalwazzjoni. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkunu jinkludu timijiet iżgħar u jenħtieġ li ma jwasslux għal sejbiet ġodda jew jirrikjedu l-adozzjoni ta' rapport separat. Jenħtieġ li l-Kunsill ikun involut b'mod aktar attiv fil-fażi ta' monitoraġġ u jenħtieġ li jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar l-għeluq propost tal-pjanijiet ta' azzjoni.

- (26) Huwa essenzjali u opportun li l-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikollhom diskussjonijiet regolari fil-livell politiku sabiex jissensibilizzaw dwar l-importanza tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, iżommu responsabbli lill-Istati Membri li b'mod persistenti jiksru r-regoli komuni, u jżidu l-pressjoni fuqhom biex jirrimedjaw in-nuqqasijiet identifikati. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tipprovdi input adegwat biex tiffaċilita dawn id-diskussjonijiet inkluż permezz tal-adozzjoni ta' rapport annwali komprensiv li jkopri l-evalwazzjonijiet imwettqa matul is-sena preċedenti u l-istat ta' implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, li jiffirma parti mir-rapport dwar "l-Istat ta' Schengen". Il-Parlament Ewropew huwa mħeġġeġ jadotta riżoluzzjonijiet u l-Kunsill jenħtieġ li jadotta konklużjonijiet biex iżid il-pressjoni fuq l-Istati Membri li ma jagħmlux biżżejjed progress. Il-"Forum Schengen", bħala xena unika fejn jiġi diskuss Schengen f'livell għoli mar-rappreżentanti tal-Parlament Ewropew, l-Istati Membri u l-Kummissjoni, jenħtieġ li jipprovdi pjattaforma għad-diskussjonijiet informali bl-għan li l-acquis ta' Schengen jiġi implimentat aħjar.
- (27) Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ stabbilit minn dan ir-Regolament jenħtieġ li jaqdi funzjoni komplementarja ta' monitoraġġ tal-effettività tal-implimentazzjoni Prattika tal-politiki tal-Unjoni permezz tar-rieżami bejn il-pari. Jenħtieġ li s-setgħa ġenerali tal-Kummissjoni biex tissorvelja l-applikazzjoni tal-liġi tal-Unjoni taħt il-kontroll tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea permezz ta' proċeduri ta' ksur ma tiġix affettwata.
- (28) L-istatus tal-klassifikazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni u ta' żjara mill-ġdid jenħtieġ li jiġi ddeterminat f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli stabbiliti fid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444³⁸. L-Istat Membru evalwat jenħtieġ li jkun jista' xorta waħda jżomm il-possibbiltà li jitlob il-klassifikazzjoni tar-rapport kollu jew ta' partijiet minnu f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli.
- (29) Fid-dawl tar-rwol partikolari fdat lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali taħt l-aħħar sentenza tal-Artikolu 70 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), kif issottolinjat fl-Artikolu 12, il-punt (c) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) fir-rigward tal-parlamenti nazzjonali, jenħtieġ li l-Kunsill u l-

³⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE, Euratom) 2015/444 tat-13 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli tas-Sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 72, 17.3.2015, p. 53).

Kummissjoni jinformat għalkollox lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali dwar il-kontenut u r-riżultati tal-evalwazzjonijiet. Barra minn hekk, fl-eventwalità li l-Kummissjoni tippreżenta proposta biex temenda dan ir-Regolament, il-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 19(7), il-punt (h), tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu³⁹, jikkonsulta lill-Parlament Ewropew sabiex jikkunsidra l-opinjoni tiegħu, kemm jista' jkun possibbli, qabel ma jadotta test finali.

- (30) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁰ japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-Istati Membri meta jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom skont dan ir-Regolament. Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴¹ japplika għall-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni meta jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom skont dan ir-Regolament.
- (31) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jingħataw setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni biex tadotta programm ta' evalwazzjoni pluriennali u annwali, biex tistabbilixxi u taġġorna kwestjonarju standard u biex tadotta rapporti ta' evalwazzjoni u ta' żjarat mill-ġdid. Jenħtieġ li daww is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴².
- (32) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament meta, f'każijiet ġustifikati kif dovut relatati ma' nuqqas serju, dan ikun rikjest minn raġunijiet imperattivi ta' urġenza.
- (33) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, kif anness mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu. Ladarba dan ir-Regolament jibni fuq l-acquis ta' Schengen, id-Danimarka għandha, f'konformità mal-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, tiddeċiedi fi żmien sitt xhur wara li l-Kunsill jiddeċiedi dwar dan ir-Regolament jekk hijiex se timplimentah fil-liġi nazzjonali tagħha.
- (34) L-Irlanda qed tieħu sehem f'dan ir-Regolament, f'konformità mal-Artikolu 5(1) tal-Protokoll Nru 19 dwar l-acquis ta' Schengen integrat fil-qafas tal-Unjoni Ewropea, anness mat-TUE u mat-TFUE, u l-Artikolu 6(2) tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/192/KE⁴³.

³⁹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2009/937/UE tal-1 ta' Diċembru 2009 li tadotta r-Regoli ta' Proċedura tiegħu (ĠU L 325 11.12.2009, p. 35).

⁴⁰ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1)

⁴¹ Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċizzjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

⁴² Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13).

⁴³ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

- (35) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn tal-aħħar mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu fl-ambitu msemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE⁴⁴.
- (36) Fir-rigward tal-Iżvizzera, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu fl-ambitu msemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE⁴⁵.
- (37) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan ir-Regolament jikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen fis-sens tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, li jaqgħu fl-ambitu msemmi fil-punt A tal-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 1999/437/KE moqri flimkien mal-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE⁴⁶.
- (38) Fir-rigward ta' Ċipru, il-Bulgarija, ir-Rumanija u l-Kroazja, dan ir-Regolament jikkostitwixxi att li jibni fuq l-acquis ta' Schengen, jew li huwa b'xi mod ieħor relatat miegħu fis-sens, rispettivament, tal-Artikolu 3(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2003, l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2005 u l-Artikolu 4(1) tal-Att ta' Adeżjoni tal-2011.
- (39) Ġaladarba l-verifika f'konformità mal-proċeduri applikabbli tal-evalwazzjoni ta' Schengen fir-rigward tal-Bulgarija, Ċipru, ir-Rumanija u l-Kroazja, diġà għet ikkompletata skont l-Att ta' Adeżjoni rispettiv tagħhom, il-verifika skont l-Artikolu 1(2)(b) ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li ma ssirx fir-rigward ta' daww l-Istati Membri,

⁴⁴ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/437/KE tas-17 ta' Mejju 1999 dwar ċerti arranġamenti għall-applikazzjoni tal-Ftehim konkluż mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar l-assoċjazzjoni ta' dawn iż-żewġ Stati mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 176, 10.7.1999, p. 31).

⁴⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/146/KE tat-28 ta' Jannar 2008 dwar il-konklużjoni f'isem il-Komunità Ewropea, tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen (ĠU L 53, 27.2.2008, p. 1).

⁴⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2011/350/UE tas-7 ta' Marzu 2011 dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Protokoll bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Żvizzera mal-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp tal-acquis ta' Schengen, relatat mal-abolizzjoni tal-verifiki mal-fruntieri interni u l-moviment tal-persuni (ĠU L 160, 18.6.2011, p. 19).

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ għall-fini li jiżgura li l-Istati Membri japplikaw l-acquis ta' Schengen b'mod effettiv, u b'hekk jikkontribwixxi għal żona li taħdem sew mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.
2. Il-mekkaniżmu stabbilit għandu jipprevedi attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ oġġettivi u imparzjali bl-għan li:
 - (a) jivverifikaw l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fl-Istati Membri li għalihom japplika kompletament kif ukoll fl-Istati Membri li għalihom, f'konformità mal-Protokoll rilevanti annessi mat-TUE u mat-TFUE, l-acquis ta' Schengen japplika parzjalment;
 - (b) jivverifikaw li l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-partijiet rilevanti kollha tal-acquis ta' Schengen ikunu ġew issodisfati f'dawk l-Istati Membri li fir-rigward tagħhom ma tkunx ittiegħdet deċiżjoni tal-Kunsill li tiddikjara li d-dispożizzjonijiet tal-acquis ta' Schengen għandhom japplikaw għalkollox jew parzjalment;
3. L-evalwazzjonijiet jistgħu jkopru l-aspetti kollha tal-acquis ta' Schengen u jqisu t-tħaddim tal-awtoritajiet li japplikaw l-acquis ta' Schengen.

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-fini ta' dan ir-Regolament:

- (a) "acquis ta' Schengen" tfisser id-dispożizzjonijiet integrati fil-qafas tal-Unjoni f'konformità mal-Protokoll Nru 19 anness mat-TUE u mat-TFUE, flimkien mal-atti li jibnu fuqhom jew li huma b'xi mod ieħor relatati magħhom;
- (b) "evalwazzjoni tal-ewwel darba" tfisser evalwazzjoni biex tivverifika jekk Stat Membru marbut mill-acquis ta' Schengen u li għalih ma jkunux tneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni jissodisfax il-kundizzjonijiet biex japplika għalkollox l-acquis ta' Schengen jew, fil-każ ta' Stat Membru li ma jkunx marbut bl-acquis ta' Schengen u li jkun għażel li japplika partijiet minnu, tivverifika jekk l-Istat Membru jissodisfax il-kundizzjonijiet biex japplika parzjalment l-acquis ta' Schengen;
- (c) "evalwazzjoni perjodika" tfisser evalwazzjoni inkluża fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali u fil-programmi ta' evalwazzjoni annwali biex tivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen minn Stat Membru bl-għan li tivvaluta l-prestazzjoni kumplessiva tal-Istat Membru fl-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen;
- (d) "evalwazzjoni għal għarrieda" tfisser evalwazzjoni, li mhijiex inkluża fil-programmi ta' evalwazzjoni pluriennali u annwali, biex tivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen minn Stat Membru wieħed jew aktar f'qasam ta' politika wieħed jew aktar;

- (e) “evalwazzjoni tematika” tfisser evalwazzjoni bl-għan li tipprovdi analiżi komparattiva tal-leġislazzjoni jew il-prattiki tal-Istati Membri, jew l-applikazzjoni ta’ partijiet speċifiċi tal-acquis ta’ Schengen fost diversi Stati Membri;
- (f) “żjara” tfisser żjara fi Stat Membru jew fil-konsolati tiegħu għall-finijiet ta’ twettiq ta’ evalwazzjoni jew attività ta’ monitoraġġ;
- (g) “żjara mill-ġdid” tfisser żjara mwettqa biex tagħmel monitoraġġ tal-progress tal-implimentazzjoni ta’ pjan ta’ azzjoni b’segwitu għal evalwazzjoni li tkun identifikat nuqqas serju jew b’segwitu għal evalwazzjoni tal-ewwel darba li tkun ikkonkludiet li l-Istat Membru evalwat ma ssodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa biex japplika l-acquis ta’ Schengen;
- (h) “żjara ta’ verifika” tfisser żjara, li mhijiex żjara mill-ġdid, imwettqa biex tagħmel monitoraġġ tal-progress tal-implimentazzjoni ta’ pjan ta’ azzjoni;
- (i) “nuqqas serju” tfisser nuqqas wieħed jew aktar li jirrigwarda l-applikazzjoni effettiva ta’ elementi ewlenin tal-acquis ta’ Schengen u li individwalment jew flimkien ma’ oħrajn, għandu, jew hemm riskju li maż-żmien ikollu, impatt negattiv sinifikanti fuq id-drittijiet tal-individwi jew fuq it-tħaddim taż-żona Schengen;
- (j) “attività ta’ evalwazzjoni” tfisser żjara speċifika, evalwazzjoni bbażata fuq kwestjonarju jew evalwazzjoni oħra mwettqa mill-bogħod;
- (k) “tim” tfisser grupp magħmul minn esperti maħtura mill-Istati Membri u rappreżentanti tal-Kummissjoni li jwettqu l-attivitajiet ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ.

Artikolu 3

Responsabbiltajiet u dmir ta’ kooperazzjoni

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom ikunu responsabbli b’mod konġunt għall-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ, bil-kontribut tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti f’konformità mal-mandati rispettivi tagħhom.
2. Il-Kummissjoni għandha tkun responsabbli mit-twaqqif tal-programmi ta’ evalwazzjoni annwali u pluriennali, l-abbozzar tal-kwestjonarji, l-iffissar tal-iskedi taż-żjarat, it-twettiq taż-żjarat u l-abbozzar tar-rapporti ta’ evalwazzjoni u tar-rakkomandazzjonijiet. Għandha tiżgura wkoll l-attivitajiet ta’ segwitu u monitoraġġ.
3. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom jikkooperaw bis-sħiħ fl-istadji kollha tal-evalwazzjonijiet sabiex jiżguraw l-implimentazzjoni effettiva ta’ dan ir-Regolament.
4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha, ġenerali jew partikolari, biex jappoġġaw u jassistu lill-Kummissjoni u lit-timijiet fl-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ.

Għandhom jiżguraw li l-Kummissjoni u t-timijiet li jwettqu l-attivitajiet ta’ evalwazzjoni u monitoraġġ ikunu kapaċi jwettqu l-kompiti tagħhom b’mod effettiv, b’mod partikolari billi jagħtu l-possibbiltà lill-Kummissjoni u lit-timijiet biex jindirizzaw direttament lill-persuni rilevanti u billi jipprovdu aċċess komplut u bla xkiel għaż-żoni, binjiet u dokumenti kollha li jkun intalab aċċess għalihom, inklużi struzzjonijiet u linji gwida nazzjonali u interni, anki dawk klassifikati.

5. Il-Kummissjoni għandha tkun inkarigata mill-arranġamenti meħtieġa għall-ivvjaġġar lejn u mill-Istat Membru li ssir iż-żjara fih għar-rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-esperti tal-Istat Membru fit-timijiet.

Il-Kummissjoni għandha ġġarrab l-ispejjeż għall-ivvjaġġar u għall-akkomodazzjoni tal-esperti u l-osservatur imsemmi fl-Artikolu 16(2) li jieħdu sehem fiż-żjarat.

L-Istat Membru li fih issir iż-żjara għandu jkun responsabbli biex jipprovdi t-trasport meħtieġ fuq il-post.

Artikolu 4

Għamliet tal-evalwazzjonijiet

1. L-evalwazzjonijiet jista' jkollhom xi waħda mill-għamliet segwenti:
 - (a) evalwazzjonijiet tal-ewwel darba;
 - (b) evalwazzjonijiet perjodiċi;
 - (c) evalwazzjonijiet għal għarrieda;
 - (d) evalwazzjonijiet tematiċi.
2. Il-Kummissjoni tista' torganizza evalwazzjonijiet għal għarrieda, b'mod partikolari:
 - (a) biex tevalwa l-prattiki fil-fruntieri interni;
 - (b) meta ssir taf b'xi problemi li feġġew jew problemi sistematiċi li potenzjalment jista' jkollhom impatt negattiv sinifikanti fuq it-tħaddim taż-żona Schengen;
 - (c) meta jkollha raġunijiet biex tqis li Stat Membru qiegħed jittraskura serjament l-obbligi tiegħu skont l-acquis ta' Schengen inkluż allegazzjonijiet ta' ksur serju tad-drittijiet fundamentali fil-fruntieri esterni.
3. Il-Kummissjoni tista' torganizza evalwazzjonijiet tematiċi, b'mod partikolari biex tivvaluta l-implimentazzjoni ta' bidliet leġislattivi sinifikanti, malli jibdew japplikaw, u ta' inizjattivi ġodda, jew biex tivvaluta kwistjonijiet minn fost l-oqsma ta' politika jew il-prattiki tal-Istati Membri li jkunu qegħdin jaffaċċjaw sfidi simili.

Artikolu 5

Għamliet tal-attivitajiet ta' monitoraġġ

L-attivitajiet ta' monitoraġġ jistgħu jinkludu xi waħda mis-segwenti:

- (a) ir-rieżami tal-pjanijiet ta' azzjoni u tar-rapporti ta' segwitu ppreżentati mill-Istati Membri evalwati;
- (b) iż-żjarat mill-ġdid;
- (c) iż-żjarat ta' verifika.

Artikolu 6

Metodi ta' evalwazzjoni u monitoraġġ

L-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ imsemmija fl-Artikoli 4 u 5 jistgħu jitwettqu permezz ta' żjarat b'avviż minn qabel jew għal għarrieda, u kwestjonarji jew metodi mill-bogħod.

Kull metodu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jista' jintuża b'mod indipendenti jew imħallat ma' ieħor, kif xieraq.

Artikolu 7

Kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni

1. Il-Kummissjoni għandha tikkoopera mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen kif ukoll mal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.
Il-Kummissjoni tista' tagħmel arranġamenti mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni biex tiffaċilita l-kooperazzjoni.
2. Il-Kummissjoni tista' titlob lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom biex jipprovdu informazzjoni, *data* statistika jew analiżijiet tar-riskju għat-titjib tal-għarfien tas-sitwazzjoni fis-sens tar-Regolament (UE) 2019/1896 rigward l-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri.

Artikolu 8

Kooperazzjoni mal-Frontex

1. Sal-31 ta' Awwissu kull sena, il-Frontex għandha tippreżenta analiżi tar-riskju lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri fid-dawl tal-programm ta' evalwazzjoni annwali msemmi fl-Artikolu 13 ta' dan ir-Regolament.
2. L-analiżi tar-riskju msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkopri l-aspetti rilevanti kollha relatati mal-ġestjoni integrata tal-fruntieri u għandha tinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet għaż-żjarat għal għarrieda fis-sena ta' wara, irrispettivament mill-ordni tal-Istati Membri li għandhom jiġu evalwati kull sena, kif stabbilit fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali f'konformità mal-Artikolu 12.
Dawk ir-rakkomandazzjonijiet jistgħu jirrigwardaw kwalunkwe reġjun jew qasam speċifiku u għandhom jinkludu lista ta' minn tal-anqas 10 sezzjonijiet speċifiċi tal-fruntieri esterni u minn tal-anqas 10 punti speċifiċi ta' qsim tal-fruntiera, siti speċifiċi rilevanti għall-evalwazzjoni tal-konformità mad-Direttiva 2008/115/KE⁴⁷, u informazzjoni rilevanti oħra.

Artikolu 9

Kooperazzjoni mal-Europol

F'konformità mal-Artikolu 4(1), il-punt (s), tar-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁴⁸, l-Europol għandha tipprovdi għarfien espert, analiżi, rapporti u informazzjoni rilevanti oħra biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 10

Sinerġiji ma' attivitajiet oħra ta' evalwazzjoni u monitoraġġ

⁴⁷ Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment (ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98).

⁴⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill 2009/371/ĠAI, 2009/934/ĠAI, 2009/935/ĠAI, 2009/936/ĠAI u 2009/968/ĠAI (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53).

1. Il-Kummissjoni għandha tuża r-riżultati tal-mekkaniżmi u tal-istrumenti rilevanti, inkluż attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni li huma involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen u tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali kif ukoll ta' mekkaniżmi nazzjonali indipendenti ta' monitoraġġ u ta' korpi u mekkaniżmi oħra nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fit-tnejn tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, biex ittejjeb is-sensibilizzazzjoni dwar it-tħaddim taż-żona Schengen u biex tevita sforzi doppji u miżuri kunfliġġenti.
 2. Ir-rakkomandazzjonijiet skont dan ir-Regolament għandhom ikunu komplementari għar-rakkomandazzjonijiet skont l-Artikolu 32(7) tar-Regolament (UE) 2019/1896 fl-ambitu tal-valutazzjoni tal-vulnerabbiltà.
 3. Il-Kummissjoni tista' tikkondividi mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti msemmija fil-paragrafu 1 b'mod sigur u fil-pront, dettalji tar-rapporti ta' evalwazzjoni, tal-pjanijiet ta' azzjoni u aġġornament dwar l-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni.
- Il-kondiviżjoni tal-informazzjoni għandha ssir f'konformità mal-mandati tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni kkonċernati.

Artikolu 11

Informazzjoni minn partijiet terzi

Tul il-programmazzjoni u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, il-Kummissjoni għandha tqis l-informazzjoni pprovduta minn partijiet terzi, inkluż awtoritajiet indipendenti, organizzazzjonijiet nongovernattivi u organizzazzjonijiet internazzjonali.

KAPITOLU II

PROGRAMMAZZJONI

Artikolu 12

Programm ta' evalwazzjoni pluriennali

1. Il-Kummissjoni, fejn xieraq, wara li tikkonsulta mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti, għandha tistabbilixxi programm ta' evalwazzjoni pluriennali li jkopri perjodu ta' seba' snin minn tal-anqas sitt xhur qabel jibda l-perjodu ta' seba' snin ta' wara.

F'kull ċiklu ta' evalwazzjoni pluriennali, kull Stat Membru għandu jkun soġġett għal evalwazzjoni perjodika waħda u minn tal-anqas evalwazzjoni għal għarrieda waħda jew evalwazzjoni tematika waħda.

2. Il-Kummissjoni għandha tadotta l-programm ta' evalwazzjoni pluriennali permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3). Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
3. Il-programm ta' evalwazzjoni pluriennali għandu jidentifika l-oqsma prijoritarji speċifiċi li għandhom jiġu koperti mill-evalwazzjonijiet perjodiċi u għandu jinkludi skeda taż-żmien proviżorja ta' dawk l-evalwazzjonijiet.

Għandu jistabbilixxi lista proviżorja ta' Stati Membri li għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet perjodiċi, mingħajr preġudizzju għall-aġġustamenti skont il-

paragrafu 4, f'sena partikolari. L-ordni proviżorju li fih l-Istati Membri għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni perjodika għandu jkoll iż-żmien li jkun għadda mill-evalwazzjoni perjodika preċedenti. Għandu wkoll iqis l-eżitu tal-evalwazzjonijiet preċedenti, ir-ritmu tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni u informazzjoni rilevanti oħra għad-dispożizzjoni tal-Kummissjoni fir-rigward tal-prattiki tal-Istati Membri.

4. Fl-eventwalità ta' force majeure li timpedixxi li jsiru l-evalwazzjonijiet f'konformità mal-iskeda taż-żmien proviżorja stabbilita skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, tagħmel aġġustamenti għall-iskeda taż-żmien għall-evalwazzjonijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni għandha tinforma, mingħajr dewmien, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar tali avvenimenti u dwar l-impatt mistenni tagħhom fuq l-iskedar tal-evalwazzjonijiet fl-ambitu tal-programm ta' evalwazzjoni pluriennali.

Artikolu 13

Programm ta' evalwazzjoni annwali

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, programm ta' evalwazzjoni annwali sal-15 ta' Novembru tas-sena li tippreċedi dik li tirrigwarda l-programm, abbażi, b'mod partikolari, tal-analizzjiet tar-riskju u informazzjoni oħra miksuba mill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikoli 7, 8, 9, 10 u 11. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3).
2. Il-programm ta' evalwazzjoni annwali għandu jinkludi skeda taż-żmien proviżorja tal-evalwazzjonijiet segwenti:
 - (a) evalwazzjonijiet perjodiċi tal-Istati Membri kif speċifikat fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali;
 - (b) evalwazzjoni tal-ewwel darba ta' Stat Membru b'segwitu għad-dikjarazzjoni tiegħu li jinsab lest li jiġi evalwat;
 - (c) minn tal-anqas evalwazzjoni tematika waħda.
3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-programm ta' evalwazzjoni annwali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Fl-eventwalità ta' force majeure li timpedixxi li jsiru l-evalwazzjonijiet f'konformità mal-iskeda taż-żmien proviżorja stabbilita skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni tista', bi qbil mal-Istati Membri kkonċernati, tagħmel aġġustamenti għall-iskeda taż-żmien għall-evalwazzjonijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni għandha tinforma, mingħajr dewmien, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar tali avvenimenti u dwar l-impatt mistenni tagħhom fuq l-iskedar tal-evalwazzjonijiet fl-ambitu tal-programm ta' evalwazzjoni annwali.

Artikolu 14

Kwestjonarju standard

1. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi u taġġorna kwestjonarju standard.

Fit-tfassil tal-kwestjonarju, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 7.

2. L-atti ta' implimentazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 29(2).
3. Il-kwestjonarju standard għandu jkopri l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti u l-mezzi organizzattivi u tekniċi disponibbli għall-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, inkluż dawk imsemmija fil-Manwali, il-katalogi ta' Schengen u d-*data* statistika rilevanti.
4. Sal-1 ta' Awwissu kull sena, il-Kummissjoni għandha tibgħat il-kwestjonarju standard lil dawk l-Istati Membri li għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjonijiet perjodiċi fis-sena ta' wara, f'konformità mal-programm ta' evalwazzjoni annwali.
Dawk l-Istati Membri għandhom jipprovdu t-tweġibiet tagħhom lill-Kummissjoni fi żmien tliet xhur minn meta jirċievu l-kwestjonarju standard.
Il-Kummissjoni għandha tagħmel it-tweġibiet disponibbli għall-Istati Membri l-oħra.
5. Meta ssir talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri evalwati għandhom jaġġornaw it-tweġibiet tagħhom għall-kwestjonarju standard u jwieġbu, jekk ikun mitlub, mistoqsijiet komplementari qabel l-evalwazzjonijiet speċifiċi, kif ukoll jipprovdu s-sejbiet tal-mekkaniżmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità u tal-verifiki interni.

KAPITOLU III

DISPOŻIZZJONIJIET KOMUNI GĦALL-ATTIVITAJIET TA' EVALWAZZJONI U MONITORAĠĠ

Artikolu 15

Esperti tal-Istati Membri

1. L-esperti tal-Istati Membri li jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ għandu jkollhom kwalifiki adegwati, inkluż għarfien teoretiku solidu u esperjenza Prattika fl-oqsma koperti mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, flimkien ma' għarfien tajjeb tal-prinċipji ta' evalwazzjoni, proċeduri u tekniki, u għandhom ikunu kapaċi jikkomunikaw b'mod effettiv b'lingwa komuni.
2. Esperti mill-Istati Membri li, f'konformità mal-Att ta' Adeżjoni rilevanti, ikunu marbuta bl-acquis ta' Schengen iżda jkunu għadhom ma japplikawhx għalkollox, jistgħu jieħdu sehem fl-attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ tal-partijiet kollha tal-acquis ta' Schengen.

Artikolu 16

Taħriġ tal-esperti

1. L-Istati Membri u l-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti, għandhom jiżguraw li l-esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni jirċievu taħriġ adegwat biex isiru evalwaturi ta' Schengen.

Il-korsijiet ta' taħriġ għall-evalwaturi ta' Schengen għandhom jinkludu komponenti tad-drittijiet fundamentali żviluppatti bis-sehem tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji jew l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti, għandha iżomm il-*curricula* tat-taħriġ inizjali aġġornati u fejn ikun meħtieġ, tipprovdi taħriġ ta' segwitu u ta' aġġornament.

2. Għall-finijiet ta' taħriġ, kull tim li jwettaq evalwazzjonijiet perjodiċi jista' jinkludi "osservatur" minn Stat Membru jew inkella mill-Kummissjoni.

Artikolu 17

Gruppi ta' esperti tal-Istati Membri

1. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, għandha tistabbilixxi, kull sena, grupp ta' esperti b'esperjenza professjonali li tkopri oqsma prijoritarji speċifiċi stabbiliti fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali.
2. B'mod parallel għat-twaqqif tal-programm ta' evalwazzjoni annwali f'konformità mal-Artikolu 13(1), meta jiġu mistiedna mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jaħtru minn tal-anqas espert kwalifikat wieħed għal kull qasam speċifiku ddeterminat fil-programm ta' evalwazzjoni pluriennali għall-grupp ta' esperti tas-sena ta' wara.
3. Skont l-evalwazzjonijiet inklużi fil-programm ta' evalwazzjoni annwali, il-Kummissjoni, fl-istess tista' tispeċifika ulterjorment ir-rekwiżiti professjonali għall-esperti li għandhom jinħatru.
4. L-Istati Membri għandhom jaħtru esperti fi żmien erba' ġimgħat minn meta jirċievu l-istess msemija fil-paragrafu 2.
5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti maħtura jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemija fl-Artikolu 15 u r-rekwiżiti speċifiċi stabbiliti fl-istess biex jiġi stabbilit il-grupp ta' esperti.
6. L-esperti li rċevew it-taħriġ xieraq imsemmi fl-Artikolu 16 għandhom jinħatru biex jagħmlu parti mill-grupp ta' esperti stabbilit għas-sena ta' wara dik li fiha jkunu rċevew il-kors ta' taħriġ rispettiv.
7. Il-Kummissjoni tista' tistieden ukoll lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni msemija fl-Artikolu 7 jaħtru l-esperti biex jagħmlu parti mill-grupp ta' esperti.
8. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-esperti maħtura u tikkonferma l-għażla tal-esperti biex jagħmlu parti mill-grupp ta' esperti fi żmien ġimgħa.
9. F'każ li ħadd mill-esperti għall-oqsma speċifiċi ma jissodisfa r-rekwiżiti msemija fil-paragrafu 3, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istat Membru kkonċernat jaħtar espert ġdid għall-qasam prijoritarju speċifiku kkonċernat.
10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-esperti maħtura jkunu disponibbli għall-evalwazzjonijiet.
Jekk xi espert ma jkunx aktar disponibbli biex jiffurma parti mill-grupp ta' esperti, l-Istat Membru kkonċernat għandu jaħtar sostitut mingħajr dewmien.
11. Il-Kummissjoni għandha żżomm aġġornata l-lista ta' esperti li jiffurmaw parti mill-grupp ta' esperti u tinforma lill-Istati Membri dwar l-għadd ta' esperti u l-profil tagħhom maħtura għal kull Stat Membru.

Artikolu 18

Twaqqif tat-timijiet

1. Il-Kummissjoni għandha tiddefinixxi l-għadd ta' esperti tal-Istati Membri u r-rappreżentanti tal-Kummissjoni li jieħdu sehem f'tim abbażi tal-partikolaritajiet u l-

ħtiġijiet tal-attività ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. Il-Kummissjoni għandha tagħżel esperti minn grupp ta' esperti biex isiru membri ta' tim.

2. Meta tagħżel l-esperti, il-Kummissjoni għandha tikkunsidra l-profilu meħtieġa għal attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ partikolari u tqis il-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ ġeografiku, bilanċ fir-rigward tal-esperjenza professjonali u l-kapaċità tal-amministrazzjonijiet nazzjonali.

L-esperti tal-Istati Membri ma għandhomx jieħdu sehem f'tim li jwettaq attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ tal-Istat Membru li fih ikunu impjegati.

3. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-esperti magħżula immedjatament wara li tiġi ffissata d-data tal-attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ u mhux aktar tard minn 10 ġimgħat qabel ma l-attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ tkun skedata li tibda. L-esperti mistiedna għandhom iwieġbu fi żmien ġimgħa minn meta jirċievu l-istedina, bi qbil mal-awtoritajiet li jkunu ħatruhom.
4. Fil-każ ta' żjarat għal għarrieda, il-Kummissjoni għandha tibgħat l-istediniet mhux aktar tard minn ġimagħtejn qabel ma ż-żjara tkun skedata li tibda. L-esperti għandhom iwieġbu fi żmien 72 siegħa minn meta jirċievu l-istedina, bi qbil mal-awtoritajiet li jaħtruhom.
5. Il-Kummissjoni tista' tistieden lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rispettivi msemmija fl-Artikolu 7 jaħtru rappreżentant b'esperjenza professjonali u fil-qasam biex jieħu sehem b'ħala osservatur f'attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ. Għall-istedina u għat-tweġiba għandhom japplikaw l-iskadenzi stabbiliti fil-paragrafi 3 u 4.
6. Jekk Stat Membru jkun jixtieq jaħtar osservatur għall-finijiet ta' taħriġ imsemmi fl-Artikolu 16(3), dan għandu jikkomunikah lill-Kummissjoni minn tal-anqas sitt ġimgħat qabel ma tkun skedata li tibda l-evalwazzjoni.
7. L-osservaturi msemmija fil-paragrafi 5 u 6 għandhom jappoġġaw lit-tim kif mitlub mill-esperti fit-tmun, iżda ma għandhomx jieħdu sehem fil-proċess intern tat-teħid ta' deċiżjonijiet tat-tim.
8. Jekk il-Kummissjoni ma jirnexxilhiex tikseb konferma tas-sehem tal-għadd meħtieġ ta' esperti mill-grupp ta' esperti minn tal-anqas sitt ġimgħat qabel ma tkun skedata li tibda l-attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ, jew minn tal-anqas ġimgħa f'każ ta' żjarat għal għarrieda, il-Kummissjoni għandha mingħajr dewmien tistieden lill-Istati Membri kollha jinnominaw esperti kwalifikati li ma jkunux fil-grupp ta' esperti biex jimlew il-postijiet neqsin.
9. L-Istati Membri għandhom iwieġbu fi żmien 72 siegħa minn meta jirċievu dik l-istedina.

Il-Kummissjoni għandha taħtar espert fit-tmun mill-Kummissjoni u tipproponi l-espert fit-tmun mill-Istati Membri. L-espert fit-tmun mill-Istati Membri għandu jinħatar mill-membri tat-tim mill-aktar fis possibbli wara li jiġi stabbilit it-tim.

L-esperti fit-tmun għandhom ikunu inkarigati b'mod partikolari mill-ippjanar kumplessiv, l-attivitajiet ta' thejjiġa, l-organizzazzjoni tat-tim, it-twettiq tal-evalwazzjoni, il-koordinazzjoni tal-abbozzar tar-rapport ta' evalwazzjoni, il-verifika tal-kwalità u s-segwitu u l-attivitajiet ta' monitoraġġ rilevanti, kif xieraq.

Artikolu 19

Twettiq taż-żjarat

1. It-timijiet għandhom jagħmlu l-attivitajiet ta' tħejjija kollha meħtieġa biex jiżguraw li ż-żjarat ikunu effiċjenti, preċiżi u konsistenti.
2. Il-programm dettaljat għal żjarat fi Stat Membru jew fil-konsolati tiegħu għandu jiġi stabbilit mill-Kummissjoni f'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti fit-tmun u mal-Istat Membru kkonċernat.
Jista' jinkludi żjarat lill-awtoritajiet u l-korpi nazzjonali, lill-organizzazzjonijiet nongovernattivi u internazzjonali, u laqgħat magħhom, kif ukoll żjarat lil entitajiet, aġenziji u korpi oħra involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen, li jieħdu sehem fih jew ikkonċernati minnu waqt il-kooperazzjoni tagħhom mal-Istat Membru soġġett għall-attività ta' evalwazzjoni jew monitoraġġ, kif ukoll laqgħat magħhom.
3. Għaż-żjarat b'avviż minn qabel, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta u tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat dwar l-iskeda ta' żmien u l-programm dettaljat minn tal-anqas erba' ġimgħat qabel ma tkun se ssir iż-żjara. Għandha tippovdi minn qabel l-ismijiet tal-membri tat-tim u tal-osservaturi. L-Istat Membru kkonċernat għandu jaħtar punt ta' kuntatt biex jagħmel l-arranġamenti prattiċi għaż-żjara.
4. Iż-żjarat għal għarrieda għandhom isiru mingħajr notifika minn qabel lill-Istat Membru kkonċernat. Eċċezzjonalment, il-Kummissjoni tista' tinnotifika lill-Istat Membru kkonċernat minn tal-anqas 24 siegħa qabel ma tkun se ssir tali żjara meta l-iskop prinċipali taż-żjara għal għarrieda jkun dak ta' verifika aleatorja tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen.
Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi l-programm dettaljat għaż-żjarat għal għarrieda. Fil-każijiet li fihom ikunu ġew innotifikati l-Istati Membri, il-Kummissjoni tista' tikkonsulta l-iskeda ta' żmien u l-programm dettaljat mal-Istat Membru kkonċernat.
5. Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, tista' tistabbilixxi u taġġorna Linji gwida għat-twettiq taż-żjarat għal għarrieda.

Artikolu 20

Metodi mill-bogħod

Il-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tista' tistabbilixxi linji gwida biex twettaq attivitajiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ permezz ta' kwestjonarju jew metodi oħra mill-bogħod.

Artikolu 21

Rapporti ta' evalwazzjoni

1. It-tim għandu jabbozza rapport ta' evalwazzjoni wara kull evalwazzjoni.
Il-Kummissjoni għandha tadotta r-rapport ta' evalwazzjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3). Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jiġi adottat mhux aktar tard minn erba' xhur wara t-tmiem tal-attività ta' evalwazzjoni.
Il-Kummissjoni għandha tibgħat ir-rapport ta' evalwazzjoni lill-parlamenti nazzjonali, lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
2. Meta jippreparaw ir-rapport ta' evalwazzjoni, it-timijiet għandhom iqisu t-tweġibiet għall-kwestjonarju standard, kull informazzjoni addizzjonali miksuba f'konformità mal-Artikoli 7, 8, 9, 10 u 11 u s-sejbiet tal-attività ta' evalwazzjoni. Ir-rapporti

ta'evalwazzjoni jistgħu jinkludu materjal ta' dokumentazzjoni u diġitali bħala sostenn għas-sejbiet. Fil-każijiet li fihom evalwazzjoni ssir permezz ta' żjara, it-tim għandu jabbazza r-rapport ta' evalwazzjoni matul iż-żjara.

It-timijiet għandhom jieħdu r-responsabbiltà kumplessiva għall-abbozzar tar-rapport ta' evalwazzjoni u għall-iżgurar tal-integrità u l-kwalità tiegħu. F'każ ta' nuqqas ta' qbil, it-tim għandu jagħmel ħiltu biex isib kompromess.

3. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu janalizza l-aspetti kwalitattivi, kwantitattivi, operazzjonali, amministrattivi u organizzazzjonali u għandu jelenka n-nuqqasijiet, l-oqsma għat-titjib u l-aħjar Prattiki identifikati matul l-evalwazzjoni.
4. Is-sejbiet jistgħu jiġu vvalutati bħala waħda mis-segweni:
 - (a) l-aħjar Prattika;
 - (b) konformi iżda meħtieġ titjib;
 - (c) mhux konformi.
5. Ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun fih rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju bl-għan li jindirizzaw in-nuqqasijiet u l-oqsma għat-titjib identifikati matul l-evalwazzjoni u jagħti indikazzjoni tal-prijoritajiet għall-implimentazzjoni tagħhom. Ir-rapport ta' evalwazzjoni jista' jstabbilixxi skadenzi għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Meta l-evalwazzjoni tidentifika nuqqas serju, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet speċifiċi stabbiliti fl-Artikolu 23.
6. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni lill-Istat Membri evalwat fi żmien erba' ġimgħat minn tmiem l-attività ta' evalwazzjoni. L-Istat Membru evalwat għandu jipprovdi l-kummenti tiegħu dwar l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċevih. F'każ li ssir talba mingħand l-Istat Membru evalwat, għandha ssir laqgħa ta' abbozzar, mhux aktar tard minn ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jaslu l-kummenti mingħand l-Istat Membru evalwat. Il-kummenti tal-Istat Membru evalwat jistgħu jiġu riflessi fl-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni.

Artikolu 22

Segwitu u monitoraġġ

1. Fi żmien xahrejn mill-adozzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni, l-Istat Membru evalwat għandu jippreżenta pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex jimplementa r-rakkomandazzjonijiet kollha inklużi fir-rapport ta' evalwazzjoni.
2. Il-Kummissjoni, wara li tikkonsulta lit-tim li jkun wettaq l-attività ta' evalwazzjoni, għandha tipprovdi osservazzjonijiet dwar l-adegwatezza tal-pjan ta' azzjoni u, fi żmien xahar mill-preżentazzjoni tiegħu, għandha tinforma lill-Istat Membru bl-osservazzjonijiet tagħha. Il-Kunsill jista' jistieden lill-Istati Membri jipprovdu kummenti dwar il-pjan ta' azzjoni.

Jekk il-Kummissjoni ma tqisx li r-rakkomandazzjonijiet kollha jkunu ġew indirizzati biżżejjed, l-Istat Membru evalwat għandu jippreżenta pjan ta' azzjoni rivedut fi żmien xahar minn mindu jirċievi l-osservazzjonijiet.
3. L-Istat Membru evalwat għandu jirrapporta lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu kull sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni sakemm il-Kummissjoni tikkunsidra l-pjan ta' azzjoni bħala implimentat mija fil-mija. Skont in-natura tan-nuqqasijiet u l-istat tal-

implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet, il-Kummissjoni jaf tirrikjedi lill-Istat Membru evalwat frekwenzi ta' rapportar differenti.

Fil-każijiet li fihom il-Kummissjoni tikkunsidra l-pjan ta' azzjoni bħala implimentat, għandha tinforma lill-Istat Membru evalwat dwar l-għeluq tal-pjan ta' azzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill minn tal-anqas darbtejn fis-sena dwar l-istat ta' implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni. Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tipprovdi informazzjoni dwar l-osservazzjonijiet tagħha rigward l-adegwatezza tal-pjanijiet ta' azzjoni msemmija fil-paragrafu 2, l-eżitu taż-żjarat mill-ġdid u ż-żjarat ta' verifika u jekk tosservax nuqqas konsiderevoli ta' progress fl-implimentazzjoni ta' pjan ta' azzjoni.

KAPITOLU IV

NUQQAS SERJU U GĦAMLIET SPEĊIFIĊI TA' EVALWAZZJONI

Artikolu 23

Dispożizzjonijiet speċifiċi fl-eventwalità ta' nuqqas serju identifikat permezz tar-rapport ta' evalwazzjoni

1. Ir-regoli stipulati fil-paragrafi 2 sa 7 għandhom japplikaw b'rabta mal-evalwazzjonijiet li jkunu identifikaw nuqqas serju.
2. Fi tmiem l-attività ta' evalwazzjoni, l-esperti fit-tmun mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri, għan-nom tat-tim, għandhom jinfurmaw lill-Istat Membru evalwat li jkun ġie identifikat nuqqas serju.

L-Istat Membru evalwat għandu jieħu azzjonijiet ta' rimedju minnufih inkluż, fejn meħtieġ, li jimmobilizza l-mezzi operazzjonali u finanzjarji kollha disponibbli. L-Istat Membru evalwat għandu jinforma mingħajr dewmien lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri dwar l-azzjonijiet ta' rimedju immedjati meħuda jew ippjanati. B'mod parallel, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rispettivi msemmija fl-Artikolu 7 dwar in-nuqqas serju fid-dawl tal-appoġġ possibbli tagħhom lill-Istat Membru evalwat. Il-Kummissjoni għandha wkoll tinforma lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.

3. Ir-rapport ta' evalwazzjoni abbozzat f'konformità mal-Artikolu 21(2), (3) u (4) għandu jiffoka fuq is-sejbiet li jkunu wasslu għad-determinazzjoni ta' nuqqas serju. Ma għandux ikun fih rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni lill-Istat Membri evalwat fi żmien ġimagħtejn minn tmiem l-attività ta' evalwazzjoni.

L-Istat Membru evalwat għandu jipprovdi l-kummenti tiegħu dwar l-abbozz tar-rapport ta' evalwazzjoni fi żmien ħamest ijiem tax-xogħol minn meta jirċevih.

Abbażi ta' raġunijiet ta' urġenza imperattivi ġustifikati kif dovut li jirrigwardaw nuqqas serju, il-Kummissjoni għandha tadotta rapport ta' evalwazzjoni mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara t-tmiem tal-attività ta' evalwazzjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 29(4).

4. Fid-dawl tas-sejbiet, it-tim għandu jabbozza rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju bl-għan li jindirizzaw in-nuqqas serju identifikat fl-abbozz ta' rapport ta' evalwazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill biex jadotta r-rakkomandazzjonijiet ikkonċernati.

5. Il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjonijiet fi żmien ġimagħtejn minn meta jirċievi l-proposta.
Għandu jittrasmetti r-rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali.
Il-Kunsill għandu jistabbilixxi limiti taż-żmien għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet relatati ma' nuqqas serju u jispeċifika l-frekwenza tar-rapportar mill-Istat Membru evalwat lill-Kummissjoni u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni tiegħu.
6. L-Istat Membru evalwat għandu jippreżenta l-pjan ta' azzjoni lill-Kummissjoni u lill-Kunsill fi żmien xahar mill-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak il-pjan ta' azzjoni lill-Parlament Ewropew.
Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istat Membru evalwat osservazzjonijiet dwar l-adegwatezza tal-pjan ta' azzjoni fi żmien ġimagħtejn mill-preżentazzjoni tiegħu. Il-Kummissjoni għandha tibgħat l-osservazzjonijiet tagħha lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew.
7. Biex tivverifika l-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet relatati man-nuqqas serju, il-Kummissjoni għandha torganizza żjara mill-ġdid li għandha ssir mhux aktar tard minn sena mid-data tal-attività ta' evalwazzjoni.
Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, rapport ta' żjara mill-ġdid f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3). Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport ta' żjara mill-ġdid lill-Kunsill.
8. Il-Kunsill għandu jesprimi l-pożizzjoni tiegħu fuq ir-rapport.
9. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-intenzjoni tagħha li tagħlaq il-pjan ta' azzjoni.
Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Kunsill jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar l-għeluq propost.
Il-Kummissjoni, meta tiddeċiedi dwar jekk tagħlaqx il-pjan ta' azzjoni, għandha tqis dik il-pożizzjoni.
10. Jekk in-nuqqas serju jitqies li jikkostitwixxi theddida serja għall-ordni pubbliku jew għall-iskrutinju intern fiż-żona mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni, jew ksur sistematiku tad-drittijiet fundamentali, il-Kummissjoni, fuq inizzjattiva tagħha stess jew jekk tintalab mill-Parlament Ewropew jew minn Stat Membru, għandha tinforma immedjatament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill b'dan.

Artikolu 24

Dispożizzjonijiet speċifiċi għall-evalwazzjonijiet tal-ewwel darba

1. Ir-regoli stipulati fil-paragrafi 2 sa 3 għandhom japplikaw b'rabta mal-evalwazzjonijiet tal-ewwel darba.
2. Ir-rapport ta' evalwazzjoni abbozzat f'konformità mal-Artikolu 21(2), (3) u (4) ma għandux ikun fih rakkomandazzjonijiet. Fid-dawl tas-sejbiet, it-tim għandu jabbozza rakkomandazzjonijiet għal azzjonijiet ta' rimedju identifikati fl-abbozz ta' rapport ta' evalwazzjoni. Għandha tapplika l-kronoloġija fl-Artikolu 21(1) u (6).
Il-Kummissjoni għandha tippreżenta proposta lill-Kunsill biex jadotta r-rakkomandazzjonijiet ikkonċernati.

3. Il-Kunsill għandu jadotta rakkomandazzjonijiet fi żmien xahrejn minn meta jirċievi l-proposta.
Għandu jittrasmetti r-rakkomandazzjonijiet lill-Parlament Ewropew u lill-parlamenti nazzjonali.
Il-Kunsill jista' jistabilixxi limiti taż-żmien għall-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi.
Il-Kummissjoni għandha torganizza żjara mill-ġdid f'każ li r-rapport ta' evalwazzjoni kkonkluda li l-Istat Membru evalwat ma ssodisfax il-kundizzjonijiet meħtieġa biex japplika l-acquis ta' Schengen. Il-Kummissjoni għandha tadotta, permezz ta' att ta' implimentazzjoni r-rapport ta' żjara mill-ġdid f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 29(3). Il-Kummissjoni għandha tippreżenta r-rapport ta' żjara mill-ġdid lill-Kunsill.
4. Il-Kummissjoni għandha twettaq żjara ta' verifika qabel l-għeluq tal-pjan ta' azzjoni.
Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-eżitu taż-żjara ta' verifika u l-intenzjoni tagħha li tagħlaq il-pjan ta' azzjoni.
5. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Kunsill jesprimi l-pożizzjoni tiegħu dwar l-għeluq propost.
Il-Kummissjoni, meta tiddeċiedi dwar jekk tagħlaqx il-pjan ta' azzjoni, għandha tqis dik il-pożizzjoni.

Artikolu 25

Dispożizzjoni speċifika għall-evalwazzjonijiet tematiċi

L-Artikolu 24(2) u (3) għandu japplika għall-evalwazzjoni tematiċi.

Jekk l-evalwazzjoni tematika tidentifika nuqqas serju, għandu japplika l-Artikolu 23.

KAPITOLU V

DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 26

Informazzjoni sensittiva

1. It-timijiet għandhom iqisu kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul il-qadi ta' dmirijietom bħala kunfidenzjali.
2. L-istatus tal-klassifikazzjoni tar-rapporti għandu jiġi ddeterminat f'konformità mad-Deċiżjoni (UE, Euratom) 2015/444. Jistgħu jiġi kklassifikati wkoll bħala "EU RESTRICTED/RESTREINT UE" abbażi ta' rikjesta ġustifikata kif dovut tal-Istat Membru evalwat.
3. It-trażmissjoni u t-trattament tal-informazzjoni u d-dokumenti klassifikati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament għandhom isefhū f'konformità mar-regoli tas-sigurtà applikabbli. Tali regoli ma għandhomx jipprekludu informazzjoni milli tkun disponibbli għall-Parlament Ewropew u għall-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti msemmija fl-Artikolu 7.

Artikolu 27

Kundizzjonijiet għas-sehem tal-Irlanda

1. L-esperti tal-Irlanda għandhom jieħdu sehem biss fl-evalwazzjoni tal-parti tal-acquis ta' Schengen li l-Irlanda għet awtorizzata tiegħu sehem fiha.
2. L-evalwazzjonijiet għandhom ikopru biss l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti mill-Irlanda tal-parti tal-acquis ta' Schengen li għet awtorizzata tiegħu sehem fiha.
3. L-Irlanda għandha tiegħu sehem biss fl-adozzjoni tar-rakkomandazzjonijiet mill-Kunsill fir-rigward tal-parti tal-acquis ta' Schengen li għet awtorizzata tiegħu sehem fiha.

Artikolu 28

Rapportar lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill

Il-Kummissjoni għandha tippreżenta kull sena rapport komprensiv lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-evalwazzjonijiet li jkunu saru skont dan ir-Regolament. Dak ir-rapport għandu jsir pubbliku u għandu jkun jinkludi l-informazzjoni dwar l-evalwazzjonijiet li jkunu saru matul is-sena preċedenti, dwar il-konklużjonijiet li jkunu nsiltu minnhom u dwar is-sitwazzjoni tal-mument fir-rigward tal-azzjonijiet ta' rimedju meħuda mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha tibgħat dak ir-rapport lill-parlamenti nazzjonali. Il-Kunsill għandu jiddiskuti r-rapport u jadotta l-konklużjonijiet.

Artikolu 29

Proċedura ta' kumitat

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi assistita minn kumitat. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011. Fejn il-kumitat ma jagħti l-ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz ta' att ta' implimentazzjoni u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
4. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, flimkien mal-Artikolu 5 tiegħu.

Artikolu 30

Rieżami

Il-Kummissjoni twettaq rieżami tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tippreżenta rapport lill-Kunsill fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni kollha fir-rigward tal-evalwazzjonijiet koperti mill-ewwel programm ta' evalwazzjoni pluriennali adottat f'konformità ma' dan ir-Regolament. Tali rieżami għandu jkopri l-elementi kollha ta' dan ir-Regolament, inkluż it-tħaddim tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' atti taħt il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta dak ir-rapport lill-Parlament Ewropew.

Artikolu 31

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. L-ewwel programm ta' evalwazzjoni pluriennali skont dan ir-Regolament għandu jiġi stabbilit sal-[1 Novembru 2022] u għandu jibda fl-[1 Jannar 2023].

Dan il-programm għandu jqis l-evalwazzjonijiet kollha mwettqa skont it-tieni programm ta' evalwazzjoni pluriennali adottat skont ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 u għandu jiffassal bħala kontinwazzjoni ta' dak il-programm.

2. Il-kwestjonarju standard adottat skont ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 għandu jintuża sakemm jiġi stabbilit il-kwestjonarju standard previst skont l-Artikolu 14 ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 32

Tħassir

Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 jitħassar mill-[1 ta' Settembru 2022].

Ir-referenzi għar-Regolament imħassar għandhom jinftehemu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u għandhom jinqraw f'konformità mat-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness.

Artikolu 33

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-[1 ta' Settembru 2022].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal REGOLAMENT TAL-KUNSILL dwar it-twaqqif u l-operazzjoni ta' mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jiġverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Intestatura 4 - Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri

1.3. Titolu 11 - Ġestjoni tal-Fruntieri

Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

- azzjoni ġdida
- azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja⁴⁹
- l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti
- fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida

1.4. Objettiv(i)

1.4.1. Objettiv(i) ġenerali

Għadd sinifikanti ta' miżuri li jikkompensaw għan-nuqqas ta' kontrolli fil-fruntieri interni u jiggwarantixxu b'mod effettiv livell għoli ta' sigurtà jappoġġa lil Schengen. L-objettiv ġenerali ta' din il-proposta huwa li tiżgura li l-Istati Membri jimplimentaw mija fil-mija u b'mod korrett u effettiv dan is-sett ta' leġiżlazzjoni magħruf bħala l-acquis ta' Schengen li jagħmel it-tħaddim kif suppost taż-Żona Schengen possibbli.

L-acquis ta' Schengen jinkludi t-tliet pilastru li ġejjin:

- (1) miżuri fil-fruntieri esterni (ġestjoni tal-fruntieri esterni),
- (2) miżuri ta' kumpens (il-politika komuni dwar il-viżi, il-kooperazzjoni tal-pulizija, il-politika ta' ritorn u s-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen), kif ukoll rekwiżiti għall-protezzjoni tad-*data* personali u d-drittijiet fundamentali, u
- (3) mekkaniżmu robust ta' monitoraġġ.

L-objettiv ġenerali ta' din l-inizjattiva huwa li jitjeb il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen li jirrappreżenta t-tielet pilastru. Il-proposta għandha l-għan li tagħmel il-mekkaniżmu aktar effettiv billi jsir aktar flessibbli għar-realtajiet dejjem jinbidlu u aktar rapidu sabiex ikun jista' jiġi adattat biex jindirizzahom fil-pront u kif suppost mingħajr il-bżonn ta' emendi sussegwenti frekwenti.

1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

F'konformità mal-Programm ta' Ħidma tal-Kummissjoni għall-2021, din il-proposta hija parti mill-Objettiv ta' Politika dwar il-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew

⁴⁹ Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Tagħna, b'mod partikolari, l-Inizjattiva 34 fil-pakkett ta' Schengen, il-punt (b), emenda tar-Regolament li jistabbilixxi l-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen.

F'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013, il-Kummissjoni wettqet rieżami tal-operazzjoni tar-Regolament fi żmien sitt xhur mill-adozzjoni tar-rapporti kollha ta' evalwazzjoni taħt l-ewwel programm ta' evalwazzjoni pluriennali (2015-2019). Ir-rieżami kopra l-elementi kollha ta' dan ir-Regolament, inkluż it-tħaddim tal-proċeduri għall-adozzjoni ta' atti taħt il-Mekkaniżmu. Il-Kummissjoni ppreżentat ir-rieżami tagħha f'rapport⁵⁰ u dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanjah⁵¹ fil-25 ta' Novembru 2020. Ir-rieżami kkonstata li l-mekkaniżmu diġà wassal għal titjib tanġibbli fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri. Madankollu, identifika diversi nuqqasijiet li għandhom jiġu indirizzati:

(1) it-tul eċċessiv tal-proċess ta' evalwazzjoni (10-12-il xahar) u ż-żmien biex l-Istati Membri jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet (sentejn);

(2) in-nuqqas ta' għadd biżżejjed ta' esperti biex jieħdu sehem fl-evalwazzjonijiet b'ħames Stati Membri jipprovdu terz tal-esperti kollha u bi skarsezza kronika ta' esperti f'oqsma ta' politika speċifiċi;

(3) użu u effiċjenza subottimali taż-żjarat għal għarrieda kif ukoll tal-għodda l-oħra ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, b'mod partikolari l-evalwazzjonijiet tematiċi;

(4) segwitu u implimentazzjoni bil-mod tal-pjanijiet ta' azzjoni u nuqqas ta' approċċ komprensiv u konsistenti fir-rigward tal-monitoraġġ tal-implimentazzjoni;

(5) apparti l-evalwazzjoni tar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-*data*, il-valutazzjoni tar-rispett tad-drittijiet fundamentali fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mhijiex integrata biżżejjed fil-Mekkaniżmu.

Ir-rapport jindika li xi wħud minn dawn in-nuqqasijiet jistgħu jiġu indirizzati fil-livell operazzjonali, iżda oħrajn jirrikjedu l-ħtieġa ta' bidliet fil-leġiżlazzjoni biex jiċċaraw u jirrinforzaw ir-regoli u l-proċeduri fis-seħħ bl-għan li l-mekkaniżmu jkun kompletament adegwat għall-użu.

Bħala segwitu għall-konklużjonijiet tal-Ewwel Forum Schengen tat-30 ta' Novembru 2020 u f'konformità magħhom, il-Kummissjoni kellha sensiela ta' konsultazzjonijiet tekniċi u ħejjiet valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja din il-proposta.

Abbażi tal-eżiti ta' dawn l-inizjattivi u tal-konklużjonijiet dwar ir-rapport ta' Schengen, il-Kummissjoni identifikat l-oġettivi speċifiċi segwenti li għandhom jiġu indirizzati bis-saħħa tal-proposta attwali:

1. Oġettiv speċifiku nru 1: ***Jiżdied il-fokus strateġiku tal-Mekkaniżmu u jiġi żgurat użu aktar proporzjonat u aktar strateġiku tal-għodod varji ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ***: Dan huwa mistenni li jinkiseb billi jinżamm l-ambitu tal-evalwazzjonijiet filwaqt li titjeb l-adattabilità tiegħu għal realtjiet ġodda li dejjem jinbidlu, billi jiġu previsti regoli ta' programmazzjoni aktar flessibbli u durata estiża taċ-ċiklu ta' evalwazzjoni.

⁵⁰ Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-Funzjonament tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013. COM(2020)779 final.

⁵¹ SWD (2020)327 final.

2. Objettiv speċifiku nru 2: **Jiqsaru u jiġu ssimplifikati l-proċeduri biex il-proċess isir aktar effettiv u effiċjenti u tiżdied il-pressjoni mill-pari** biex jiġi indirizzat it-tul eċċessiv tal-proċeduri u l-piż amministrattiv marbut magħhom. Iġibu magħhom teħid tad-deċiżjonijiet rivedut li jixħet lenti fuq ir-rwol tal-Kunsill fl-aktar każijiet politikament rilevanti, regoli ta' segwitu mtejba, kif ukoll simplifikazzjonijiet sinifikanti (pereż. deklassifikazzjoni tar-rapporti ta' evalwazzjoni bħala regola, frekwenza ridotta tal-obbligi ta' rapportar mill-Istati Membri, ċerti limiti taż-żmien vinkolanti biex jitħaffef il-proċess).

3. Objettiv speċifiku nru 3: **Tissaħħaħ l-evalwazzjoni tar-rispett tas-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali skont l-acquis ta' Schengen** billi jiddaħħlu miżuri mmirati biex il-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali tiġi ssimplifikata u integrata aħjar fil-Mekkaniżmu u jitwieġbu l-appelli li ilhom isiru mill-partijiet ikkonċernati.

4. Objettiv speċifiku nru 4: **Jiġu ottimizzati s-sehem tal-esperti tal-Istati Membri u l-kooperazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, kif ukoll is-sinerġiji ma' mekkaniżmi oħra ta' evalwazzjoni u monitoraġġ, għal evalwazzjonijiet aktar immirati, strateġiċi u mfassla apposta:** Dan huwa meħtieġ biex jindirizza n-nuqqas ta' esperti kwalifikati għall-evalwazzjonijiet u l-iżbilanċ fir-rigward tal-kontributi tal-Istati Membri kif ukoll biex isir użu aħjar mir-riżorsi disponibbli fil-livelli nazzjonali u tal-UE, u biex jitjiebu s-sinerġiji ma' strumenti oħra. Il-proposta tistabbilixxi grupp permanenti ta' esperti kull sena ġestit mill-Kummissjoni, tipprovdi flessibilità rigward id-daqs tat-timijiet u żżid l-inċentivi għas-sehem. Il-bidliet proposti jimmassimizzaw l-input u jtejbu l-koordinazzjoni mal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni u mekkaniżmi oħra ta' kontroll tal-kwalità permezz ta' analiżi tar-riskju mtejba, koordinazzjoni mtejba u sehem imsaħħaħ b'obbligi legali ġodda.

1.4.3. *Riżultat(i) u impatt mistennija*

Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.

Il-moviment liberu huwa intrinsiku għall-Istil ta' Ħajja Ewropew tagħna, u biex tippreservah, l-UE jeħtiġilha tiżgura li l-Istati Membri japplikaw għalkollox u b'mod korrett l-acquis ta' Schengen.

Matul dawn l-aħħar snin, l-ispazju ta' moviment liberu ta' Schengen kien soġġett għal test minħabba sensiela ta' diffikultajiet ta' natura varja li jinvolvu l-kriżi migratorja, it-theddid terroristiku u l-konsegwenzi tal-imxija tal-COVID-19. Ir-realtajiet il-ġodda li ġie kkonfrontat bihom enfasizzaw il-ħtieġa li tittejjeb l-istruttura ta' governanza u l-ġhodod disponibbli biex Schengen jaħdem bla intoppi. Biex tindirizza dawn l-isfidi, il-President tal-Kummissjoni von der Leyen ħabbret fid-diskors dwar l-Istat tal-Unjoni tagħha tal-2020⁵², Strateġija ġdida dwar Schengen biex tiżgura spazju ta' moviment liberu li jaħdem għalkollox. Il-Kummissjoni, fil-Patt il-Ġdid dwar l-Ażil u l-Migrazzjoni, indikat li l-Istrateġija kienet se tgħaqqad inizjattivi leġiżlattivi u operazzjonali maħsuba li joħolqu Schengen aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti. Tali inizjattiva leġiżlattiva hija r-reviżjoni tal-Mekkaniżmu.

Il-programm ta' ħidma tal-Kummissjoni għall-2021⁵³ jikkonferma li biex jiġi ppreservat u jittejjeb it-tħaddim taż-żona Schengen, hemm bżonn li jiġu implimentati regoli ġodda. Fl-ambitu tal-objettiv ta' politika dwar il-Promozzjoni tal-Istil ta' Ħajja Ewropew Tagħna, il-Kummissjoni ħadet impenn li tippreżenta pakkett ta' Schengen

⁵² https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/SPEECH_20_1655.

⁵³ COM(2020) 690 final.

(l-azzjoni 34) li bħala wieħed mill-komponenti tiegħu jkollu l-Emenda tar-Regolament li jstabilixxi l-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni ta' Schengen, li għandu jiġi adottat fit-tieni trimestru tal-2021.

Il-proposta attwali hija element fundamentali tal-Istrateġija l-ġdida ta' Schengen tal-Kummissjoni. Għandha l-għan li tiżgura li l-Istati Membri japplikaw ir-regoli ta' Schengen b'mod effettiv, li jtejjeb il-fiduċja reċiproka bejniethom u jikkontribwixxi għat-tħaddim tajjeb tal-ispazju ta' moviment liberu.

1.4.4. *Indikaturi tal-prestazzjoni*

Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.

Ġiet żviluppata lista ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi mhux eżawrjenti biex isir monitoraġġ tal-kisba tal-bidliet proposti u li se tintuża għar-rieżami tar-Regolament.

Sabiex jitkejlu l-oqsma ta' simplifikazzjoni amministrattiva, tressqu l-indikaturi segwenti:

- L-għadd ta' emendi tal-programm ta' evalwazzjoni
- L-għadd ta' sejħiet għall-esperti
- L-għadd ta' proposti tal-Kummissjoni għal rakkomandazzjonijiet
- L-għadd ta' rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill
- L-għadd ta' Pjanijiet ta' Azzjoni ta' Valutazzjoni (Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni)
- L-għadd ta' Rapporti dwar il-progress

Biex jitkejjel is-suċċess għal kull objettiv speċifiku, li għalih jikkorrispondi objettiv operazzjonali, ġew żviluppati l-indikaturi segwenti:

- Għadd ta' evalwazzjonijiet għal għarrieda u tematiċi (medja fis-sena tul iċ-ċiklu) – objettiv speċifiku 1
- Diskussjoni fil-livell Ministerjali dwar is-sejbiet jew dwar is-sitwazzjoni tal-mument fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet – objettiv speċifiku 1
- Tul medju tal-proċess ta' evalwazzjoni – objettiv speċifiku 2
- Nuqqasijiet identifikati mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen pendenti għar-rimedju fi tmiem is-sena – objettiv speċifiku 2
- Għadd ta' osservaturi tal-FRA fl-Evalwazzjonijiet ta' Schengen – objettiv speċifiku 3
- Għadd ta' esperti mħarrġa fir-rigward tad-drittijiet fundamentali – objettiv speċifiku 3
- Għadd medju ta' esperti meħtieġa għal kull żjara ta' evalwazzjoni – objettiv speċifiku 4
- Proporzjon esperti maħtura/meħtieġa – objettiv speċifiku 4
- Għadd ta' analiżijiet tar-riskju jew rapporti oħra – objettiv speċifiku 4

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tiżviluppa għodda ġdida tal-IT biex timmodernizza l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mill-Istati Membri. Din l-għodda hija mistennija li tibda topera diġà fl-2021.

1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

1.5.1. *Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

L-objettiv kumplessiv tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen huwa li jivverifika l-applikazzjoni korretta tal-acquis ta' Schengen u, meta meħtieġ, jirrakkomanda titjib u jiżgura l-implimentazzjoni tiegħu.

Iż-żamma taż-żona Schengen bħala spazju ta' moviment liberu mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni tiddependi fuq mekkaniżmu effettiv u effiċjenti għall-evalwazzjoni tal-miżuri li għandhom jiġu implimentati fil-fruntieri esterni tal-UE u miżuri ta' kumpens bl-għan li jiżguraw il-libertà ta' moviment u livell għoli ta' sigurtà u ġustizzja fi spazju mingħajr kontrolli fil-fruntieri interni.

Iż-żona Schengen hija bbażata fuq fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fil-kapaċità tagħhom li jimplimentaw għalkollox ċerti miżuri fil-fruntieri esterni u miżuri ta' kumpens fit-territorji tagħhom, li jippermetti li jitneħħew il-kontrolli fil-fruntieri interni. Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen għandu oriġini ta' natura intergovernattiva li tmur lura għas-snin 90 meta l-evalwazzjonijiet kienu kompletament f'idejn l-Istati Membri, bil-Kummissjoni tiegħu sehem bħala osservatur. L-acquis ta' Schengen sar parti mill-qafas tal-Unjoni Ewropea bid-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Amsterdam fl-1999, li fetaħ il-possibbiltà għall-adozzjoni tal-bażi ġuridika tal-mekkaniżmu li hemm fis-seħħ bħalissa billi ttrasferixxa r-responsabbiltà għall-koordinazzjoni u l-organizzazzjoni kumplessiva tiegħu lill-Kummissjoni.

Mill-adozzjoni tar-Regolament dwar il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen⁵⁴ fl-2013 'il hawn, l-UE ffaċċjat sensiela ta' sfidi ġodda. Għaddiet minn kriżi migratorja bla preċedent li r-riperkussjonijiet tagħha wasslu għal realtazjiet ġodda kif ukoll sensiela ta' attackki terroristiċi. Ħabbtet wiċċha mal-pandemija tal-COVID-19 li għadha għaddejja u għadha timpedixxi li l-ħajja ta' kuljum taċ-ċittadini tibqa' miexja b'mod normali. Dan kollu ħareġ fid-deher il-fatt li r-regoli fis-seħħ bħalissa mhumiex adegwati biżżejjed biex jgħinu sabiex Schengen ilaħħaq ma' pressjonijiet ġodda li jfeġġu. Minħabba f'hekk, l-UE adottat għadd sinifikanti ta' inizjattivi, inkluż leġislazzjoni, fil-qasam tal-affarijiet interni biex tgħin sabiex ħtiġijiet ġodda li jfeġġu jiġu indirizzati b'mod effettiv.

Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen, madankollu, baqa' ma nbidilx u l-kapaċità tiegħu li jqis l-iżviluppi leġislattivi u ta' politika riċenti tpoġġiet f'diskussjoni.

F'konformità mal-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2012, il-Kummissjoni wettqet analiżi tat-tħaddim tal-Mekkaniżmu ta' Evalwazzjoni u Monitoraġġ ta' Schengen. L-eżiti ta' dan ir-rieżami⁵⁵ kkonkludew li l-Mekkaniżmu diġà wera l-valur miżjud sinifikanti tiegħu u kkontribwixxa għat-titjib tal-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri. Ikkonferma li l-Istati Membri qegħdin, kumplessivament, jimplimentaw l-acquis ta' Schengen b'mod adegwat u n-nuqqasijiet serji ġew indirizzati fil-pront. Minkejja dan il-progress, ir-rapport ikkonkluda li għad hemm ċerti nuqqasijiet u diversi Prattiki diverġenti bejn l-

⁵⁴ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2012.

⁵⁵ COM(2020) 779 final.

Istati Membri, li jista' jkollhom impatt fuq l-integrità u t-tħaddim taż-żona Schengen fil-futur.

B'segwitu għal dak li ħabbret il-President von der Leyen rigward il-preżentazzjoni ta' strateġija ġdida ta' Schengen u d-diskussjonijiet f'livell politiku għoli fl-Ewwel Forum Schengen tat-30 ta' Novembru 2020, il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt fid-dettall u konsultazzjonijiet komprensivi mal-partijiet ikkonċernati. Ir-riżultati kkonkludew li l-impatti pożittivi tal-Mekkaniżmu jistgħu jiġu kkonfermati mija fil-mija u l-valur miżjud tiegħu jista' jintwera bil-fatti. Madankollu, issuġġerew li sabiex il-Mekkaniżmu jsir aktar effettiv u effiċjenti, għandu jiġi rivedut b'tali mod li jsir aktar adegwat biex jindirizza sfidi li jfeġġu u biex jadatta għal realtajiet ġodda. Ġew identifikati wkoll ċerti aspetti proċedurali biex jittejjeb it-tħaddim tiegħu fil-prattika wara l-esperjenza tal-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni ta' ħames snin.

Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni qiegħda tiegħu l-inizjattiva li tressaq il-proposta attwali. Ir-Regolament propost għandu jiġi adottat bi proċedura leġiżlattiva speċjali f'konformità mal-Artikolu 70 tat-TFUE.

- 1.5.2. *Il-valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza tad-dritt, effettività akbar jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involvement tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur li b'mod ieħor kien kieku jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Il-valur miżjud tal-UE jinbet qabelxejn mis-sehem koordinat tal-Istati Membri, direttament u permezz tal-Kunsill, li joħloq bażi qawwija biex tiġi ġġenerata fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri meta mqabbel mal-evalwazzjonijiet fil-livell tal-Istati Membri. L-evalwazzjonijiet ikkoordinati fil-livell tal-UE jiffaċilitaw il-paragun tal-prattiki ta' implimentazzjoni bejn l-Istati Membri u valutazzjoni tal-effetti f'daqqa tal-implimentazzjoni fi Stati Membri differenti. Jagħmluha possibbli li jiġu identifikati nuqqasijiet li jfeġġu minn asimetriji u diverġenzi fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen li jistgħu jpoġġu f'riskju l-integrità ta' Schengen. Il-persjoni mill-pari li tirriżulta mill-Mekkaniżmu tista' toħloq inċentiv addizzjonali għall-implimentazzjoni korretta tal-acquis ta' Schengen. L-inizjattiva tnaqqas ir-riskju ta' ftiit Stati Membri li jerfġu piż sproporzjonat għat-tħaddim tal-Mekkaniżmu.

Il-proposta għandha l-għan li tittrasferixxi l-fokus tal-Mekkaniżmu fuq in-nuqqasijiet li jaf ikollhom effetti ħżiena fuq it-tħaddim sew ta' Schengen kollha kemm hi. Kwistjonijiet ta' portata limitata għandhom jiġu trattati fil-livell nazzjonali.

Il-miżuri proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkisbu l-oġettivi ġenerali u speċifiċi, filwaqt li jqisu l-prinċipju tas-sussidjarjetà, billi jstabbilixxu l-bażi għal koordinazzjoni mtejba bl-evalwazzjonijiet isiru taħt il-mekkaniżmi nazzjonali tal-kontroll tal-kwalità.

- 1.5.3. *Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Din il-proposta tissejjes fuq it-tagħlimiet meħuda mill-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013, li jipprevedi t-twettiq tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen abbażi ta' ċiklu ta' evalwazzjoni ta' ħames snin. Wara l-ewwel ċiklu ta' evalwazzjoni li jkopri l-perjodu 2014-2019, il-Kummissjoni rat fejn

wasal il-progress li sar u n-nuqqasijiet identifikati u ppreżentat l-eżiti f'rapport ta' Schengen⁵⁶. Fit-tnejn għall-proposta attwali, il-Kummissjoni tqis il-konklużjonijiet u r-rakkomandazzjonijiet ta' dan ir-rieżami kif ukoll il-perspettiva tal-partijiet ikkonċernati kkonsultati wara l-Ewwel Forum Schengen. Tqis ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill li ġew adottati dan l-aħħar⁵⁷ dwar it-tħaddim tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen (ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013) tad-19 ta' April 2021, li jikkonfermaw ir-rwol kruċjali tal-Mekkaniżmu biex jiżgura l-applikazzjoni effettiva u effiċjenti tal-acquis ta' Schengen u livell għoli ta' fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri fl-isparzu ta' moviment liberu. Dawn il-konklużjonijiet jistiednu wkoll lill-Kummissjoni tressaq inizjattivi għat-titjib tal-effiċjenza kumplessiva tal-Mekkaniżmu filwaqt li tiżgura l-flessibilità tiegħu.

1.5.4. *Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

Il-Kummissjoni tippreżenta din il-proposta bħala element essenzjali tal-Istrateġija ta' Schengen li tinkludi wkoll Komunikazzjoni politika dwar Schengen, fost dokumenti oħra. Timxi fuq il-passi tal-Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil ta' Settembru 2020.

Filwaqt li tirrappreżenta t-tielet pilastru tal-governanza ta' Schengen, din il-proposta ma taffettwax il-leġiżlazzjoni rilevanti għall-ewwel żewġ pilastru ta' Schengen (fruntieri esterni u miżuri ta' kumpens) iżda għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni aħjar tagħhom mill-Istati Membri.

Fis-snin imgħoddija, ir-rwol tal-korpi u l-aġenziji tal-Unjoni involuti fl-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen akkwista importanza ulterjuri. Biex tirrifletti dan l-iżvilupp, il-proposti tipprevedi l-evalwazzjoni u l-monitoraġġ, sa ċertu punt, tal-attivitajiet tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti, sa fejn il-persunal tagħhom ikun qiegħed iwettaq attivitajiet għan-nom tal-Istati Membri.

Il-Mekkaniżmu jipprovdi qafas legali robust li huwa wkoll flessibbli biex ikopri l-leġiżlazzjoni li qed tevolvi fl-intier tagħha rigward it-tħaddim taż-żona Schengen. Billi din il-leġiżlazzjoni dan l-aħħar għaddiet minn żviluppi dinamiċi li wieħed jista' jistenna li jkomplu fil-futur, din il-proposta hija mfassla b'tali mod li tagħmel il-Mekkaniżmu adattabbli għal evoluzzjoni prospettiva tal-acquis ta' Schengen mingħajr il-ħtieġa li jiġu sussegwentement emendati r-regoli għall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ tiegħu.

Xi wħud mill-atti legali fl-oqsma ta' politika koperti mill-Mekkaniżmu fihom l-għodod ta' evalwazzjoni u ta' monitoraġġ tagħhom stess. L-iżgurar tas-sinerġiji biex jiġu evitati duplikazzjonijiet u biex l-għodod ta' monitoraġġ settorjali jintużaw bla-aqwa mod huma previsti fil-proposta.

L-azzjonijiet b'implikazzjonijiet finanzjarji li huma pertinenti għal din il-proposta huma kompletament konformi mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Dawn l-azzjonijiet jinkludu l-finanzjament taż-żjarat ta' evalwazzjoni għall-esperti mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. Sa issa ż-żjarat ta' evalwazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 ġew ifffinanzjati mill-azzjonijiet tal-Unjoni tal-Fond għas-Sigurtà Interna / Fruntieri u viżi. Ladarba r-Regolament propost jidħol fis-seħħ, iż-

⁵⁶ COM(2020) 779 final.

⁵⁷ <https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-7939-2021-INIT/mt/pdf>

żjarat ta' evalwazzjoni organizzati li jaqgħu fil-kompetenza tiegħu, se jkunu eliġibbli għall-finanzjament bil-Faċilità Tematika tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jużaw ir-riżorsi mill-programmi tagħhom taħt il-BMVI meta jimplementaw ir-rakkomandazzjonijiet biex jindirizzaw b'mod adegwat kull vulnerabbiltà jew riskju identifikat b'segwitu għal evalwazzjoni ta' Schengen. Fl-aħħar nett, billi qiegħed jestendi ċ-ċikli ta' evalwazzjoni minn perjodu ta' ħames għal seba' snin, il-mekkaniżmu jipprevedi potenzjal biex jiġu żgurati sinerġiji aħjar mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali.

Il-proposta ma tinvolvi xi żieda fil-finanzjament meħtieġ meta mqabbel mal-finanzjament taż-żjarat ta' evalwazzjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013. Tipproponi regoli ġodda li għandhom l-għan li jtejbu l-effiċjenza u l-effettività bl-għan li jinkisbu riżultati aħjar b'riżorsi finanzjarji mhux immodifikati.

1.5.5. *Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Ir-riforma għandha l-għan li l-Mekkaniżmu tagħmlu aktar effiċjenti għall-partijiet kollha involuti (l-Istati Membri, il-Kummissjoni, il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni rilevanti). L-objettiv sottostanti mill-perspettiva tar-riżorsi huwa li jsir użu aħjar mir-riżorsi disponibbli filwaqt li ma jinqabżux ir-riżorsi umani u baġitarji eżistenti.

Huwa kruċjali li jiġi ċċarat li l-Mekkaniżmu mhuwiex strument li jqum il-flus. Fil-fatt, jiswja bejn wieħed u ieħor sa massimu ta' EUR 2 miljun fis-sena biex il-Kummissjoni torganizza ż-żjarat ta' evalwazzjoni u monitoraġġ.

Regoli ġodda proposti għat-twettiq taż-żjarat ta' evalwazzjoni u monitoraġġ jinkludu estensjoni taċ-ċikli ta' evalwazzjoni minn ħames għal seba' snin kif ukoll tnaqqis fit-tul medju taż-żjarat u fid-daqs medju tat-timijiet ta' evalwazzjoni u monitoraġġ. Dawn il-bidliet huma mistennija li jnaqqsu l-kostijiet kumplessivi taż-żjarat.

Il-Kummissjoni stmat li l-kostijiet tal-evalwazzjonijiet għal għarrieda (dawk l-aktar li jiswew flus minħabba d-durata tagħhom u l-għadd ta' esperti involuti) se jitnaqqsu b'madwar terz meta mqabbla ma' kif inhi s-sitwazzjoni attwali minħabba l-effett ikkombinat tad-durata mnaqqsa taż-żjarat, l-għadd ridott ta' esperti (flessibbiltà tad-daqs tat-timijiet) u l-ammont anqas ta' evalwazzjonijiet għal għarrieda (estensjoni taċ-ċiklu ta' evalwazzjoni). Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li l-Mekkaniżmu l-ġdid huwa mfassal b'tali mod li jivvaluta żviluppi ġodda tal-acquis ta' Schengen, li għadda minn evoluzzjoni sinifikanti matul dawn l-aħħar snin. L-effiċjenza tal-Mekkaniżmu l-ġdid b'hekk se tittejjeb aktar billi se jevalwa aktar obbligi leġislattivi għall-Istati Membri b'kostijiet anqas meta mqabbel mal-Mekkaniżmu li qiegħed jaħdem bħalissa. Mekkaniżmu.

1.6. **Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

durata limitata

- fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS
- Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-appropriazzjonijiet ta' pagament.

durata mhux limitata

Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija mid-dħul fis-seħħ, segwita minn operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)⁵⁸

Ġestjoni diretta mill-Kummissjoni

– mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– mill-aġenziji eżekuttivi

Ġestjoni kondiviża mal-Istati Membri

Ġestjoni indiretta billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investment;

– lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– lill-korpi tal-liġi pubblika;

– lill-korpi rregolati mil-liġi privata b' missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

– lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-*Titolu V tat-TUE*, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

Il-Kummissjoni se tkun inkarigata mill-ġestjoni kumplessiva tal-azzjonijiet li jkollhom implikazzjonijiet finanzjarji u jkunu direttament marbuta mal-implimentazzjoni operazzjonali tar-Regolament. Dawn jinvolvu l-finanzjament tal-organizzazzjoni taż-żjarat ta' evalwazzjoni u monitoraġġ bħall-ispejjeż tal-ivvjaġġar u l-akkomodazzjoni għall-esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni, inkluż għal dawk l-esperti li jkollhom status ta' osservatur.

Il-livell ta' nfiq meta mqabbel mar-riżorsi użati għat-twettiq taż-żjarat ta' evalwazzjoni u monitoraġġ skont ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 huwa stmat li se jibqa' l-istess.

2. MIŻURITA' ĠESTJONI

2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.

Ir-regoli għall-monitoraġġ u għar-rapportar huma previsti fl-Artikolu 28 u l-Artikolu 30 tal-proposta.

⁵⁸ Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: <https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/EN/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx>.

Il-Kummissjoni hija impenjata li kull sena tħejji għall-Parlament Ewropew u għall-Kunsill rapport komprensiv dwar l-evalwazzjonijiet li jkunu saru matul is-sena preċedenti, dwar il-konklużjonijiet li jkunu nsiltu minnhom u dwar is-sitwazzjoni tal-mument fir-rigward tal-azzjonijiet ta' rimedju meħuda mill-Istati Membri. Dan ir-rapport għandu jiġi kkomunikat lill-parlamenti nazzjonali.

Il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen li għadu kemm jiġi propost se jaħdem abbażi ta' ċikli ta' evalwazzjoni pluriennali ta' seba' snin. Ladarba jitlesta l-ewwel ċiklu u sitt xhur wara li jkunu ġew adottati r-rapporti ta' evalwazzjoni kollha, il-Kummissjoni twettaq rieżami dwar l-operazzjoni tar-Regolament.

Bħala parti mill-valutazzjoni tal-impatt u f'konformità mar-regoli dwar ir-regolamentazzjoni aħjar, ġiet żviluppata lista ta' indikaturi kwalitattivi u kwantitattivi mhux eżawrjenti li se tintuża għar-rieżami tar-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tiżviluppa għodda ġdida tal-IT biex timmodernizza l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni mill-Istati Membri. Din l-għodda hija mistennija li tibda topera diġà fl-2021.

2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta

Abbażi tal-esperjenza li rnekkiet fl-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen u l-finanzjament tiegħu taħt l-Azzjonijiet tal-Unjoni tal-Fond għas-Sigurtà Interna/Fruntieri u viżi permezz tal-ġestjoni diretta, il-Kummissjoni tipprevedi li żżomm il-prinċipji ta' finanzjament tal-mekkaniżmu l-ġdid. F'konformità mal-QFP il-ġdid, se tiġi appoġġata mill-Faċilità Tematika tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi permezz tal-ġestjoni diretta.

2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom

Id-DĠ HOME stabbilixxa sistema ta' kontroll intern mfassla apposta għall-karatteristiċi u ċ-ċirkostanzi partikolari tiegħu u fuq bażi regolari jivvaluta l-implimentazzjoni u t-tħaddim kumplessiv tagħha.

Id-DĠ HOME ma ffaċċjax riskji maġġuri ta' żbalji fil-programmi ta' nfiq tiegħu. Dan huwa kkonfermat mill-assenza rikorrenti ta' sejbiet sinifikanti fir-rapporti annwali tal-Qorti tal-Awdituri.

Permezz tal-ġestjoni diretta, il-Kummissjoni tappoġġa l-azzjonijiet li jikkontribwixxu għall-oġġettivi ta' politika komuni tal-Unjoni. Wieħed minn dawn l-oġġettivi huwa l-implimentazzjoni korretta, f'waqtha u effettiva tal-acquis ta' Schengen mill-Istati Membri li huwa żgurat mill-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen.

Il-finanzjament tal-mekkaniżmu attwali kien qiegħed jiġi kopert mill-azzjonijiet tal-Unjoni tal-Fond għas-Sigurtà Interna/ Fruntieri u viżi għall-perjodu 2014-2020. Mill-2021, għandu jiġi kopert mill-Faċilità Tematika tal-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi permezz tal-ġestjoni diretta. Il-Mekkaniżmu rivedut tal-futur se jkompli jibqa' jiġi ffinanzjat permezz tal-ġestjoni diretta taħt il-Faċilità Tematika l-ġdida.

2.2.3. *Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-“kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti”) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta’ żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Il-Kummissjoni tistinka biex tikseb l-oġhla standards tal-ġestjoni finanzjarja. Id-DĠ HOME implimenta kontrolli rigorużi u katini ċari ta’ obbligu ta’ rendikont biex jiżgura li r-riżorsi jkunu ntużaw f’konformità mal-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba, u li l-kontrolli kosteffettivi jagħtu l-garanziji meħtieġa fir-rigward tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet sottostanti. Il-Kummissjoni, biex turi l-impenn tagħha vis-à-vis l-aqwa użu tar-riżorsi finanzjarji, tistabbilixxi rata ta’ żball baxx ħafna bħala wieħed mill-għanijiet strateġiċi tagħha. Sabiex jilħaq dan l-għan, id-DĠ HOME implimenta miżuri biex jiżgura l-ġestjoni finanzjarja tajba tul il-ġestjoni tat-tranżazzjonijiet.

2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta’ frodi u ta’ irregolaritajiet

Speċifika l-miżuri ta’ prevenzjoni u ta’ protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.

Id-DĠ HOME żviluppa u jimplimenta l-istrateġija tiegħu stess kontra l-frodi abbażi tal-metodoloġija pprovduta mill-OLAF u f’konformità mal-Istrateġija tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi (CAFS). Se jkollu l-għan li jiżgura li l-kontrolli interni tiegħu kontra l-frodi jkunu allinjati mija fil-mija mal-CAFS u li l-approċċ tiegħu ta’ ġestjoni tar-riskju tal-frodi jkun attrezzat biex jidentifika l-oqsma b’riskju ta’ frodi u risposti adegwati.

Ir-RAA tal-2019 tad-DĠ HOME kkonkluda li l-proċessi ta’ prevenzjoni u identifikar tal-frodi ħadmu b’mod sodisfaċenti u għalhekk ikkontribwew għall-garanzija tal-kisba tal-oġettivi tal-kontroll intern.

L-Istrateġija Kontra l-Frodi tad-DĠ HOME bħalissa għaddejja minn reviżjoni bl-għan li tiġi allinjata mal-Istrateġija aġġornata tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi, filwaqt li l-kontrolli kontra l-frodi jitfasslu b’mod aħjar skont l-oqsma ta’ politika u l-operazzjonijiet tad-DĠ, u b’hekk jiżiedu l-effiċjenza u l-effettività tagħhom.

3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

Skont l-ordni tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta’ nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|-----------------|---------------------------------|-------------------------------------|--------------------------------------|--------------------|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff ⁵⁹ . | mill-pajjiżi tal-EFTA ⁶⁰ | mill-pajjiżi kandidati ⁶¹ | minn pajjiżi terzi | skont it-tifsira tal-Artikolu 21(2)(b) tar-Regolament Finanzjarju |
| | | | | | | |

⁵⁹ Diff. = Appropriazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Appropriazzjonijiet mhux differenzjati.

⁶⁰ EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.

⁶¹ Pajjiżi kandidati u, meta jkun applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

| | | | | | | |
|---|--|-------|----|----|-----|----|
| 4 | 11 02 01 - Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) | Diff. | LE | LE | IVA | LE |
|---|--|-------|----|----|-----|----|

Kumment: Ta' min jinnota li l-appropriazzjonijiet mitluba fil-kuntest tal-proposta huma koperti mill-appropriazzjonijiet diġà previsti fid-dikjarazzjoni finanzjarja leġislattiva li fuqha jissejjes ir-Regolament BMVI. Mhumiex jintalbu riżorsi finanzjarji u umani addizzjonali fil-kuntest ta' din il-proposta leġislattiva.

3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet

3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' appropriazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pozzizzjonijiet deċimali)

| | | |
|--|---|--------------------------------------|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 4 | Migrazzjoni u Ġestjoni tal-Fruntieri |
|--|---|--------------------------------------|

| DĠ: HOME | | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|-----------|----------|------|------|-------|-------|-------|-------|-------|--------|
| • Appropriazzjonijiet operazzjonali | | | | | | | | | | |
| Linja baġitarja ⁶² 11 02 01 Strument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u għall-Viżi (BMVI) | Impenji | (1a) | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |
| | Pagamenti | (2a) | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |
| | Impenji | | | | | | | | | |
| | Pagamenti | | | | | | | | | |
| Appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi ⁶³ | | | | | | | | | | |
| Mhux applikabbli | | (3) | | | | | | | | |
| TOTAL tal-appropriazzjonijiet għad-DĠ HOME | Impenji | =1a+1b+3 | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |
| | Pagamenti | =2a+2b+3 | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |

⁶² Skont in-nomenklatura tal-baġit uffiċjali.

⁶³ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

| | | | | | | | | | | |
|---|-----------|-------|--|--|-------|-------|-------|-------|-------|--------|
| • TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi | | (6) | | | | | | | | |
| TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURA 4 tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | =4+ 6 | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |

| | | | | | | | | | | |
|--|-----------|-------|--|--|-------|-------|-------|-------|-------|--------|
| • TOTAL tal-appropriazzjonijiet operazzjonali (l-intestaturi operazzjonali kollha) | Impenji | (4) | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |
| | Pagamenti | (5) | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |
| TOTAL tal-appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett ta' programmi speċifiċi (l-intestaturi operazzjonali kollha) | | (6) | | | | | | | | |
| TOTAL tal-appropriazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 6 tal-qafas finanzjarju pluriennali (Ammont ta' referenza) | Impenji | =4+ 6 | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |
| | Pagamenti | =5+ 6 | | | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 2,005 | 10,025 |

| | | |
|--|----------|-------------------------|
| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | “Nefqa amministrattiva” |
|--|----------|-------------------------|

Jenħtieġ li din it-taqsimha timentela billi tintuża d-“*data* baġitarja ta’ natura amministrattiva” li, qabel kollox, trid tiġi introdotta fl-[Anness tad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva](#) (l-Anness V tar-regoli interni), li jittella’ fid-DECIDE għall-finijiet ta’ konsultazzjoni bejn is-servizzi.

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|------------------------------|---------------------|-------------------------|------|-------|-------|-------|-------|-------|---------------|
| DĠ: HOME | | | | | | | | | |
| • Riżorsi umani | | Mhux applikabbli | | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 12,440 |
| • Nefqa amministrattiva oħra | | Mhux applikabbli | | | | | | | |
| TOTAL DĠ HOME | Approprjazzjonijiet | Mhux applikabbli | | | | | | | |

| | | | | | | | | | |
|--|---|------------------|--|-------|-------|-------|-------|-------|---------------|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta’ impenji = Total ta’ pagamenti) | Mhux applikabbli | | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 12,440 |
|--|---|------------------|--|-------|-------|-------|-------|-------|---------------|

miljuni ta’ EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | | | | | | | | |
|---|-----------|--|--|-------|-------|-------|-------|-------|--------|
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | | | 4,493 | 4,493 | 4,493 | 4,493 | 4,493 | 22,465 |
| | Pagamenti | | | 4,493 | 4,493 | 4,493 | 4,493 | 4,493 | 22,465 |

3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-appropriazzjonijiet operazzjonali

Appropriazzjonijiet ta' impenn f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Indika l-objettivi u l-outputs ↓ | Tip ⁶⁴ | Kost medju | 2021 | | 2022 | | 2023 | | 2024 | | 2025 | | 2026 | | 2027 | | TOTAL | |
|--|--|------------|---------|------|------|------|------|------|------|------|------|------|------|------|------|------|-------|------|
| | | | OUTPUTS | | | | | | | | | | | | | | | |
| | | | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1 ⁶⁵ Jiġu evitati l-lakuni u jiżded il-fokus strateġiku | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | Diskussjoni fil-livell Ministerjali kull sena dwar is-sejbiet jew dwar is- | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | Rapportar mill-Kummissjoni dwar il-mekkaniżmu kull sena | | 1 | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 It-tqassim tal-kompiti u r-responsabbiltajiet jiġu rrazzjonalizzati, u jiġu ssimplifikati u mħaffa l-proċessi u l-proċeduri | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

⁶⁴ L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

⁶⁵ Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi..."

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|---|---|-------|---------|---|---|-------|---|-------|---|-------|---|-------|---|-------|---|-------|---|-------|
| - Output | Tul medju tal-proċess ta' evalwazzjoni - adozzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni fi żmien erba' xhur miż-żjara ta' evalwazzjoni | | 4 xhur | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | Numru evalwazzjonijiet tematiċi kull sena | 0,142 | - | - | 1 | 0,142 | 1 | 0,142 | 1 | 0,142 | 1 | 0,142 | 1 | 0,142 | 1 | 0,142 | 5 | 0,710 |
| - Output | Għadd ta' esperti li jieħdu sehem fi żjarat b'avviż minn qabel u żjarat mill-ġdid | 0,005 | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | Proċedura ta' segwitu – l-Istati Membri għandhom jippreżentaw pjan ta' azzjoni biex jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet xahrejn wara l-adozzjoni tar-rapport ta' evalwazzjoni | | Xahrejn | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-oġġettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | 1,743 | | 1,743 | | 1,743 | | 1,743 | | 1,743 | | 1,743 | | 8,715 |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 3 Tisshahh l-implimentazzjoni tas-salvagwardji tad-drittijiet fundamentali skont l-acquis ta' Schengen | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
|--|--|-------------|--|---|--|---|--------------|-------|--------------|-------|--------------|-------|--------------|-------|--------------|-------|--------------|-------|---------------|-------|
| - Output | Għadd ta' analiżijiet tar-riskju jew rapporti oħra kull sena | 4 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | Għadd ta' taħriġ dwar id-drittijiet fundamentali kull sena | 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 3 | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 4 Jiġi ottimizzat is-sehem tal-esperti tal-Istati Membri u l-involviment tal-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-UE... | | | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | Proporzjon esperti maħtura/meħtieġa | 1 jew aktar | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | Ghodka tal-IT Koel | 0,110 | | | | 1 | 0,110 | 1 | 0,110 | 1 | 0,110 | 1 | 0,110 | 1 | 0,110 | 1 | 0,110 | 1 | 0,550 | |
| - Output | Għadd ta' taħriġ, inkluż dwar id-drittijiet fundamentali kull sena | 0,012 | | - | | - | 1 | 0,012 | 1 | 0,012 | 1 | 0,012 | 1 | 0,012 | 1 | 0,012 | 1 | 0,012 | 5 | 0,060 |
| - Output | Taħriġ dwar il-Viżi | 0,140 | | - | | - | 1 | 0,140 | 1 | 0,140 | 1 | 0,140 | 1 | 0,140 | 1 | 0,140 | 1 | 0,140 | 5 | 0,700 |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 4 | | | | | | | 0,262 | | 0,262 | | 0,262 | | 0,262 | | 0,262 | | 0,262 | | 1,310 | |
| TOTALI | | | | | | | 2,005 | | 2,005 | | 2,005 | | 2,005 | | 2,005 | | 2,005 | | 10,025 | |

3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' appropriazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | 2021 ⁶⁶ | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|--|--------------------|------|------|------|------|------|------|-------|
|--|--------------------|------|------|------|------|------|------|-------|

| | | | | | | | | |
|---|--|--|-------|-------|-------|-------|-------|---------------|
| INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 12,440 |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | | |
| Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 12,440 |

| | | | | | | | | |
|---|--|--|--|--|--|--|--|--|
| Barra mill-INTESTATURA 7⁶⁷ of the multiannual financial framework | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|--------------|--|--|-------|-------|-------|-------|-------|---------------|
| TOTAL | | | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 2,488 | 12,440 |
|--------------|--|--|-------|-------|-------|-------|-------|---------------|

L-appropriazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-appropriazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassegnati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

⁶⁶ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

⁶⁷ Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji “BA”), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.1. Ir-reqwiziti stmati ta' riżorsi umani

- Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani.
- Il-proposta/l-inizjattiva teħtiegħ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

L-istima trid tiġi espressa f'unitajiet ekwivalenti għall-full-time

| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|--------------------------|------|-------------|-------------|-------------|-------------|-------------|
| • Pożizzjonijiet fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju) | | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | | 14,7 | 14,7 | 14,7 | 14,7 | 14,7 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| • Persunal estern (f'Unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE)⁶⁸ | | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-“pakkett globali”) | | | 3 | 3 | 3 | 3 | 3 |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | | |
| XX 01 xx yy zz⁶⁹ | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT - Riċerka diretta) | | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | | |
| TOTAL | | | 17,7 | 17,7 | 17,7 | 17,7 | 17,7 |

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokkazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokkazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---------------------------------|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | <p>Persunal AD: Definizzjoni, implimentazzjoni u koordinazzjoni tal-iżviluppi politiċi, leġislattivi u operazzjonali rigward il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen, il-ġestjoni tal-Fruntieri Esterni u l-governanza ta' Schengen u l-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen fl-oqsma ta' politika rilevanti.</p> <p>Persunal AST: Tmexxija tal-appoġġ operazzjonali u amministrattiv kif ukoll ġestjoni tal-operat u tal-ippjanar għall-evalwazzjoni ta' Schengen</p> <p>Persunal SC: Għoti ta' appoġġ operazzjonali u amministrattiv lill-Unità u assistenza lill-Kap tal-Unità</p> |
| Persunal estern | <p>Definizzjoni, implimentazzjoni u koordinazzjoni tal-iżviluppi politiċi, leġislattivi u operazzjonali rigward il-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni ta' Schengen, il-ġestjoni tal-Fruntieri Esterni u l-governanza ta' Schengen u l-implimentazzjoni tal-acquis ta' Schengen fl-oqsma ta' politika rilevanti.</p> |

⁶⁸ AC= Persunal bil-Kuntratt; AL = Persunal Lokali; END = Espert Nazzjonali Sekondar; INT = Persunal tal-Aġenzji; JPD = Professionisti Subalterni f'Delegazzjonijiet.

⁶⁹ Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji “BA”).

3.2.4. *Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

Spjega liema riprogrammazzjoni hija meħtieġa, billi tispjega l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. Ipprova tabella Excel f'każ ta' riprogrammazzjoni kbira.

- teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

Spjega x'inhom meħtieġ, billi tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw.

- teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

Spjega x'inhom meħtieġ, billi tispjega l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti.

3.2.5. *Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

- ma tippredix kofinanzjament minn partijiet terzi
- tippredix l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f' miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena N ⁷⁰ | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Total |
|-------------------------------------|----------------------|----------|----------|----------|--|--|--|-------|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |

⁷⁰ Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi n-“N” bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

| | | | | | | | | |
|--|--|--|--|--|--|--|--|--|
| TOTAL tal-appropriazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |
|--|--|--|--|--|--|--|--|--|

3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

- Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.
- Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:
 - fuq ir-riżorsi proprji
 - fuq dħul ieħor

(2) indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa

miljuni ta' EUR (sa tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Appropriazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja kurrenti | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva ⁷¹ | | | | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
|---------------------------|--|---|----------|----------|----------|--|--|--|--|
| | | Sena N | Sena N+1 | Sena N+2 | Sena N+3 | | | | |
| Artikolu | | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

| |
|--|
| |
|--|

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

| |
|--|
| |
|--|

⁷¹ Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.